Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

►B

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) Nru 833/2014

tal-31 ta' Lulju 2014

dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukraina

(ĠU L 229, 31.7.2014, p. 1)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 960/2014 tat-8 ta' Settembru 2014	L 271	3	12.9.2014
►M2	Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1290/2014 tal-4 ta' Diċembru 2014	L 349	20	5.12.2014
►M3	Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1797 tas-7 ta' Ottubru 2015	L 263	10	8.10.2015
►M4	Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/2212 tat-30 ta' Novembru 2017	L 316	15	1.12.2017
►M5	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1163 tal-5 ta' Lulju 2019	L 182	33	8.7.2019
►M6	Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/262 tat-23 ta' Frar 2022	L 42 I	74	23.2.2022
►M7	Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/328 tal-25 ta' Frar 2022	L 49	1	25.2.2022
►M8	Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/334 tat-28 ta' Frar 2022	L 57	1	28.2.2022
►M9	Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/345 tal-1 ta' Marzu 2022	L 63	1	2.3.2022
►M10	Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/350 tal-1 ta' Marzu 2022	L 65	1	2.3.2022
►M11	Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/394 tad-9 ta' Marzu 2022	L 81	1	9.3.2022
►M12	Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/428 tal-15 ta' Marzu 2022	L 87 I	13	15.3.2022
►M13	Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/576 tat-8 ta' April 2022	L 111	1	8.4.2022
►M14	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/595 tal-11 ta' April 2022	L 114	60	12.4.2022
►M15	Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/879 tat-3 ta' Ġunju 2022	L 153	53	3.6.2022

►**M16**	Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/1269 tal-21 ta' Lulju 2022	L 193	1	21.7.2022
►**M17**	Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/1904 tas-6 ta' Ottubru 2022	L 259 I	3	6.10.2022

Ikkoreġut minn:

►**C1** Emendi, Ġ.U. L 246, 21.8.2014, p. 59 (833/2014)
►**C2** Emendi, Ġ.U. L 55, 28.2.2022, p. 78 (2022/262)
►**C3** Emendi, Ġ.U. L 114, 12.4.2022, p. 212 (2022/328)
►**C4** Emendi, Ġ.U. L 114, 12.4.2022, p. 214 (833/2014)
►**C5** Emendi, Ġ.U. L 119, 21.4.2022, p. 114 (2022/394)
►**C6** Emendi, Ġ.U. L 190, 19.7.2022, p. 191 (2022/576)
►**C7** Emendi, Ġ.U. L 202, 2.8.2022, p. 58 (2022/576)

▼B

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) Nru 833/2014

tal-31 ta' Lulju 2014

dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukraina

▼M7

Artikolu 1

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "prodotti u teknoloġija b'użu doppju" tfisser il-prodotti elenkati fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]);

(b) "awtoritajiet kompetenti" tfisser l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kif identifikati fuq is-siti web elenkati fl-Anness I;

(c) "assistenza teknika" tfisser kwalunkwe appoġġ tekniku relatat ma' tiswijiet, żvilupp, manifattura, muntaġġ, ittestjar, manutenzjoni, jew kwalunkwe servizz tekniku ieħor, u jista' jieħu forom bħal struzzjonijiet, pariri, taħriġ, trażmissjoni ta' tagħrif prattiku jew ħiliet jew servizzi ta' konsulenza, inkluż forom ta' assistenza verbali;

(d) "servizzi ta' senserija" tfisser:

(i) in-negozjar jew l-arranġament ta' tranżazzjonijiet għax-xiri, bejgħ jew il-forniment ta' prodotti u ta' teknoloġija jew ta' servizzi finanzjarji u tekniċi, inklużi dawk minn pajjiż terz lil kwalunkwe pajjiż terz ieħor; jew

(ii) il-bejgħ jew ix-xiri ta' prodotti u teknoloġija, jew ta' servizzi finanzjarji u tekniċi, inklużi fejn jinsabu f'pajjiżi terzi biex jiġu ttrasferiti lejn pajjiż terz ieħor;

(e) "servizzi ta' investiment" tfisser is-servizzi u l-attivitajiet li ġejjin:

(i) it-teħid u t-trażmissjoni ta' ordnijiet rigward strument finanzjarju wieħed jew iktar;

(ii) it-twettiq ta' ordnijiet f'isem il-klijenti;

(iii) in-negozju fl-isem stess ta' dak li jkun;

(iv) il-ġestjoni ta' portafolli;

(v) il-konsulenza dwar l-investiment;

(vi) is-sottoskrizzjoni ta' strumenti finanzjarji u/jew it-tqegħid ta' strumenti finanzjarji fuq bażi soda ta' impenn;

(vii) it-tqegħid ta' strumenti finanzjarji mhux fuq bażi soda ta' impenn;

(viii) kwalunkwe servizz relatat mal-ammissjoni għan-negozjar f'suq irregolat jew il-kummerċ f'faċilità multilaterali tan-negozjar;

([1]) Ir-Regolament (UE) 2021/821 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2021 li jistabbilixxi reġim tal-Unjoni għall-kontroll tal-esportazzjonijiet, is-senserija, l-assistenza teknika, it-transitu u t-trasferiment ta' oġġetti b'użu doppju (riformulazzjoni) (ĠU L 206, 11.6.2021, p. 1).

▼M11

(f) “titoli trasferibbli” tfisser il-klassijiet segwenti ta' titoli, inklużi dawk fil-forma ta’ kriptoassi, li huma negozjabbli fis-suq kapitali, bl-eċċezzjoni tal-istrumenti ta' ħlas:

▼M7

(i) ishma f’kumpaniji jew titoli oħra ekwivalenti għall-ishma f’kumpaniji, sħubijiet jew entitajiet oħra, ċertifikati ta’ depożitu rigward l-ishma;

(ii) il-kambjali jew għamliet oħra ta’ dejn titolizzat, inklużi l-irċevuti depożitarji rigward dawn it-titoli,

(iii) kull titolu ieħor li jagħti d-dritt għax-xiri jew bejgħ ta’ kwalunkwe tali titolu trasferibbli jew li jwassal għal saldu fi flus iddeterminat b’referenza għal titoli trasferibbli;

(g) “strumenti tas-suq tal-flus” tfisser dawk il-klassijiet ta' strumenti li jiġu normalment innegozjati fis-suq tal-flus, bħalma huma l-kambjali tat-teżor, iċ-ċertifikati tad-depożitu u studji kummerċjali u tesk-ludi strumenti tal-pagament;

(h) “istituzzjoni ta’ kreditu” tfisser impriża, li n-negozju tagħha jkun li tieħu depożiti jew fondi oħra ripagabbli mingħand il-pubbliku u li tagħti krediti f’isimha stess;

(i) “territorju tal-Unjoni” tfisser it-territorji tal-Istati Membri li għalihom huwa applikabbli t-Trattat, taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti fit-Trattat, inkluż l-ispazju tal-ajru tagħhom;

(j) “depożitorju ċentrali tat-titoli” tfisser persuna ġuridika kif definita fil-punt 1 tal-Artikolu 2(1) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]);

(k) “depożitu” tfisser bilanċ ta’ kreditu li jirriżulta minn fondi li jitħallew f’kont jew minn sitwazzjonijiet temporanji li joħorġu minn tranżazzjonijiet bankarji normali u li l-istituzzjoni ta’ kreditu għandha tħallas lura b’konformità mal-kundizzjonijiet legali u kuntrattwali applikabbli, inkluż depożitu ta’ żmien fiss u depożitu ta’ tfaddil, iżda eskluż bilanċ ta’ kreditu fejn:

(i) l-eżistenza tiegħu tista’ tintwera biss permezz ta’ strument finanzjarju kif definit fl-Artikolu 4(1)(15) tad-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), sakemm ma jkunx prodott ta’ tfaddil li huwa evidenti permezz ta’ ċertifikat ta’ depożitu mogħti lil persuna msemmija u li jeżisti fi Stat Membru Stat fit-2 ta’ Lulju 2014;

(ii) il-kapital mhux ripagabbli b’parità;

(iii) il-kapital tiegħu huwa ripagabbli biss b’parità b’garanzija jew ftehim partikolari mogħti mill-istituzzjoni ta’ kreditu jew parti terza;

([1]) Ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta’ Lulju 2014 dwar titjib fis-saldu tat-titoli fl-Unjoni Ewropea u dwar depożitorji ċentrali tat-titoli u li jemenda d-Direttivi 98/26/KE u 2014/65/UE u r-Regolament (UE) Nru 236/2012 (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 1).

([2]) Id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta’ Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 349)

▼M7

(l) “skemi ta’ ċittadinanza b’investiment” (jew “passaporti tad-deheb”) tfisser il-proċeduri stabbiliti minn Stat Membru li jippermettu liċ-ċittadini ta’ pajjiżi terzi jiksbu n-nazzjonalità tagħhom bi skambju għal pagamenti u investimenti predeterminati;

(m) “skemi tar-residenza b’investiment” (jew “viżi tad-deheb”) tfisser il-proċeduri li jiddaħħlu fis-seħħ minn Stat Membru (jew “viżi tad-deheb”) li jippermettu lil ċittadini ta’ pajjiżi terzi jiksbu permessi ta’ residenza fi Stat Membru fi skambju għal pagamenti u investimenti predeterminati;

(n) “ċentru tan-negozjar”, kif definit fl-Artikolu 4(1) (24) tad-Direttiva 2014/65/UE, tfisser suq regolat, faċilità multilaterali tan-negozjar (MTF, multilateral trading facility) jew faċilità organizzata tan-negozjar (OTF, organised trading facility);

(o) “finanzjament jew assistenza finanzjarja” tfisser kwalunkwe azzjoni, irrispettivament mill-mezzi partikolari li jintgħażlu, li biha l-persuna, l-entità jew il-korp ikkonċernati, kundizzjonalment jew inkundizzjonalment, jiżborżaw jew jimpenjaw ruħhom li jiżborżaw fondi jew riżorsi ekonomiċi tagħhom stess inklużi, iżda mhux limitati għal għotjiet, self, garanziji, rahan, bonds, ittri ta’ kreditu, krediti tal-fornitur, krediti tax-xerrej, avvanzi fuq l-importazzjoni jew l-esportazzjoni u t-tipi kollha ta’ assigurazzjoni u riassigurazzjoni, inkluża assigurazzjoni tal-kreditu għall-esportazzjoni; il-pagament kif ukoll it-termini u l-kundizzjonijiet tal-pagament tal-prezz miftiehem għal prodott jew servizz, li jsiru skont il-prattika kummerċjali normali, ma jikkostitwux finanzjament jew assistenza finanzjarja;

(p) “pajjiż sieħeb” tfisser dawk il-pajjiż li japplika sett ta’ miżuri ta’ kontroll tal-esportazzjoni sostanzjalment ekwivalenti għal dawk stabbiliti f’dan ir-Regolament elenkati fl-Anness VIII;

(q) “apparat ta’ komunikazzjoni għall-konsumatur” tfisser apparat użat minn individwi privati bħal kompjuters personali u periferali (inklużi hard drives u printers), telefons mobbli, televixins intelliġenti, apparat tal-memorja (USB drives), u software għall-konsumatur għal dawn l-oġġetti kollha;

▼M8

(r) “trasportatur bl-ajru Russu” tfisser impriża tat-trasport bl-ajru li jkollha liċenzja operattiva valida jew ekwivalenti maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti tal-Federazzjoni Russa;

▼M12

(s) “klassifikazzjoni ta’ kreditu” tfisser opinjoni dwar is-solvibbiltà ta’ entità, debitu jew obbligu finanzjarju, garanzija ta’ debitu, sehem privileġġati jew strument finanzjarju ieħor, jew ta’ emittent ta’ tali debitu jew obbligu finanzjarju, garanzija ta’ debitu, sehem privileġġati jew strument finanzjarju ieħor, maħruġin bl-użu ta’ sistema ta’ klassifikazzjoni stabbilita u definita ta’ kategoriji ta’ klassifikazzjoni;

(t) “attivitajiet ta’ klassifikazzjoni ta’ kreditu” tfisser analiżi ta’ *data* u informazzjoni u l-evalwazzjoni, l-approvazzjoni, il-ħruġ u r-rieżami ta’ klassifikazzjonijiet ta’ kreditu.

▼M12

(u) “settur tal-enerġija” tfisser settur li jkopri l-attivitajiet li ġejjin bl-eċċezzjoni ta’ attivitajiet relatati man-nukleari ċivili:

(i) l-esplorazzjoni, il-produzzjoni, id-distribuzzjoni fir-Russja jew l-estrazzjoni taż-żejt mhux maħdum, il-gass naturali jew il-fjuwils fossili solidi, ir-raffinar tal-fuels, il-likwefazzjoni tal-gass naturali jew ir-rigassifikazzjoni;

(ii) il-manifattura jew id-distribuzzjoni fir-Russja ta’ prodotti ta’ fuels fossili solidi, prodotti taż-żejt raffinat jew gass; jew

(iii) il-kostruzzjoni ta' faċilitajiet jew l-installazzjoni ta’ tagħmir għal, jew il-forniment ta’ servizzi, tagħmir jew teknoloġija għal, attivitajiet relatati mal-ġenerazzjoni tal-enerġija jew il-produzzjoni tal-elettriku;

▼M13

(v) “Direttivi dwar l-akkwist pubbliku” tfisser id-Direttivi 2014/23/UE ([1]), 2014/24/UE ([2]), 2014/25/UE ([3]) u 2009/81/KE ([4]) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

(w) “impriża tat-trasport bit-triq” tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp involuti fit-trasport tal-merkanzija permezz ta’ vetturi bil-mutur jew kombinazzjonijiet ta’ vetturi, għal skopijiet kummerċjali.

▼M7

Artikolu 2

1. Għandu jiġi pprojbit il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni, diretti jew indiretti, tal-prodotti u t-teknoloġija elenkati fl-Annessi I jew II, kemm jekk joriġinaw fl-Unjoni kif ukoll jekk le, lil kwalunkwe persuna, entità Russa jew korp Russu jew għall-użu fir-Russja.

2. Għandu jiġi pprojbit li:

(a) jingħataw għajnuna teknika, servizzi ta’ senserija jew servizzi oħrajn relatati mal-prodotti jew it-teknoloġija msemmija fil-paragrafu 1 u l-forniment, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta’ dawk il-prodotti u t-teknoloġija, b'mod dirett jew indirett lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fir-Russja jew għall-użu fir-Russja;

([1]) Id-Direttiva 2014/23/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta’ Frar 2014 dwar l-għoti ta’ kuntratti ta’ konċessjoni (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 1).

([2]) Id-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta’ Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 65).

([3]) Id-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta’ Frar 2014 dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali u li tħassar id-Direttiva 2004/17/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 243).

([4]) Id-Direttiva 2009/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta’ Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni tal-proċeduri għall-għoti ta’ ċerti kuntratti ta’ xogħlijiet, provvisti u servizzi minn awtoritajiet jew entitajiet kontraenti fl-oqsma tad-difiża u s-sigurtà, u li temenda d-Direttiva 2004/17/KE u d-Direttiva 2004/18/KE (ĠU L 216, 20.8.2009, p. 76).

▼M7

(b) jingħataw finanzjament jew għajnuna finanzjarja relatati mal-prodotti u t-teknoloġija msemmija fil-paragrafu 1 għal kwalunkwe bejgħ, forniment, trasferiment jew esportazzjoni ta' dawk il-prodotti jew it-teknoloġija, jew għall-għoti ta' għajnuna teknika relatata, servizzi ta' senserija jew servizzi oħra, b'mod dirett jew indirett lil kwalunkwe persuna ġuridika jew fiżika, entità jew korp fir-Russja, jew għall-użu fir-Russja.

3. Mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti ta' awtorizzazzjoni b'konformità mar-Regolament (UE) 2021/821, il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu ma għandhomx japplikaw għall-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' prodotti u teknoloġija b'użu doppju jew għall-forniment relatat ta' assistenza teknika u finanzjarja, għal użu mhux militari u għal utent aħħari mhux militari, maħsuba għal:

(a) skopijiet umanitarji, emerġenzi tas-saħħa, il-prevenzjoni jew il-mitigazzjoni urġenti ta' avveniment li x'aktarx ikollu impatt serju u sinifikanti fuq is-saħħa u s-sikurezza tal-bniedem jew tal-ambjent jew bħala rispons għal diżastri naturali;

(b) skopijiet mediċi jew farmaċewtiċi;

(c) l-esportazzjoni temporanja ta' oġġetti għall-użu mill-media tal-aħbarijiet;

(d) aġġornamenti ta' software;

(e) l-użu bħala apparat ta' komunikazzjoni tal-konsumatur; jew

▼M16

_____

▼M7

(g) l-użu personali tal-persuni fiżiċi li jivvjaġġaw lejn ir-Russja jew membri tal-familji immedjati tagħhom li jivvjaġġaw magħhom, u limitat għal oġġetti personali, oġġetti tad-dar, vetturi jew għodod tal-kummerċ li huma proprjetà ta' dawk l-individwi u mhux maħsuba għall-bejgħ.

▼M16

Bl-eċċezzjoni tal-punt (g) tal-ewwel subparagrafu, fid-dikjarazzjoni doganali l-esportatur għandu jiddikjara li l-oġġetti qed jiġu esportati skont l-eċċezzjoni rilevanti stabbilita f'dan il-paragrafu u għandu jinnotifika lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' residenza jew ta' stabbiliment tal-esportatur dwar l-ewwel użu tal-eċċezzjoni rilevanti fi żmien 30 jum mid-data meta sseħħ l-ewwel esportazzjoni.

▼M7

4. Permezz tad-deroga mill-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu, u mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti ta' awtorizzazzjoni b'konformità mar-Regolament (UE) 2021/821, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' prodotti u teknoloġija b'użu doppju jew il-forniment ta' assistenza teknika jew finanzjarja relatata, għal użu mhux militari u għal utent aħħari mhux militari, wara li jkunu ddeterminaw li tali prodotti jew teknoloġija jew l-assistenza teknika jew finanzjarja relatata huma:

▼M7

(a) maħsuba għall-kooperazzjoni bejn l-UE, il-gvernijiet tal-Istati Membri u l-gvern tar-Russja fi kwistjonijiet purament ċivili;

(b) maħsuba għall-kooperazzjoni intergovernattiva fi programmi spazjali;

(c) maħsuba għat-tħaddim, il-manutenzjoni, it-trattament mill-ġdid tal-fjuwil u s-sikurezza tal-kapaċitajiet nukleari ċivili, kif ukoll il-kooperazzjoni nukleari ċivili, b'mod partikolari fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp;

(d) maħsuba għas-sigurtà marittima;

▼M13

(e) maħsuba għal networks elettroniċi tal-komunikazzjonijiet ċivili mhux disponibbli għall-pubbliku, li mhumiex proprjetà ta' entità fejn l-Istat għandu l-kontroll totali jew il-kontroll ta' aktar minn 50 % tagħha;

▼M7

(f) maħsuba għall-użu esklużiv ta' entitajiet proprjetà, kontroll esklużiv jew konġunt ta' persuna ġuridika, entità jew korp li huma inkorporati jew kostitwiti taħt il-liġi ta' Stat Membru jew ta' pajjiż sieħeb;

(g) maħsuba għar-rappreżentanzi diplomatiċi tal-Unjoni, tal-Istati Membri u ta' pajjiżi sħab, inklużi delegazzjonijiet, ambaxxati u missjonijiet;

▼M16

(h) maħsuba għall-iżgurar taċ-ċibersigurtà u s-sigurtà tal-informazzjoni għal persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi fir-Russja għajr għall-gvern u għall-impriżi tagħha li huma kkontrollati direttament jew indirettament minn dak il-gvern.

▼M7

5. Permezz tad-deroga mill-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu, u mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti ta' awtorizzazzjoni b'konformità mar-Regolament (UE) 2021/821, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' prodotti u teknoloġija b'użu doppju jew il-forniment ta' assistenza teknika jew finanzjarja relatata, għal użu mhux militari u għal utent aħħari mhux militari, wara li jkunu ddeterminaw li tali oġġetti jew teknoloġija jew l-assistenza teknika jew finanzjarja relatata jkunu dovuti b'konformità ma' kuntratti konklużi qabel is-26 ta' Frar 2022, jew kuntratti anċillari neċessarji għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratt, dment li l-awtorizzazzjoni tintalab qabel l-1 ta' Mejju 2022.

6. L-awtorizzazzjonijiet kollha meħtieġa skont dan l-Artikolu għandhom jingħataw mill-awtoritajiet kompetenti skont ir-regoli u l-proċeduri stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/821, li għandhom japplikaw *mutatis mutandis*. L-awtorizzazzjoni għandha tkun valida fl-Unjoni kollha.

7. Meta jkunu qed jiddeċiedu dwar talbiet għall-awtorizzazzjonijiet msemmija fil-paragrafi 4 u 5, l-awtoritajiet kompetenti ma għandhomx jagħtu awtorizzazzjoni jekk kemm-il darba jkollhom raġunijiet validi biex jaħsbu li:

▼M13

(i) l-utent finali jista' jkun utent finali militari, persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fl-Anness IV jew li l-oġġetti jista' jkollhom użu finali militari, sakemm il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' oġġetti u teknoloġija msemmija fil-paragrafu 1 jew l-għoti ta' assistenza teknika jew finanzjarja relatata ma jkunux permessi skont il-paragrafu 1(a) tal-Artikolu 2b;

▼M13

(ii) il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni tal-oġġetti u t-teknoloġija msemmija fil-paragrafu 1 jew l-għoti ta' assistenza teknika jew finanzjarja relatata maħsuba għas-settur tal-avjazzjoni jew tal-industrija spazjali, sakemm tali bejgħ, forniment, trasferiment jew esportazzjoni jew l-għoti ta' assistenza teknika jew finanzjarja relatata ma jkunux permessi skont il-paragrafu 4(b); jew

▼M12

(iii) il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' oġġetti u teknoloġija msemmija fil-paragrafu 1 jew il-forniment ta' assistenza teknika jew finanzjarja relatata huma maħsuba għas-settur tal-enerġija, sakemm tali bejgħ, forniment, trasferiment jew esportazzjoni jew l-assistenza teknika jew finanzjarja relatata ma jkunux permessi taħt l-eċċezzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 3 sa 6 tal-Artikolu 3.

▼M7

8. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jannullaw, jissospendu, jimmodifikaw jew jirrevokaw awtorizzazzjoni, li jkunu taw skont il-paragrafi 4 u 5 jekk iqisu li tali annullament, sospensjoni, modifika jew revoka hija meħtieġa għall-implimentazzjoni effettiva ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2a

1. Għandu jkun ipprojbit il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni, direttament jew indirettament, tal-prodotti u t-teknoloġija li jistgħu jikkontribwixxu għat-titjib militari u teknoloġiku tar-Russja, jew għall-iżvilupp tas-settur tad-difiża u s-sigurtà, kif elenkat fl-Anness VII, kemm jekk joriġinaw fl-Unjoni kif ukoll jekk le, lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fir-Russja jew għall-użu fir-Russja.

2. Għandu jiġi pprojbit li:

(a) jingħataw għajnuna teknika, servizzi ta' senserija jew servizzi oħrajn relatati mal-prodotti jew it-teknoloġija msemmija fil-paragrafu 1 u l-forniment, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta' dawn il-prodotti u t-teknoloġija, b'mod dirett jew indirett lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fir-Russja jew għall-użu fir-Russja;

(b) jingħataw finanzjament jew għajnuna finanzjarja relatati mal-prodotti u t-teknoloġija msemmija fil-paragrafu 1 għal kwalunkwe bejgħ, forniment, trasferiment jew esportazzjoni ta' dawk il-prodotti jew it-teknoloġija, jew għall-għoti ta' għajnuna teknika relatata, servizzi ta' senserija jew servizzi oħra, b'mod dirett jew indirett lil kwalunkwe persuna ġuridika jew fiżika, entità jew korp fir-Russja, jew għall-użu fir-Russja.

3. Il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għall-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni tal-prodotti u teknoloġija msemmija fil-paragrafu 1 jew għall-forniment relatat ta' assistenza teknika u finanzjarja, għal użu mhux militari u għal utent aħħari mhux militari, maħsuba għal:

(a) skopijiet umanitarji, emerġenzi tas-saħħa, il-prevenzjoni jew il-mitigazzjoni urġenti ta' avveniment li x'aktarx ikollu impatt serju u sinifikanti fuq is-saħħa u s-sikurezza tal-bniedem jew tal-ambjent, jew bħala rispons għal diżastri naturali;

▼M7

(b) skopijiet mediċi jew farmaċewtiċi;

(c) l-esportazzjoni temporanja ta’ oġġetti għall-użu mill-media tal-aħbarijiet;

(d) aġġornamenti ta’ software;

(e) l-użu bħala apparat ta’ komunikazzjoni tal-konsumatur; jew

▼M16

_____

▼M7

(g) l-użu personali tal-persuni fiżiċi li jivvjaġġaw lejn ir-Russja jew membri tal-familji immedjati tagħhom li jivvjaġġaw magħhom, u limitat għal oġġetti personali, oġġetti tad-dar, vetturi jew għodod tal-kummerċ li huma proprjetà ta’ dawk l-individwi u mhux maħsuba għall-bejgħ.

▼M16

Bl-eċċezzjoni tal-punt (g) tal-ewwel subparagrafu, fid-dikjarazzjoni doganali l-esportatur għandu jiddikjara li l-oġġetti qed jiġu esportati skont l-eċċezzjoni rilevanti stabbilita f’dan il-paragrafu u għandu jinnotifika lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta’ residenza jew ta’ stabbiliment tal-esportatur dwar l-ewwel użu tal-eċċezzjoni rilevanti fi żmien 30 jum mid-data meta sseħħ l-ewwel esportazzjoni.

▼M7

4. Permezz tad-deroga mill-paragrafi 1 u 2, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni tal-prodotti u teknoloġija msemmija fil-paragrafu 1 jew il-forniment ta’ assistenza teknika jew finanzjarja relatata, għal użu mhux militari u għal utent aħħari mhux militari, wara li jiddeterminaw li tali prodotti jew teknoloġija jew l-assistenza teknika jew finanzjarja relatata huma:

(a) maħsuba għall-kooperazzjoni bejn l-Unjoni, il-gvernijiet tal-Istati Membri u l-Gvern tar-Russja fi kwistjonijiet purament ċivili;

(b) maħsuba għall-kooperazzjoni intergovernattiva fi programmi spazjali;

(c) maħsuba għat-tħaddim, il-manutenzjoni, it-trattament mill-ġdid tal-fjuwil u s-sikurezza tal-kapaċitajiet nukleari ċivili, kif ukoll il-kooperazzjoni nukleari ċivili, b’mod partikolari fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp;

(d) maħsuba għas-sigurtà marittima;

▼M13

(e) maħsuba għal networks elettroniċi tal-komunikazzjonijiet ċivili mhux disponibbli għall-pubbliku, li mhumiex proprjetà ta’ entità fejn l-Istat għandu l-kontroll totali jew il-kontroll ta’ aktar minn 50 % tagħha;

▼M7

(f) maħsuba għall-użu esklużiv ta’ entitajiet proprjetà, kontroll esklużiv jew konġunt ta’ persuna ġuridika, entità jew korp li huma inkorporati jew kostitwiti taħt il-liġi ta’ Stat Membru jew ta’ pajjiż sieħeb;

(g) maħsuba għar-rappreżentanzi diplomatiċi tal-Unjoni, tal-Istati Membri u ta’ pajjiżi sħab, inklużi delegazzjonijiet, ambaxxati u missjonijiet; jew

▼M16

(h) maħsuba għall-iżgurar taċ-ċibersigurtà u s-sigurtà tal-informazzjoni għal persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi fir-Russja għajr għall-gvern u għall-impriżi tagħha li huma kkontrollati direttament jew indirettament minn dak il-gvern;

▼M7

5. Permezz tad-deroga mill-paragrafi 1 u 2, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni tal-prodotti u teknoloġija msemmija fil-paragrafu 1 jew il-forniment ta' assistenza teknika jew finanzjarja relatata, għal użu mhux militari u għal utent aħħari mhux militari, wara li jkunu ddeterminaw li tali oġġetti jew teknoloġija jew l-assistenza teknika jew finanzjarja relatata jkunu dovuti b'konformità ma' kuntratti konklużi qabel is-26 ta' Frar 2022, jew kuntratti anċillari neċessarji għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratt, dment li l-awtorizzazzjoni tintalab qabel l-1 ta' Mejju 2022.

6. L-awtorizzazzjonijiet kollha meħtieġa skont dan l-Artikolu għandhom jingħataw mill-awtoritajiet kompetenti skont ir-regoli u l-proċeduri stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/821, li għandhom japplikaw *mutatis mutandis*. L-awtorizzazzjoni għandha tkun valida fl-Unjoni kollha.

7. Meta jkunu qed jiddeċiedu dwar talbiet għall-awtorizzazzjonijiet msemmija fil-paragrafi 4 u 5, l-awtoritajiet kompetenti ma għandhomx jagħtu awtorizzazzjoni jekk kemm-il darba jkollhom raġunijiet validi biex jaħsbu li:

▼M13

(i) l-utent finali jista' jkun utent finali militari, persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fl-Anness IV jew li l-oġġetti jista' jkollhom użu finali militari, sakemm il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni tal-oġġetti u t-teknoloġija msemmija fil-paragrafu 1 jew l-għoti ta' assistenza teknika jew finanzjarja relatata ma jkunux permessi skont il-paragrafu 1 tal-Artikolu 2b;

(ii) il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni tal-oġġetti u t-teknoloġija msemmija fil-paragrafu 1 jew l-għoti ta' assistenza teknika jew finanzjarja relatata maħsuba għas-settur tal-avjazzjoni jew tal-industrija spazjali, sakemm tali bejgħ, forniment, trasferiment jew esportazzjoni jew l-għoti ta' assistenza teknika jew finanzjarja relatata ma jkunux permessi skont il-paragrafu 4(b); jew

▼M12

(iii) il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' oġġetti u teknoloġija msemmija fil-paragrafu 1 jew il-forniment ta' assistenza teknika jew finanzjarja relatata huma maħsuba għas-settur tal-enerġija, sakemm tali bejgħ, forniment, trasferiment jew esportazzjoni jew l-assistenza teknika jew finanzjarja relatata ma jkunux permessi taħt l-eċċezzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 3 sa 6 tal-Artikolu 3.

▼M7

8. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jannullaw, jissospendu, jimmodifikaw jew jirrevokaw awtorizzazzjoni, li jkunu taw skont il-paragrafi 4 u 5 jekk iqisu li tali annullament, sospensjoni, modifika jew revoka hija meħtieġa għall-implimentazzjoni effettiva ta dan ir-Regolament.

▼M17

Artikolu 2aa

1. Għandu jkun ipprojbit il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni, diretta jew indiretta, ta' armi tan-nar, il-partijiet u l-komponenti essenzjali u l-munizzjon tagħhom kif elenkat fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 258/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), kemm jekk joriġinaw mill-Unjoni kif ukoll jekk le, lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fir-Russja jew għall-użu fir-Russja.

2. Għandhom ikunu pprojbiti:

(a) l-għoti ta' assistenza teknika, servizzi ta' senserija jew servizzi oħrajn relatati mal-oġġetti msemmijin fil-paragrafu 1 u mal-forniment, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta' dawk l-oġġetti, direttament jew indirettament lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fir-Russja jew għall-użu fir-Russja;

(b) l-għoti ta' finanzjament jew għajnuna finanzjarja relatati mal-oġġetti msemmijin fil-paragrafu 1 għal kwalunkwe bejgħ, forniment, trasferiment jew esportazzjoni ta' dawk l-, jew għall-għoti ta' assistenza teknika relatata, servizzi ta' senserija jew servizzi oħra, b'mod dirett jew indirett lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fir-Russja, jew għall-użu fir-Russja.

▼M7

Artikolu 2b

▼M12

1. Fir-rigward tal-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, l-entitajiet jew il-korpi elenkati fl-Anness IV, b'deroga mill-Artikolu 2(1) u (2) u l-Artikolu 2a(1) u (2), u mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti ta' awtorizzazzjoni skont ir-Regolament (UE) 2021/821, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw biss il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' oġġetti u teknoloġija b'użu doppju, u oġġetti u teknoloġija elenkati fl-Anness VII, jew l-għoti ta' assistenza teknika jew finanzjarja relatata wara li jkunu ddeterminaw li:

▼M7

(a) tali prodotti jew teknoloġija jew l-assistenza teknika jew finanzjarja relatata jkunu meħtieġa għall-prevenzjoni jew il-mitigazzjoni urġenti ta' avveniment li probabbilment ikollu impatt serju u sinifikanti fuq is-saħħa u s-sikurezza tal-bniedem jew l-ambjent; jew

([1]) Ir-Regolament (UE) Nru 258/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2012 li jimplimenta l-Artikolu 10 tal-Protokoll tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-iffabrikar illeċitu ta' u l-ittraffikar fl-armi tan-nar, il-partijiet, komponenti u ammunizzjoni tagħhom, li tissupplimenta l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-kriminalità organizzata transnazzjonali (il-Protokoll tan-NU dwar l-Armi tan-Nar) u li jistabbilixxi awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni, u miżuri rigward l-importazzjoni u t-transitu għall-armi tan-nar, il-partijiet u l-komponenti tagħhom u l-ammunizzjoni (ĠU L 94, 30.3.2012, p. 1).

▼M7

(b) tali prodotti jew teknoloġija jew l-assistenza teknika jew finanzjarja relatata jkunu dovuti skont kuntratti konklużi qabel is-26 ta' Frar 2022, jew kuntratti anċillari meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratt, dment li l-awtorizzazzjoni tintalab qabel l-1 ta' Mejju 2022.

2. L-awtorizzazzjonijiet kollha meħtieġa skont dan l-Artikolu għandhom jingħataw mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru skont ir-regoli u l-proċeduri stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/821, li għandhom japplikaw *mutatis mutandis*. L-awtorizzazzjoni għandha tkun valida fl-Unjoni kollha.

3. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jannullaw, jissospendu, jimmodifikaw jew jirrevokaw awtorizzazzjoni, li jkunu taw skont il-paragrafu 1 jekk iqisu li tali annullament, sospensjoni, modifika jew revoka hija meħtieġa għall-implimentazzjoni effettiva ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2c

1. Kull meta jkun possibbli, in-notifika lill-awtorità kompetenti msemmija fl-Artikolu 2(3) u 2a(3) għandha tiġi ppreżentata b'mezzi elettroniċi, kulfejn possibbli fuq formoli li fihom tal-inqas l-elementi kollha tal-mudelli stabbiliti fl-Anness IX.

2. Kull meta jkun possibbli, l-awtorizzazzjonijiet kollha msemmija fl-Artikoli 2a, 2b u 2b għandhom jinħarġu b'mezzi elettroniċi, fejn possibbli fuq formoli li fihom tal-inqas l-elementi kollha u fl-ordni tal-mudelli stabbiliti fl-Anness IX.

Artikolu 2d

▼M9

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiskambjaw informazzjoni dwar awtorizzazzjonijiet mogħtija u ċ-ċaħdiet li jinħarġu skont l-Artikoli 2, 2a u 2b mal-Istati Membri l-oħra u l-Kummissjoni. L-iskambju tal-informazzjoni għandu jsir permezz tas-sistema elettronika prevista skont l-Artikolu 23(6) tar-Regolament (UE) 2021/821.

▼M7

2. L-informazzjoni riċevuta b'riżultat tal-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu għandha tintuża biss għall-iskop li tkun intalbet għalih, inkluż l-iskambji msemmija fil-paragrafu 4.

L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jiżguraw il-protezzjoni tal-informazzjoni kunfidenzjali miksuba fl-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu f'konformità mal-liġi tal-Unjoni u mal-liġi nazzjonali rispettiva.

L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jiżguraw li l-informazzjoni kklassifikata pprovduta jew skambjata taħt dan l-Artikolu ma tiġix degradata jew deklassifikata mingħajr il-kunsens bil-miktub minn qabel tal-oriġinatur.

▼M7

3. Qabel ma Stat Membri jagħti awtorizzazzjoni skont l-Artikolu 2, 2a u 2b għal tranżazzjoni li hija essenzjalment identika għal tranżazzjoni li tkun is-soġġett ta' ċaħda li tkun għadha valida maħruġa minn Stat Membru ieħor jew minn Stati Membri oħra, l-ewwel għandu jikkonsulta lill-Istat Membru jew Stati Membri li jkunu ħarġu ċ-ċaħda. Jekk, wara dawn il-konsultazzjonijiet, l-Istat Membru kkonċernat jiddeċiedi li jagħti l-awtorizzazzjoni, huwa għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni b'dan, filwaqt li jipprovdi l-informazzjoni relevanti kollha biex jispjega d-deċiżjoni.

▼M11

3a. Meta Stat Membru jagħti awtorizzazzjoni f'konformità mal-Artikoli 2(4)(d), 2a(4)(d) u 3f(4) għall-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni tal-prodotti u t-teknoloġija maħsuba għas-sikurezza marittima, huwa għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni fi żmien ġimgħatejn mill-awtorizzazzjoni.

▼M9

4. Il-Kummissjoni, f'konsultazzjoni mal-Istati Membri għandha, fejn xieraq u fuq il-bażi ta' reċiproċita', tiskambja informazzjoni ma' pajjiżi sħab, bil-ħsieb li tappoġġa l-effettività tal-miżuri ta' kontroll tal-esportazzjoni skont dan ir-Regolament u l-applikazzjoni konsistenti ta' miżuri ta' kontroll tal-esportazzjoni applikati minn pajjiżi sħab.

▼M7

Artikolu 2e

1. Għandu jkun ipprojbit li jingħataw finanzjament pubbliku jew assistenza finanzjarja għall-kummerċ jew għall-investiment fir-Russja.

2. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 1 ma għandhiex tapplika għal:

a. impenji vinkolanti ta' finanzjament jew ta' assistenza finanzjarja stabbiliti qabel is-26 ta' Frar 2022;

▼M11

b. il-forniment ta' finanzjament pubbliku jew assistenza finanzjarja sal-valur totali ta' EUR 10 000 000 għal kull proġett li minnu jibbenefikaw l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju stabbiliti fl-Unjoni; jew

▼M7

c. forniment ta' finanzjament pubbliku jew assistenza finanzjarja għall-kummerċ tal-ikel, u għal skopijiet agrikoli mediċi jew umanitarji.

▼M9

3. Għandu jkun ipprojbit li wieħed jinvesti, jipparteċipa jew jikkontribwixxi b'xi mod ieħor għal proġetti kofinanzjati mill-Fond Russu tal-Investiment Dirett.

4. B'deroga mill-paragrafu 3, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw, taħt dawk il-kundizzjonijiet li huma jqisu xierqa, xi parteċipazzjoni ta' investiment fi, jew kontribuzzjoni għal, proġetti kofinanzjati mill-Fond Russu tal-Investiment Dirett, wara li jkunu ddeterminaw li tali parteċipazzjoni ta' investiment jew kontribuzzjoni tkun dovuta taħt kuntratti konklużi qabel it-2 ta' Marzu 2022 jew kuntratti anċillari meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratti.

▼M10

Artikolu 2f

1. Għandu jkun ipprojbit għall-operaturi li jxandru jew jgħinu, jiffaċilitaw jew inkella li jagħtu kontribut biex jixxandar kwalunkwe kontenut mill-persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi elenkati fl-Anness XV, inkluż permezz tat-trażmissjoni jew id-distribuzzjoni bi kwalunkwe mezz bħal cable, satellita, IP-TV, fornituri ta' servizzi tal-internet, pjattaformi jew applikazzjonijiet ta' video-sharing tal-internet, kemm jekk ġodda kif ukoll jekk installati minn qabel.

2. Kwalunkwe liċenzja jew awtorizzazzjoni tax-xandir, trażmissjoni u arranġament ta' distribuzzjoni mal-persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi elenkati fl-Anness XV għandhom jiġu sospiżi.

▼M15

3. Għandu jkun ipprojbit ir-reklamar ta' prodotti jew servizzi fi kwalunkwe kontenut prodott jew imxandar mill-persuni ġuridiċi, l-entitajiet jew il-korpi elenkati fl-Anness XV, inkluż permezz ta' trażmissjoni jew distribuzzjoni permezz ta' kwalunkwe wieħed mill-mezzi msemmija fil-paragrafu 1.

▼M12

Artikolu 3

1. Għandu jkun projbit il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni, direttament jew indirettament, ta' oġġetti jew teknoloġija, kif elenkati fl-Anness II, kemm jekk joriġinaw fl-Unjoni kif ukoll jekk le, lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fir-Russja, inkluża ż-Żona Ekonomika Esklużiva u l-Blata Kontinentali tagħha, jew għall-użu fir-Russja, inkluża ż-Żona Ekonomika Esklużiva u l-Blata Kontinentali tagħha.

2. Għandu jkun ipprojbit:

(a) il-forniment ta' assistenza teknika, servizzi ta' senserija jew servizzi oħrajn relatati mal-oġġetti jew teknoloġija msemmija fil-paragrafi 1 u l-forniment, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta' dawn l-oġġetti u t-teknoloġija, b'mod dirett jew indirett lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fir-Russja, jew għall-użu fir-Russja;

(b) il-forniment ta' finanzjament jew għajnuna finanzjarja relatati mal-oġġetti u t-teknoloġija msemmija fil-paragrafi 1 għal kwalunkwe bejgħ, forniment, trasferiment jew esportazzjoni ta' dawn l-oġġetti u t-teknoloġija, jew għall-forniment ta' għajnuna teknika relatata, servizzi ta' senserija jew servizzi oħra, b'mod dirett jew indirett lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fir-Russja, jew għall-użu fir-Russja.

3. Il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għall-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' oġġetti jew teknoloġija, jew għall-forniment ta' assistenza teknika jew finanzjarja meħtieġa għal:

▼M15

(a) it-trasport ta' gass naturali u żejt, inkluż prodotti miż-żejt raffinat, sakemm mhux ipprojbiti skont l-Artikolu 3m jew 3n, mir-Russja jew li jgħaddi mir-Russja lejn l-Unjoni; jew

▼M12

(b) il-prevenzjoni jew il-mitigazzjoni urġenti ta' avveniment li x'aktarx ikollhom impatt serju u sinifikanti fuq is-saħħa u s-sikurezza tal-bniedem jew l-ambjent.

▼**M12**

4. Il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għall-eżekuzzjoni sas-17 ta' Settembru 2022 ta' obbligu li jirriżulta minn kuntratt konklużż qabel is-16 ta' Marzu 2022, jew kuntratti anċillari meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratt, dment li l-awtorità kompetenti tkun ġiet infurmata mill-inqas ħamest ijiem ta' xogħol minn qabel.

5. Il-projbizzjonijiet fil-paragrafu 2 ma għandhomx japplikaw għall-forniment ta' assigurazzjoni jew riassigurazzjoni lil kwalunkwe persuna ġuridika, entità jew korp li huma inkorporati jew kostitwiti skont il-liġi ta' Stat Membru fir-rigward tal-attivitajiet tagħhom barra mis-settur tal-enerġija fir-Russja.

6. B'deroga mill-paragrafi 1 u 2 l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw, b'dawk il-kundizzjonijiet li huma jqisu xierqa, il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni, u l-forniment ta' assistenza teknika jew finanzjarja, wara li jkunu ddeterminaw li:

(a) dan huwa meħtieġ biex tiġi żgurata provvista kritika tal-enerġija fl-Unjoni; jew

(b) huwa maħsub għall-użu esklussiv ta' entitajiet proprjetà ta', jew kontrollati biss jew b'mod konġunt minn persuna ġuridika, entità jew korp li huwa inkorporat jew kostitwit skont il-liġi ta' Stat Membru.

7. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni li jagħti skont il-paragrafu 6 fi żmien ġimagħtejn mill-awtorizzazzjoni.

Artikolu 3a

1. Għandu jkun ipprojbit:

(a) L-akkwist ta' kwalunkwe parteċipazzjoni ġdida jew l-estensjoni ta' kwalunkwe parteċipazzjoni eżistenti fi kwalunkwe persuna ġuridika, entità jew korp inkorporati jew kostitwiti skont il-liġi tar-Russja jew ta' kwalunkwe pajjiż terz ieħor u li joperaw fis-settur tal-enerġija fir-Russja;

(b) l-għoti jew sehem minn kwalunkwe arranġament għall-għoti ta' xi self jew kreditu ġdid jew b'xi mod ieħor il-forniment ta' finanzjament, inkluż kapital ta' ekwità, lil kwalunkwe persuna ġuridika, entità jew korp inkorporati jew kostitwiti skont il-liġi tar-Russja jew ta' kwalunkwe pajjiż terz ieħor u li joperaw fis-settur tal-enerġija fir-Russja, jew għall-iskop dokumentat ta' finanzjament ta' tali persuna ġuridika, entità jew korp;

(c) il-ħolqien ta' kwalunkwe impriża ġdida bi sħab ma' kwalunkwe persuna ġuridika, entità jew korp inkorporati jew kostitwiti skont il-liġi tar-Russja jew ta' kwalunkwe pajjiż terz ieħor u li joperaw fis-settur tal-enerġija fir-Russja;

(d) il-forniment ta' servizzi ta' investiment li jkunu direttament relatati mal-attivitajiet imsemmija fil-punti minn (a), (b) u (c).

2. B'deroga mill-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw, b'tali kundizzjonijiet li huma jqisu xierqa, kwalunkwe attività msemmija fil-paragrafu 1 wara li jkunu ddeterminaw li:

▼M15

(a) huwa neċessarju biex ikun żgurat il-forniment kritiku tal-enerġija fl-Unjoni, kif ukoll it-trasport ta' gass naturali u żejt, inkluż prodotti miż-żejt raffinat, sakemm mhux ipprojbiti skont l-Artikolu 3m jew 3n, mir-Russja jew li jgħaddi mir-Russja lejn l-Unjoni; jew

▼M12

(b) tikkonċerna esklussivament persuna ġuridika, entità jew korp li joperaw fis-settur tal-enerġija fir-Russja proprjetà ta' persuna ġuridika, entità jew korp li huma inkorporati jew kostitwiti skont il-liġi ta' Stat Membru.

3. L-Istat Membru konċernat jew l-Istati Membri kkonċernati għandu/għandhom jinforma/jinformaw lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni li tingħata skont il-paragrafu 2 fi żmien ġimagħtejn mill-awtorizzazzjoni.

▼M7

Artikolu 3b

▼M13

1. Għandu jiġi pprojbit il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni, diretta jew indiretta, ta' oġġetti u teknoloġija adattati għall-użu fir-raffinar taż-żejt u l-likwifikazzjoni tal-gass naturali, kemm jekk joriġinaw fl-Unjoni kif ukoll jekk le, lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp Russu jew għall-użu fir-Russja.

▼M7

2. Għandu jiġi pprojbit li:

(a) tingħata assistenza teknika, servizzi ta' senserija jew servizzi oħra relatati mal-prodotti u t-teknoloġija msemmija fil-paragrafu 1 u l-forniment, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta' dawk il-prodotti u t-teknoloġija, direttament jew indirettament lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fir-Russja jew għall-użu fir-Russja.

(b) jingħata finanzjament jew assistenza finanzjarja relatati mal-prodotti u t-teknoloġija msemmija fil-paragrafu 1 għal kwalunkwe bejgħ, forniment, trasferiment jew esportazzjoni ta' dawk il-prodotti u t-teknoloġija, jew għall-għoti ta' assistenza teknika relatata, servizzi ta' senserija jew servizzi oħra, direttament jew indirettament lil kwalunkwe persuna, entità jew korp fir-Russja jew għall-użu fir-Russja.

3. Il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għall-eżekuzzjoni sas-27 ta' Mejju 2022 ta' kuntratti konklużi qabel is-26 ta' Frar 2022, jew kuntratti anċillari meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratti.

4. B'deroga mill-paragrafi 1 u 2, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw, taħt dawk il-kundizzjonijiet li huma jqisu xierqa, il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' prodotti u teknoloġija elenkati fl-Anness X jew l-għoti ta' assistenza teknika jew finanzjarja relatata, wara li jkunu ddeterminaw li tali oġġetti jew teknoloġija jew il-forniment ta' assistenza teknika jew finanzjarja relatata huma meħtieġa għall-prevenzjoni jew il-mitigazzjoni urġenti ta' avveniment li x'aktarx ikollu impatt serju u sinifikanti fuq is-saħħa u s-sikurezza tal-bniedem jew l-ambjent.

F'każijiet debitament ġustifikati ta' emerġenza, il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni jistgħu jipproċedu mingħajr awtorizzazzjoni minn qabel sakemm l-esportatur jinnotifika lill-awtorità kompetenti fi żmien ħamest ijiem tax-xogħol wara li jkunu saru l-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni, filwaqt li jagħti dettalji dwar il-ġustifikazzjoni rilevanti għall-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni mingħajr awtorizzazzjoni minn qabel.

▼M16

5. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija skont il-paragrafu 4 fi żmien ġimagħtejn mill-awtorizzazzjoni.

▼M7

Artikolu 3c

▼M13

1. Għandu jkun ipprojbit il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni, diretta jew indiretta, ta' oġġetti u teknoloġija adattati għall-użu fl-avjazzjoni jew fl-industrija spazjali, kif elenkati fl-Anness XI, u fjuwil tal-ġettijiet u l-addittivi tal-fjuwil kif elenkati fl-Anness XX, kemm jekk joriġinaw fl-Unjoni kif ukoll jekk le, lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp Russu jew għall-użu fir-Russja.

▼M7

2. Għandu jkun ipprojbit il-forniment ta' assigurazzjoni u riassigurazzjoni, direttament jew indirettament, fir-rigward ta' prodotti u teknoloġija elenkati fl-Anness XI lil kwalunkwe persuna, entità jew korp fir-Russja jew għall-użu fir-Russja.

3. Għandu jkun ipprojbit li tiġi pprovduta kwalunkwe waħda mill-attivitajiet li ġejjin jew kombinazzjoni tagħhom: reviżjoni, tiswija, spezzjoni, sostituzzjoni, modifika jew rettifika ta' difett ta' inġenju tal-ajru jew komponent, bl-eċċezzjoni ta' spezzjoni ta' qabel it-titjira, fir-rigward tal-oġġetti u t-teknoloġija elenkati fl-Anness XI, direttament jew indirettament, lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fir-Russja jew għall-użu fir-Russja.

4. Għandu jiġi pprojbit li:

(a) tingħata assistenza teknika, servizzi ta' senserija jew servizzi oħra relatati mal-prodotti u t-teknoloġija msemmija fil-paragrafu 1 u l-forniment, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta' dawk il-prodotti u t-teknoloġija, direttament jew indirettament lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fir-Russja jew għall-użu fir-Russja.

(b) jingħataw finanzjament jew għajnuna finanzjarja relatati mal-prodotti u t-teknoloġija msemmija fil-paragrafu 1 għal kwalunkwe bejgħ, forniment, trasferiment jew esportazzjoni ta' dawk il-prodotti jew it-teknoloġija, jew għall-għoti ta' għajnuna teknika relatata, servizzi ta' senserija jew servizzi oħra, b'mod dirett jew indirett lil kwalunkwe persuna ġuridika jew fiżika, entità jew korp fir-Russja, jew għall-użu fir-Russja.

▼M17

5. Fir-rigward tal-prodotti elenkati fil-Parti A tal-Anness XI, il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 4, sat-28 ta' Marzu 2022, ma għandhomx japplikaw għall-eżekuzzjoni ta' kuntratti konklużi qabel is-26 ta' Frar 2022, jew ta' kuntratti anċillari meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratti.

5a. Fir-rigward tal-oġġetti elenkati fil-Parti B tal-Anness XI, il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 4 ma għandhomx japplikaw għall-eżekuzzjoni sas-6 ta' Novembru 2022 ta' kuntratti konklużi qabel is-7 ta' Ottubru 2022, jew ta' kuntratti anċillari meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratti.

▼M13

6. B’deroga mill-paragrafi 1 sa 4, l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali jistgħu jawtorizzaw, b’tali kundizzjonijiet li jidhrilhom xierqa, it-twettiq ta’ lokazzjoni finanzjarja ta’ inġenju tal-ajru konkluża qabel is-26 ta’ Frar 2022 wara li jiddeterminaw li:

(a) huwa strettament neċessarju li jiġu ggarantiti r-ripagamenti tal-lokazzjoni lil persuna ġuridika, entità jew korp inkorporati jew kostitwiti skont il-liġi ta’ Stat Membru li ma huma fl-ebda waħda mill-miżuri restrittivi previsti f’dan ir-Regolament; u

(b) l-ebda riżorsa ekonomika ma jkollha aċċess għaliha l-kontroparti Russa, bl-eċċezzjoni tat-trasferiment tas-sjieda tal-inġenju tal-ajru wara r-rimborż totali tal-lokazzjoni finanzjarja.

▼M17

6a. B’deroga mill-paragrafi 1 u 4, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw, taħt tali kondizzjonijiet li huma jqisu xierqa, il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni tal-oġġetti elenkati fil-Parti B tal-Anness XI, jew assistenza teknika relatata, servizzi ta’ senserija, finanzjament jew assistenza finanzjarja, wara li jkunu ddeterminaw li dan huwa meħtieġ għall-produzzjoni ta’ oġġetti tat-titanju meħtieġa fl-industrija tal-ajrunawtika, li għalihom ma tkun disponibbli l-ebda provvista alternattiva.

▼M13

7. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni dwar kull awtorizzazzjoni li tingħata skont dan l-Artikolu fi żmien ġimagħtejn mill-awtorizzazzjoni.

8. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 1 għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 2(4)(b) u 2a(4)(b).

▼M16

9. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 4, punt (a), ma għandhiex tapplika għall-iskambju ta’ informazzjoni bil-għan li jiġu stabbiliti standards tekniċi fil-qafas tal-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali fir-rigward tal-oġġetti u t-teknoloġija msemmija fil-paragrafu 1.

▼M8

Artikolu 3d

1. Għandu jkun ipprojbit li kwalunkwe inġenju tal-ajru operat minn trasportaturi tal-ajru Russi, inkluż bħala trasportatur ta’ kummerċjalizzazzjoni f’arranġamenti ta’ kondiviżjoni tal-kodiċi jew spazju magħluq, jew kwalunkwe inġenju tal-ajru reġistrat fir-Russja, jew kwalunkwe inġenju tal-ajru mhux reġistrat fir-Russja li jkun proprjetà ta’ xi persuna Russa, fiżika jew ġuridika, jew mikri, jew ikkontrollat b’xi mod ieħor minnha, jinżel fit-territorju tal-Unjoni, li jitlaq minnu jew li jittajjar minn fuqu.

2. Il-paragrafu 1 m’għandux japplika f’każ ta’ nżul ta’ emerġenza jew ta’ titjira ta’ emerġenza li tgħaddi minn fuq it-territorju.

3. B’deroga mill-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw li inġenju tal-ajru jitlaq mit-territorju tal-Unjoni, jinżel fih, jew jittajjar minn fuqu jekk l-awtoritajiet kompetenti jkunu ddeterminaw li tali nżul, tluq jew titjir ikun meħtieġ għal skopijiet umanitarji jew għal kwalunkwe skop ieħor konsistenti mal-objettivi ta’ dan ir-Regolament.

4. L-Istat Membru jew Stati Membri kkonċernat(i) għandu/hom jinforma(w) lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija skont il-paragrafu 3 fi żmien ġimagħtejn mill-awtorizzazzjoni.

▼M8

Artikolu 3e

▼M12

1. Il-Maniġer tan-Netwerk għall-funzjonijiet tan-network tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru tal-ajru uniku Ewropew għandu jappoġġja lill-Kummissjoni u l-Istati Membri tagħha fl-iżgurar tal-implimentazzjoni tal-Artikolu 3d u tal-konformità miegħu. Il-Maniġer tan-Netwerk għandu, b'mod partikolari, jirrifjuta l-pjanijiet tat-titjir kollha ppreżentati minn operaturi tal-inġenji tal-ajru li jindikaw l-intenzjoni li jwettqu attivitajiet fit-territorju tal-Unjoni li jikkostitwixxu ksur ta dan ir-Regolament, b'tali mod li l-bdot ma jitħalliex itir.

▼M8

2. Il-Maniġer tan-Network għandu jipprovdi regolarment lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, abbażi tal-analiżi tal-pjanijiet tat-titjiriet, rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-Artikolu 3d.

▼M13

Artikolu 3ea

▼M16

1. Għandu jkun ipprojbit li jingħata aċċess, wara s-16 ta' April 2022, għall-portijiet u, wara d-29 ta' Lulju 2022, għall-mgħalaq fit-territorju tal-Unjoni, għal kwalunkwe bastiment irreġistrat taħt il-bandiera tar-Russja, bl-eċċezzjoni tal-aċċess għall-mgħalaq għall-fini ta' ħruġ mit-territorju tal-Unjoni.

▼M17

1a. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 1 għandha tapplika wkoll, wara t-8 ta' April 2023, għal kwalunkwe bastiment ċertifikat mir-Russian Maritime Register of Shipping.

▼M13

2. Il-paragrafu 1 għandu japplika għall-bastimenti li jkunu biddlu l-bandiera jew ir-reġistrazzjoni Russa tagħhom, għall-bandiera jew ir-reġistru ta' kwalunkwe Stat ieħor wara l-24 ta' Frar 2022.

▼M17

3. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, bl-eċċezzjoni tal-paragrafu 1a, bastiment ifisser:

▼M13

(a) vapur li jikkwalifika fl-ambitu tal-konvenzjonijiet internazzjonali rilevanti;

(b) jott, ta' 15-il metru jew aktar, li ma jġorrx merkanzija u li jġorr mhux aktar minn 12-il passiġġier; jew

(c) dgħajsa li tintuża għar-rikreazzjoni jew inġenju tal-ilma personali kif definiti fid-Direttiva 2013/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).

▼M17

4. Il-paragrafi 1 u 1a ma għandhomx japplikaw fil-każ ta' bastiment li jeħtieġ assistenza biex ifittex post ta' rifuġju, biex jieqaf f'port ta' emerġenza għal raġunijiet ta' sikurezza marittima, jew biex tiġi salvata l-ħajja fuq il-baħar.

([1]) Id-Direttiva 2013/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2013 dwar id-dgħajjes li jintużaw għar-rikreazzjoni u l-inġenji tal-ilma personali u li tħassar id-Direttiva 94/25/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p . 90).

▼M17

5. B’deroga mill-paragrafi 1 u 1a, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw l-aċċess minn bastiment għal port jew magħlaq, bil-kundizzjonijiet li jidhrilhom xierqa, wara li jkunu ddeterminaw li l-aċċess ikun neċessarju għal:

▼M15

(a) sakemm ma jkunux ipprojbiti skont l-Artikolu 3m jew 3n, ix-xiri, l-importazzjoni jew it-trasport fl-Unjoni ta’ gass naturali u żejt, inklużi prodotti miż-żejt raffinat, titanju, aluminju, ram, nikil, palladju u mineral tal-ħadid, kif ukoll ċerti prodotti kimiċi u tal-ħadid kif elenkati fl-Anness XXIV;

▼M13

(b) għax-xiri, l-importazzjoni jew it-trasport ta’ prodotti farmaċewtiċi, mediċi, agrikoli u alimentari, inkluż il-qamħ u dawk il-fertilizzanti li l-importazzjoni, ix-xiri u t-trasport tagħhom huma permessi taħt dan ir-Regolament;

(c) għal skopijiet umanitarji;

(d) it-trasport ta’ fjuwil nukleari u oġġetti oħra strettament neċessarji għall-funzjonament tal-kapaċitajiet nukleari; jew

(e) ix-xiri, l-importazzjoni jew it-trasport fl-Unjoni ta’ faħam u fjuwils fossili solidi oħra, kif elenkat fl-Anness XXII sal-10 ta’ Awwissu 2022.

▼M16

5a. B’deroga mill-paragrafu 2, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw bastimenti li biddlu l-bandiera Russa tagħhom jew ir-reġistrazzjoni tagħhom, għall-bandiera jew ir-reġistru ta’ kwalunkwe Stat ieħor qabel is-16 ta’ April 2022, li jaċċessaw port jew il-magħluq ta’ kanal, taħt tali kondizzjonijiet li jqisu xierqa, wara li jiġi determinat li:

(a) kienet meħtieġa bandiera jew reġistrazzjoni Russa minn kuntratt; u

(b) l-aċċess hu neċessarju għall-ħatt ta’ prodotti strettament neċessarji għat-tlestija ta’ proġetti ta’ enerġija rinnovabbli fl-Unjoni, dejjem jekk l-importazzjoni ta’ dawn il-prodotti ma tkunx projbita mod ieħor skont dan ir-Regolament.

▼M17

5b. B’deroga mill-paragrafu 2, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw, taħt dawk il-kundizzjonijiet li jqisu xierqa, bastiment biex jaċċessa port jew magħlaq dment li:

(a) tajjar il-bandiera tal-Federazzjoni Russa taħt reġistrazzjoni ta’ charter bareboat effettwata inizjalment qabel l-24 ta’ Frar 2022;

(b) reġa’ beda d-dritt tiegħu li jtajjar il-bandiera tar-reġistru sottostanti tal-Istat Membru qabel il-31 ta’ Jannar 2023; u

(c) ma jkunx proprjetà, mikrija, operata jew ikkontrollata b’xi mod ieħor minn ċittadin Russu jew kwalunkwe persuna ġuridika, entità jew korp inkorporati jew kostitwiti taħt il-liġi tal-Federazzjoni Russa.

▼M16

6. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni dwar kull awtorizzazzjoni li tingħata skont il-paragrafi 5 u 6 fi żmien ġimagħtejn mill-awtorizzazzjoni

▼M11

Artikolu 3f

1. Għandu jkun ipprojbit il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni, direttament jew indirettament, ta' prodotti u teknoloġija tan-navigazzjoni marittima, kif elenkat fl-Anness XVI, kemm jekk joriġinaw fl-Unjoni kif ukoll jekk le, lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fir-Russja, għall-użu fir-Russja, jew għat-tqegħid abbord ta' bastiment bil-bandiera Russa.

2. Għandu jkun ipprojbit:

(a) il-forniment ta' assistenza teknika, servizzi ta' senserija jew servizzi oħrajn relatati mal-prodotti jew teknoloġija msemmija fil-paragrafu 1 u l-forniment, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta' dawk il-prodotti u t-teknoloġija, b'mod dirett jew indirett lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fir-Russja jew għall-użu fir-Russja.

(b) il-forniment ta' finanzjament jew għajnuna finanzjarja relatati mal-prodotti u t-teknoloġija msemmija fil-paragrafu 1 għal kwalunkwe bejgħ, forniment, trasferiment jew esportazzjoni ta' dawk il-prodotti jew teknoloġija, jew għall-forniment ta' għajnuna teknika relatata, servizzi ta' senserija jew servizzi oħra, b'mod dirett jew indirett lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fir-Russja jew għall-użu fir-Russja.

3. Il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għall-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni tal-prodotti u t-teknoloġija msemmija fil-paragrafu 1 jew għall-forniment relatat ta' assistenza teknika u finanzjarja, għal użu mhux militari u għal utent aħħari mhux militari, maħsuba għal skopijiet umanitarji, emerġenzi tas-saħħa, il-prevenzjoni jew il-mitigazzjoni urġenti ta' avveniment li x'aktarx ikollu impatt serju u sinifikanti fuq is-saħħa u s-sikurezza tal-bniedem jew fuq l-ambjent jew bħala rispons għal diżastri naturali.

4. B'deroga mill-paragrafi 1 u 2, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw il- bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni tal-prodotti u t-teknoloġija msemmija fil-paragrafu 1 jew għall-forniment relatat ta' assistenza teknika u finanzjarja, għal użu mhux militari u għal utent aħħari mhux militari, wara li jkunu stabbilew li tali prodotti jew teknoloġija jew l-assistenza teknika jew finanzjarja relatata huwa intenzjonati għas-sigurtà marittima.

▼M16

5. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija skont il-paragrafu 4 fi żmien ġimagħtejn mill-awtorizzazzjoni.

▼M12

Artikolu 3g

1. Għandu jkun ipprojbit:

(a) l-importazzjoni, diretta jew indiretta, ta' prodotti tal-ħadid u tal-azzar kif elenkati fl-Anness XVII fl-Unjoni jekk dawn:

(i) joriġinaw mir-Russja; jew

(ii) ikunu ġew esportati mir-Russja;

▼M12

(b) ix-xiri, dirett jew indirett, ta’ prodotti tal-ħadid u tal-azzar kif elenkati fl-Anness XVII li jinsabu fir-Russja jew li joriġinaw minnha;

(c) it-trasport ta’ prodotti tal-ħadid u tal-azzar kif elenkati fl-Anness XVII jekk ikunu oriġinaw mir-Russja jew ikunu qed jiġu esportati mir-Russja lejn xi pajjiż ieħor;

▼M17

(d) l-importazzjoni jew xiri, mit-30 ta’ Settembru 2023, direttament jew indirettament, ta’ prodotti tal-ħadid u tal-azzar kif elenkati fl-Anness XVII meta pproċessati f’pajjiż terz li jinkorporaw prodotti tal-ħadid u tal-azzar li joriġinaw mir-Russja kif elenkati fl-Anness XVII; fir-rigward ta’ prodotti elenkati fl-Anness XVII ipproċessati f’pajjiż terz li jinkorporaw prodotti tal-azzar li joriġinaw mir-Russja bil-kodiċi NM 7207 11 jew 7207 12 10, din il-projbizzjoni għandha tapplika mill-1 ta’ April 2024 għall-kodiċi NM 7207 11 u mill-1 ta’ Ottubru 2024 għall-kodiċi NM 7207 12 10;

(e) il-forniment, dirett jew indirett, ta’ assistenza teknika, servizzi ta’ senserija, finanzjament jew assistenza finanzjarja, inklużi d-derivattivi finanzjarji, kif ukoll ta’ assigurazzjoni u riassigurazzjoni, relatati mal-projbizzjonijiet stabbiliti fil-punti (a), (b) (c) u (d).

2. Fir-rigward tal-prodotti elenkati fil-Parti A tal-Anness XVII, u irrispettivament minn jekk ikunu elenkati fil-Parti B ta’ dak l-Anness jew le, il-projbizzjonijiet fil-paragrafu 1, sas-17 ta’ Ġunju 2022, ma għandhomx japplikaw għall-eżekuzzjoni ta’ kuntratti konklużi qabel is-16 ta’ Marzu 2022, jew ta’ kuntratti anċillari meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta’ tali kuntratti.

3. Fir-rigward tal-oġġetti elenkati fil-Parti B tal-Anness XVII li mhumiex elenkati fil-Parti A ta’ dak l-Anness, u mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 4, il-projbizzjonijiet fil-paragrafu 1 ma għandhomx japplikaw għall-eżekuzzjoni sat-8 ta’ Jannar 2023 ta’ kuntratti konklużi qabel is-7 ta’ Ottubru 2022, jew ta’ kuntratti anċillari meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta’ tali kuntratti. Din id-dispożizzjoni ma tapplikax għal oġġetti li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 7207 11 u 7207 12 10, li għalihom japplikaw il-paragrafi 4 u 5.

4. Il-projbizzjonijiet fil-punti (a), (b), (c) u (e) tal-paragrafu 1 ma għandhomx japplikaw għall-importazzjoni, ix-xiri jew it-trasport, jew l-assistenza teknika jew finanzjarja relatata, tal-kwantitajiet li ġejjin ta’ oġġetti li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 7207 12 10:

(a) 3 747 905 tunnellata metrika bejn is-7 ta’ Ottubru 2022 u t-30 ta’ Settembru 2023;

(b) 3 747 905 tunnellata metrika bejn l-1 ta’ Ottubru 2023 u t-30 ta’ Settembru 2024.5.

5. Il-projbizzjonijiet fil-paragrafu 1 ma għandhomx japplikaw għall-importazzjoni, ix-xiri jew it-trasport, jew l-assistenza teknika jew finanzjarja relatata, tal-kwantitajiet li ġejjin ta’ oġġetti li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 7207 11:

▼M17

(a) 487 202 tunnellata metrika bejn 7 ta' Ottubru 2022 u t-30 ta’ Settembru 2023;

(b) 85 260 tunnellata mettrika bejn 1 October 2023 u l-31 ta’ Diċembru 2023;

(c) 48 720 tunnellata mettrika bejn l-1 ta’ Jannar 2024 u l-31 ta’ Marzu 2024.

6. Il-kwoti ta’ volum ta’ importazzjoni stabbiliti fil-paragrafi 4 u 5 għandhom jiġu ġestiti mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri f’konformità mas-sistema ta’ ġestjoni għall-kwoti tariffarji prevista fl-Artikoli 49 sa 54 tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 ([1]).

7. B’deroga mill-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw ix-xiri, l-importazzjoni jew it-trasferiment tal-oġġetti elenkati fl-Anness XVII, taħt dawk il-kondizzjonijiet li huma jqisu xierqa, wara li jkunu ddeterminaw li dan huwa meħtieġ għat-twaqqif, it-tħaddim, il-manutenzjoni, il-provvista tal-fjuwil u t-trattament mill-ġdid u s-sikurezza tal-kapaċitajiet nukleari ċivili, u l-kontinwazzjoni tad-disinn, il-kostruzzjoni u l-ikkummissjonar meħtieġa għat-tlestija tal-faċilitajiet nukleari ċivili, il-provvista ta’ materjal prekursur għall-produzzjoni ta’ isotopi radjuattivi mediċi u applikazzjonijiet mediċi simili jew teknoloġija kritika għall-monitoraġġ tar-radjazzjoni ambjentali, kif ukoll għall-kooperazzjoni nukleari ċivili, b’mod partikolari fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp.

8. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija skont il-paragrafu 7 fi żmien ġimagħtejn mill-awtorizzazzjoni.

▼M12

Artikolu 3h

1. Għandu jkun ipprojbit il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni, direttament jew indirettament, ta’ oġġetti ta’ lussu kif elenkati fl-Anness XVIII, lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fir-Russja jew għall-użu fir-Russja.

2. Il-projbizzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tapplika għal oġġetti ta’ lussu elenkati fl-Anness XVIII sa fejn il-valur tagħhom jaqbeż it-EUR 300 għal kull oġġett sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor fl-Anness.

3. Il-projbizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 ma għandhomx japplikaw għal oġġetti li jkunu meħtieġa għal finijiet uffiċjali tal-missjonijiet diplomatiċi jew konsulari tal-Istati Membri jew tal-pajjiżi msieħba fir-Russja jew ta' organizzazzjonijiet internazzjonali li jgawdu minn immunitajiet f’konformità mad-dritt internazzjonali, jew l-effetti personali tal-persunal tagħhom.

([1]) Ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 tal-24 ta’ Novembru 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta’ ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 343, 29.12.2015, p. 558).”;

▼M16

3a. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 1 ma għandhiex tapplika għal oġġetti li jaqgħu taħt NM 7113 00 00 u CN 7114 00 00 kif elenkati fl-Anness XVIII għall-użu personali ta' persuni fiżiċi li jivvjaġġaw mill-Unjoni Ewropea jew membri tal-familji immedjati tagħhom li jivvjaġġaw magħhom, proprjetà ta' dawk l-individwi u mhux maħsuba għall-bejgħ.

▼M13

4. B'deroga mill-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw it-trasferiment jew l-esportazzjoni lejn ir-Russja ta' beni kulturali tal-Istat mislufin fil-kuntest ta' kooperazzjoni formali mar-Russja.

5. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni dwar kull awtorizzazzjoni li tingħata skont il-paragrafu 4 fi żmien ġimagħtejn mill-awtorizzazzjoni.

Artikolu 3i

1. Għandu jkun ipprojbit ix-xiri, l-importazzjoni, jew it-trasferiment fl-Unjoni, direttament jew indirettament, ta' oġġetti, kif elenkati fl-Anness XXI, li jiġġeneraw dħul sinifikanti għar-Russja u li b'hekk jgħinu l-azzjonijiet tagħha biex tiddestabbilizza s-sitwazzjoni fl-Ukrajna, jekk dawn joriġinaw mir-Russja jew ikunu ġew esportati mir-Russja.

2. Għandu jkun ipprojbit:

(a) l-għoti ta' assistenza teknika, servizzi ta' senserija jew servizzi oħrajn relatati mal-oġġetti u t-teknoloġija msemmijin fil-paragrafu 1 u l-forniment, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta' dawn l-oġġetti u teknoloġija, direttament jew indirettament fir-rigward tal-projbizzjoni fil-paragrafu 1;

(b) l-għoti ta' finanzjament jew assistenza finanzjarja relatati mal-oġġetti u t-teknoloġija msemmijin fil-paragrafu 1 għal kwalunkwe xiri, importazzjoni jew trasferiment ta' dawk l-oġġetti u teknoloġija, jew għall-għoti ta' assistenza teknika relatata, servizzi ta' senserija jew servizzi oħra, direttament jew indirettament fir-rigward tal-projbizzjoni fil-paragrafu 1.

▼M17

3. Fir-rigward tal-prodotti elenkati fil-Parti A tal-Anness XXI, il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 2, sal-10 ta' Lulju 2022, ma għandhomx japplikaw għall-eżekuzzjoni ta' kuntratti konklużi qabel id-9 ta' April 2022, jew ta' kuntratti anċillari meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratti.

3a. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 1 ma għandhiex tapplika għal xiri fir-Russja li huwa meħtieġ għall-funzjonament tar-rappreżentanzi diplomatiċi u konsulari tal-Unjoni u tal-Istati Membri, inklużi delegazzjonijiet, ambaxxati u missjonijiet, jew għall-użu personali ta' ċittadini tal-Istati Membri u l-membri immedjati tal-familja tagħhom.

3b. Fir-rigward tal-oġġetti elenkati fil-Parti B tal-Anness XXI, il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għall-eżekuzzjoni sat-8 ta' Jannar 2023 ta' kuntratti konklużi qabel is-7 ta' Ottubru 2022, jew ta' kuntratti anċillari meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratti.

▼M17

3c. B'deroga mill-paragrafi 1 u 2, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw ix-xiri, l-importazzjoni jew it-trasferiment tal-oġġetti elenkati fl-Anness XXI, jew l-għoti ta' għajnuna teknika u finanzjarja relatata, taħt dawk il-kondizzjonijiet li huma jqisu xierqa, wara li jkunu ddeterminaw li dan huwa meħtieġ għat-twaqqif, it-tħaddim, il-manutenzjoni, il-provvista tal-fjuwil u t-trattament mill-ġdid u s-sikurezza ta' kapaċitajiet nukleari ċivili, u l-kontinwazzjoni tad-disinn, il-kostruzzjoni u l-ikkummissjonar meħtieġa għat-tlestija ta' faċilitajiet nukleari ċivili, il-provvista ta' materjal prekursur għall-produzzjoni ta' isotopi radjuattivi mediċi u applikazzjonijiet mediċi simili, jew teknoloġija kritika għall-monitoraġġ tar-radjazzjoni ambjentali, kif ukoll għall-kooperazzjoni nukleari ċivili, b'mod partikolari fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp.

▼M13

4. Mill-10 ta' Lulju 2022, il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għall-importazzjoni, ix-xiri jew it-trasport, jew l-assistenza teknika jew finanzjarja relatati, neċessarji għall-importazzjoni fl-Unjoni ta':

(a) 837 570 tunnellata metrika ta' klorur tal-potassju ta' NM 3104 20 bejn l-10 ta' Lulju 2022 ta' sena partikolari u d-9 ta' Lulju tas-sena ta' wara;

(b) 1 577 807 tunnellata metrika kkombinata tal-prodotti l-oħra elenkati fl-Anness XXI taħt in-NM 3105 20, 3105 60 u 3105 90 bejn ... [ĠU: daħħal id-data tliet xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] ta' sena partikolari u ... [ĠU: daħħal id-data tliet xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament nieqes jum] tas-sena ta' wara.

5. Il-kwoti ta' volum tal-importazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 4 għandhom jiġu ġestiti mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri f'konformità mas-sistema ta' ġestjoni għar-rati tal-kwoti tariffarji previsti fl-Artikoli 49 sa 54 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 ([1]).

▼M17

6. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija skont il-paragrafu 3c fi żmien ġimagħtejn mill-awtorizzazzjoni.

▼M13

Artikolu 3j

▼M17

1. Għandu jkun ipprojbit ix-xiri, l-importazzjoni jew it-trasferiment fl-Unjoni, direttament jew indirettament, ta' faħam u prodotti oħra, kif elenkati fl-Anness XXII, jekk dawn joriġinaw mir-Russja jew jiġu esportati mir-Russja.

▼M13

2. Għandu jkun ipprojbit:

(a) l-għoti ta' assistenza teknika, servizzi ta' senserija jew servizzi oħrajn relatati mal-oġġetti u t-teknoloġija msemmijin fil-paragrafu 1 u l-forniment, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta' dawn l-oġġetti u teknoloġija, direttament jew indirettament fir-rigward tal-projbizzjoni fil-paragrafu 1.

([1]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 tal-24 ta' Novembru 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 343, 29.12.2015, p. 558).

▼M13

(b) l-għoti ta’ finanzjament jew assistenza finanzjarja relatati mal-oġġetti u t- teknoloġija msemmijin fil-paragrafu 1 għal kwalunkwe xiri, importazzjoni jew trasferiment ta’ dawk l-oġġetti u teknoloġija, jew għall-għoti ta’ assistenza teknika relatata, servizzi ta’ senserija jew servizzi oħra, direttament jew indirettament fir-rigward tal-projbizzjoni fil-paragrafu 1.

3. Il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għat-twettiq sal-10 ta’ Awwissu 2022 ta’ kuntratti konklużi qabel id-9 ta’ April 2022, jew kuntratti anċillari neċessarji għat-twettiq ta’ tali kuntratti.

Artikolu 3k

1. Għandu jkun ipprojbit il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni, direttament jew indirettament, ta’ oġġetti li jistgħu jikkontribwixxu b’mod partikolari għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet industrijali tar-Russja kif elenkati fl-Anness XXIII, lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fir-Russja jew għall-użu fir-Russja.

2. Għandu jkun ipprojbit:

(a) l-għoti ta’ assistenza teknika, servizzi ta’ senserija jew servizzi oħrajn relatati mal-oġġetti jew it-teknoloġija msemmijin fil-paragrafu 1 u mal-forniment, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta’ dawk l-oġġetti u teknoloġija, direttament jew indirettament, lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fir-Russja jew għall-użu fir-Russja;

(b) l-għoti ta’ finanzjament jew għajnuna finanzjarja relatati mal-oġġetti u t-teknoloġija msemmija fil-paragrafi 1 għal kwalunkwe bejgħ, forniment, trasferiment jew esportazzjoni ta’ dawk l-oġġetti u teknoloġija, jew għall-għoti ta’ għajnuna teknika relatata, servizzi ta’ senserija jew servizzi oħra, b’mod dirett jew indirett lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fir-Russja, jew għall-użu fir-Russja.

3. Il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għat-twettiq sal-10 ta’ Lulju 2022 ta’ kuntratti konklużi qabel id-9 ta’ April 2022 jew kuntratti anċillari neċessarji għat-twettiq ta’ tali kuntratti.

▼M17

3a. Fir-rigward tal-oġġetti li jaqgħu taħt in-NM 2701, 2702, 2703 u 2704 kif elenkati fl-Anness XXIII, il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għall-eżekuzzjoni sat-8 ta’ Jannar 2023 ta’ kuntratti konklużi qabel is-7 ta’ Ottubru 2022, jew ta’ kuntratti anċillari meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta’ tali kuntratti.

▼M13

4. Il-projbizzjonijiet imsemmijin fil-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għal oġġetti li jkunu neċessarji għall-iskopijiet uffiċjali tal-missjonijiet diplomatiċi jew konsulari tal-Istati Membri jew tal-pajjiżi sħab fir-Russja jew ta’ organizzazzjonijiet internazzjonali li jgawdu minn immunitajiet f’konformità mad-dritt internazzjonali, jew l-oġġetti personali tal-persunal tagħhom.

▼M16

5. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw, taħt il-kundizzjonijiet li jqisu xierqa, il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni tal-oġġetti u t-teknoloġija elenkati fl-Anness XXIII, jew l-għoti ta' assistenza teknika jew finanzjarja relatata, wara li jkunu ddeterminaw li tali oġġetti jew teknoloġija jew il-forniment ta' assistenza teknika jew finanzjarja relatata huma meħtieġa:

(a) għal skopijiet mediċi jew farmaċewtiċi, jew għal finijiet umanitarji, bħat-twassil jew l-iffaċilitar tat-twassil ta' assistenza, inkluż provvisti mediċi, ikel, jew it-trasferiment ta' ħaddiema umanitarji u assistenza relatata jew għal evakwazzjonijiet;

(b) għall-użu esklussiv u taħt il-kontroll sħiħ tal-Istat Membru li jawtorizza u sabiex jissodisfa l-obbligi ta' manteniment tiegħu f'żoni li huma taħt ftehim ta' kiri fit-tul bejn dak l-Istat Membru u l-Federazzjoni Russa; jew

▼M17

(c) it-twaqqif, it-tħaddim, il-manutenzjoni, il-provvista tal-fjuwil u t-trattament mill-ġdid u s-sikurezza tal-kapaċitajiet nukleari ċivili, u l-kontinwazzjoni tad-disinn, il-kostruzzjoni u l-ikkummissjonar meħtieġa għat-tlestija tal-faċilitajiet nukleari ċivili, il-provvista ta' materjal prekursur għall-produzzjoni ta' isotopi radjuattivi mediċi u applikazzjonijiet mediċi simili, jew teknoloġija kritika għall-monitoraġġ tar-radjazzjoni ambjentali, kif ukoll għall-kooperazzjoni nukleari ċivili, b'mod partikolari fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp.

▼M16

6. Meta jiddeċiedu dwar talbiet għal awtorizzazzjonijiet għal skopijiet mediċi jew farmaċewtiċi skont il-paragrafu 5, l-awtoritajiet kompetenti ma għandhomx jagħtu awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fir-Russja jew għall-użu fir-Russja, jekk ikollhom raġunijiet validi biex jemmnu li l-oġġetti jista' jkollhom użu aħħari militari.

7. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija skont il-paragrafu 5 fi żmien ġimagħtejn mill-awtorizzazzjoni.

▼M13

Artikolu 3l

1. Għandu jkun ipprojbit lil kull impriża tat-trasport bit-triq stabbilita fir-Russja milli tittrasporta oġġetti bit-triq fit-territorju tal-Unjoni, inkluż fi tranżitu.

2. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 1 ma għandhiex tapplika għal impriżi tat-trasport bit-triq li jittrasportaw:

(a) il-posta bħala servizz universali;

(b) oġġetti fi tranżitu mill-Unjoni bejn Kaliningrad Oblast u r-Russja, dment li t-trasport ta' tali oġġetti ma jkunx b'mod ieħor ipprojbit skont dan ir-Regolament.

3. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 1 ma għandhiex tapplika sas-16 ta' April 2022 għat-trasport tal-oġġetti li jkun beda qabel id-9 ta' April 2022, dment li l-vettura tal-impriża tat-trasport bit-triq:

▼M13

(a) kienet diġà fit-territorju tal-Unjoni fid-9 ta' April 2022; jew

(b) teħtieġ tgħaddi mill-Unjoni sabiex tirritorna lejn ir-Russja.

4. B'deroga mill-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jistgħu jawtorizzaw it-trasport ta' oġġetti minn impriża tat-trasport bit-triq stabbilita fir-Russja jekk l-awtoritajiet kompetenti jkunu ddeterminaw li tali trasport huwa neċessarju:

▼M15

(a) sakemm ma jkunux ipprojbiti skont l-Artikolu 3m jew 3n, ix-xiri, l-importazzjoni jew it-trasport fl-Unjoni ta' gass naturali u żejt, inklużi prodotti miż-żejt raffinat, titanju, aluminju, ram, nikil, palladju u mineral tal-ħadid, kif ukoll ċerti prodotti kimiċi u tal-ħadid kif elenkati fl-Anness XXIV;

▼M13

(b) għax-xiri, l-importazzjoni jew it-trasport ta' prodotti farmaċewtiċi, mediċi, agrikoli u alimentari, inkluż il-qamħ u dawk il-fertilizzanti li l-importazzjoni, ix-xiri u t-trasport tagħhom huma permessi taħt dan ir-Regolament;

(c) għal skopijiet umanitarji;

▼M15

(d) il-funzjonament tar-rappreżentanzi diplomatiċi u konsulari fir-Russja, inkluż id-delegazzjonijiet, l-ambaxxati u l-missjonijiet, jew l-organizzazzjonijiet internazzjonali fir-Russja li jgawdu immunitajiet f'konformità mad-dritt internazzjonali; jew

▼M13

(e) it-trasferiment jew l-esportazzjoni lejn ir-Russja ta' beni kulturali li huma mislufin fil-kuntest ta' kooperazzjoni kulturali formali mar-Russja.

5. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni dwar kull awtorizzazzjoni li tingħata skont il-paragrafu 4 fi żmien ġimagħtejn mill-awtorizzazzjoni.

▼M15

Artikolu 3m

1. Għandu jkun ipprojbit ix-xiri, l-importazzjoni jew it-trasferiment, direttament jew indirettament, ta' żejt mhux maħdum jew ta' prodotti tal-petroleum, kif elenkati fl-Anness XXV, jekk dawn joriġinaw mir-Russja jew jiġu esportati mir-Russja.

2. Għandu jiġi pprojbit il-forniment, b'mod dirett jew indirett, ta' assistenza teknika, servizzi ta' senserija, finanzjament jew ta' assistenza finanzjarja jew kwalunkwe servizzi oħra relatati mal-projbizzjoni fil-paragrafu 1.

3. Il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw:

(a) sal-5 ta' Diċembru 2022, għal tranżazzjonijiet ta' darba għal kunsinna fi żmien qasir, konklużi u eżegwiti qabel dik id-data, jew għall-eżekuzzjoni ta' kuntratti għax-xiri, l-importazzjoni jew it-trasferiment ta' oġġetti li jaqgħu taħt NM 2709 00 konklużi qabel l-4 ta' Ġunju 2022, jew ta' kuntratti anċillari meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratti, dment li dawk il-kuntratti jkunu ġew innotifikati mill-Istati Membri rilevanti lill-Kummissjoni sal-24 ta' Ġunju 2022 u li t-tranżazzjonijiet ta' darba għal kunsinna fuq terminu qasir jiġu nnotifikati mill-Istati Membri rilevanti lill-Kummissjoni fi żmien 10 ijiem mit-tlestija tagħhom;

▼M15

(b) sal-5 ta’ Frar 2023, għal tranżazzjonijiet ta’ darba għal kunsinna fi żmien qasir, konklużi u eżegwiti qabel din id-data, jew għall-eżekuzzjoni ta’ kuntratti għax-xiri, l-importazzjoni jew it-trasferiment ta’ oġġetti li jaqgħu taħt NM 2710 konklużi qabel l-4 ta’ Ġunju 2022, jew ta’ kuntratti anċillari meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta’ tali kuntratti, dmenti li dawk il-kuntratti jkunu ġew innotifikati mill-Istati Membri rilevanti lill-Kummissjoni sal-24 ta’ Ġunju 2022 u li t-tranżazzjonijiet ta’ darba għal kunsinna fuq terminu qasir jiġu nnotifikati mill-Istati Membri rilevanti lill-Kummissjoni fi żmien 10 ijiem mit-tlestija tagħhom;

(c) għax-xiri, l-importazzjoni jew it-trasferiment ta’ żejt mhux maħdum li jinġarr bil-baħar u ta’ prodotti tal-petroleum elenkati fl-Anness XXV meta dawk l-oġġetti joriġinaw f’pajjiż terz u jkunu biss qed jitgħabbew fir-Russja, jitilqu minnha jew jgħaddu minnha, dment li kemm l-oriġini kif ukoll is-sid ta’ dawk l-oġġetti ma jkunux Russi;

(d) għal żejt mhux maħdum li jaqa’ taħt NM 2709 00 li jiġi kkonsenjat permezz ta’ pipeline mir-Russja lejn l-Istati Membri, sakemm il-Kunsill jiddeċiedi li l-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 2 għandhom japplikaw.

4. Jekk il-provvista ta’ żejt mhux maħdum permezz ta’ pipeline mir-Russja lejn Stat Membru mingħajr kosta tiġi interrotta għal raġunijiet barra mill-kontroll ta’ dak l-Istat Membru, iż-żejt mhux maħdum li jinġarr bil-baħar mir-Russja li jaqa’ taħt NM 2709 00 jista’ jiġi importat f’dak l-Istat Membru, permezz ta’ deroga temporanja eċċezzjonali mill-paragrafi 1 u 2, sakemm il-provvista terġa’ tibda jew sakemm id-deċiżjoni tal-Kunsill imsemmija fil-paragrafu 3(d) tapplika fir-rigward ta’ dak l-Istat Membru, skont liema tiġi l-ewwel.

5. Mill-5 ta’ Diċembru 2022, u permezz ta’ deroga mill-paragrafi 1 u 2, sal-31 ta’ Diċembru 2024, l-awtoritajiet kompetenti tal-Bulgarija jistgħu jawtorizzaw l-eżekuzzjoni sal-31 ta’ Diċembru 2024 ta’ kuntratti konklużi qabel l-4 ta’ Ġunju 2022, jew ta’ kuntratti anċillari meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta’ tali kuntratti, għax-xiri, l-importazzjoni jew it-trasferiment ta’ żejt mhux maħdum li jinġarr bil-baħar u ta’ prodotti tal-petroleum elenkati fl-Anness XXV li joriġinaw fir-Russja jew li jkunu esportati mir-Russja.

6. Mill-5 ta’ Frar 2023, u b’deroga mill-paragrafi 1 u 2, l-awtoritajiet kompetenti tal-Kroazja jistgħu jawtorizzaw sal-31 ta’ Diċembru 2023 ix-xiri, l-importazzjoni jew it-trasferiment ta’ żejt tal-gass f’vakwu li jaqa’ taħt NM 2710 19 71 li joriġina fir-Russja jew li jiġi esportat mir-Russja, dment li jiġu ssodisfati l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-ebda forniment alternattiv ta’ żejt tal-gass f’vakwu jkun disponibbli; u

(b) il-Kroazja tkun innotifikat lill-Kummissjoni, mill-anqas ġimgħatejn qabel l-awtorizzazzjoni, bir-raġunijiet li għalihom tqis li jenħtieġ li tingħata awtorizzazzjoni speċifika, u l-Kummissjoni ma tkunx oġġezzjonat fi żmien dak il-perjodu.

▼**M15**

7. L-oġġetti importati wara li tkun ingħatat deroga minn awtorità kompetenti skont il-paragrafu 5 jew 6 ma għandhomx jinbiegħu lil xerrejja li jinsabu fi Stat Membru jew f'pajjiż terz.

8. It-trasferiment jew it-trasport ta' żejt mhux maħdum ikkonsenjat permezz ta' pipeline lejn Stati Membri kif imsemmi fil-paragrafu 3(d) lejn Stati Membri oħra jew lejn pajjiżi terzi, jew il-bejgħ tiegħu lil xerrejja fi Stati Membri oħra jew f'pajjiżi terzi, għandu jkun ipprojbit.

Il-kunsinni u l-kontenituri kollha ta' tali żejt mhux maħdum għandhom ikunu mmarkati b'mod ċar bħala "REBCO: esportazzjoni pprojbita".

Mill-5 ta' Frar 2023, fejn żejt mhux maħdum ikun ġie kkonsenjat permezz ta' pipeline fi Stat Membru kif imsemmi fil-paragrafu 3(d), għandu jkun ipprojbit it-trasferiment jew it-trasport ta' prodotti tal-petroleum li jaqgħu taħt NM 2710 li jinkisbu minn tali żejt mhux maħdum lil Stati Membri oħra jew lil pajjiżi terzi, jew il-bejgħ ta' tali prodotti tal-petroleum lil xerrejja fi Stati Membri oħra jew f'pajjiżi terzi.

Permezz ta' deroga temporanja, il-projbizzjonijiet imsemmija fit-tielet subparagrafu għandhom japplikaw mill-5 ta' Diċembru 2023 għall-importazzjoni u t-trasferiment fiċ-Ċekja, u għall-bejgħ lix-xerrejja fiċ-Ċekja, ta' prodotti tal-petroleum miksuba minn żejt mhux maħdum li ġew ikkonsenjati permezz ta' pipeline fi Stat Membru ieħor kif imsemmi fil-paragrafu 3(d). Jekk provvisti alternattivi għal tali prodotti tal-petroleum isiru disponibbli għaċ-Ċekja qabel dik id-data, il-Kunsill għandu jtemm dik id-deroga temporanja. Matul il-perjodu sal-5 ta' Diċembru 2023, il-volumi ta' tali prodotti tal-petroleum importati fiċ-Ċekja minn Stati Membri oħra ma għandhomx jaqbżu l-volumi medji importati fiċ-Ċekja minn dawk l-Istati Membri l-oħra għall-istess perjodu matul il-ħames snin preċedenti.

9. Il-projbizzjonijiet fil-paragrafu 1 ma ġġandhomx japplikaw għal xiri fir-Russja ta' prodotti elenkati fl-Anness XXV li huma meħtieġa sabiex jiġu koperti l-ħtiġijiet essenzjali tax-xerrej fir-Russja jew ta' proġetti umanitarji fir-Russja.

10. L-Istati Membri għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard mit-8 ta' Ġunju 2022 u mbagħad kull tliet xhur dwar l-ammonti ta' żejt mhux maħdum li jaqa' taħt in-NM 2709 00 importat permezz ta' pipeline, kif imsemmi fil-paragrafu 3(d). Tali ċifri tal-importazzjoni għandhom jitqassmu skont il-pipeline. Fil-każ li d-deroga temporanja eċċezzjonali msemmija fil-paragrafu 4 tapplika fir-rigward ta' Stat Membru mingħajr kosta, dak l-Istat Membru għandu jirrapporta lill-Kummissjoni kull tliet xhur dwar l-ammonti ta' żejt mhux maħdum li jinġarr bil-baħar li jaqa' taħt in-NM 2709 00 li huwa jimporta mir-Russja, sakemm tibqa' tapplika dik id-deroga.

Matul il-perjodu sal-5 ta' Diċembru 2023 imsemmi fir-raba' subparagrafu tal-paragrafu 8, l-Istati Membri għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni kull tliet xhur dwar l-ammonti li jesportaw lejn iċ-Ċekja ta' prodotti tal-petroleum li jaqgħu taħt NM 2710 miksuba minn żejt mhux maħdum li jkun ġie kkonsenjat permezz ta' pipeline kif imsemmi fil-paragrafu 3(d).

▼**M15**

Artikolu 3n

1. Għandu jkun ipprojbit il-forniment, direttjew indirett, ta' assistenza teknika, servizzi ta' senserija jew finanzjament jew assistenza finanzjarja, relatat mat-trasport, inkluż dak permezz ta' trasferimenti minn vapur għal vapur, lejn pajjiżi terzi ta' żejt maħdum jew prodotti tal-petroleum kif elenkati fl-Anness XXV li joriġinaw mir-Russja jew li jkunu ġew esportati mir-Russja.

▼**M17**

2. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 1 ma għandhiex tapplika għall-eżekuzzjoni ta' kuntratti konklużi qabel l-4 ta' Ġunju 2022, jew ta' kuntratti anċillari meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratti sa:

(a) il-5 ta' Diċembru 2022, għaż-żejt mhux maħdum li jaqa' taħt in-NM 2709 00;

(b) il-5 ta' Frar 2023, għall-prodotti tal-petroleum li jaqgħu taħt in-NM 2710.

3. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 1 ma tapplikax għall-pagament ta' pretensjonijiet tal-assigurazzjoni wara l-5 ta' Diċembru 2022, għal żejt mhux maħdum li jaqa' taħt in-NM 2709 00, jew wara l-5 ta' Frar 2023, għal prodotti tal-petroleum li jaqgħu taħt in-NM 2710, abbażi ta' kuntratti tal-assigurazzjoni konklużi qabel l-4 ta' Ġunju 2022 u dment li l-kopertura tal-assigurazzjoni tkun waqfet sad-data rilevanti.

4. Għandu jkun ipprojbit it-trasport, inkluż permezz ta' trasferimenti minn vapur għall-ieħor, lejn pajjiżi terzi, ta' żejt mhux maħdum li jaqa' taħt in-NM 2709 00, mill-5 ta' Diċembru 2022, jew ta' prodotti tal-petroleum li jaqgħu taħt in-NM 2710, mill-5 ta' Frar 2023, kif elenkati fl-Anness XXV, li joriġinaw mir-Russja jew li jkunu ġew esportati mir-Russja.

5. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 4 għandha tapplika mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-ewwel De`i#joni tal-Kunsill li temenda l-Anness XI tad-Deċiżjoni 2014/512/PESK skont l-Artikolu 4p(9)(a) ta' dik id-Deċiżjoni.

Mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' kull Deċiżjoni tal-Kunsill sussegwenti li temenda l-Anness XI tad-Deċiżjoni 2014/512/PESK, il-projbizzjoni fil-paragrafu 4 ma għandhiex tapplika, għal perjodu ta' 90 jum, għat-trasport ta' prodotti elenkati fl-Anness XXV għal dan ir-Regolament li joriġinaw fir-Russja jew li ġew esportati mir-Russja, sakemm:

(a) it-trasport ikun ibbażat fuq kuntratt konklużqabel dik id-data tad-dħul fis-seħħ; u

(b) il-prezz tax-xiri għal kull barmil ma jaqbiżx il-prezz stabbilit fl-Anness XXVIII ta' dan ir-Regolament fid-data tal-konklużjoni ta' dak il-kuntratt.

6. Il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 4 ma għandhomx japplikaw:

(a) mill-5 ta' Diċembru 2022, għaż-żejt mhux maħdum li jaqa' taħt in-NM 2709 00, u mill-5 ta' Frar 2023, għal prodotti tal-petroleum li jaqgħu taħt in-NM 2710, li joriġinaw mir-Russja jew li jkunu ġew esportati mir-Russja, dment li l-prezz tax-xiri għal kull barmil ta' dawn il-prodotti ma jaqbiżx il-prezz stabbilit fl-Anness XXVIII;

▼M17

(b) għal żejt mhux maħdum jew prodotti tal-petroleum kif elenkati fl-Anness XXV meta dawn l-oġġetti joriġinaw minn pajjiż terz u jkunu biss qed jitgħabbew mir-Russja, jitilqu minnha jew jittranżitaw minnha, dment li kemm l-oriġini kif ukoll is-sid ta' dawk l-oġġetti ma jkunux Russi.

(c) għat-trasport, jew għal assistenza teknika, servizzi ta' senserija, finanzjament jew assistenza finanzjarja relatata ma' tali trasport, tal-prodotti msemmijin fl-Anness XXIX lejn il-pajjiżi terzi msemmijin fih, għat-tul ta' żmien speċifikat f'dak l-Anness.

7. Fil-każ li, wara d-dħul fis-seħħ ta' Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda l-Anness XI tad-Deċiżjoni 2014/512/PESK, bastiment ikun ittrasporta ż-żejt mhux maħdum jew il-prodotti tal-petroleum imsemmija fil-paragrafu 4 li l-prezz tax-xiri tagħhom għal kull barmil qabeż il-prezz stabbilit fl-Anness XXVIII ta' dan ir-Regolament fid-data tal-konklużjoni tal-kuntratt għal tali xiri, għandu jkun ipprojbit minn hemm 'il quddiem li jiġu pprovduti s-servizzi msemmija fil-paragrafu 1 relatati mat-trasport ta' żejt mhux maħdum jew mal-prodotti tal-petroleum minn dak il-bastiment.

8. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 1 ma għandhiex tapplika għall-forniment ta' servizzi tal' bdoti meħtieġa għal raġunijiet ta' sikurezza marittima.

▼M16

Artikolu 3o

1. Għandu jkun ipprojbit ix-xiri, l-importazzjoni, jew it-trasferiment, direttament jew indirettament, ta' deheb, kif elenkat fl-Anness XXVI jekk joriġina mir-Russja u jkun ġie esportat mir-Russja lejn l-Unjoni jew lejn kwalunkwe pajjiż terz wara t-22 ta' Lulju 2022.

2. Għandu jkun ipprojbit ix-xiri, l-importazzjoni, jew it-trasferiment, direttament jew indirettament, tal-prodotti elenkati fl-Anness XXVI meta pproċessati f'pajjiż terz li jinkorpora l-prodotti pprojbiti fil-paragrafu 1.

3. Għandu jkun ipprojbit ix-xiri, l-importazzjoni, jew it-trasferiment, direttament jew indirettament, ta' deheb, kif elenkat fl-Anness XXVII jekk joriġina fir-Russja u jkun ġie esportat mir-Russja lejn l-Unjoni wara t-22 ta' Lulju 2022.

4. Għandhom ikunu ipprojbiti:

(a) l-għoti ta' assistenza teknika, servizzi ta' senserija jew servizzi oħrajn relatati mal-oġġetti u t-teknoloġija msemmijin fil-paragrafi 1, 2 u 3 u l-forniment, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta' dawn l-oġġetti, direttament jew indirettament fir-rigward tal-projbizzjoni fil-paragrafi 1, 2 u 3.

(b) l-għoti ta' finanzjament jew assistenza finanzjarja relatati mal-oġġetti msemmija fil-paragrafi 1, 2 u 3 għal kwalunkwe xiri, importazzjoni jew trasferiment ta' dawn l-oġġetti, jew għall-forniment ta' assistenza teknika, servizzi ta' senserija jew servizzi oħra relatati, direttament jew indirettament fir-rigward tal-projbizzjoni fil-paragrafi 1, 2 u 3.

▼M16

5. Il-projbizzjoni fil-paragrafi 1, 2 u 3 ma għandhiex tapplika għal deheb li huwa meħtieġ għall-finijiet uffiċjali ta' missjonijiet diplomatiċi, uffiċċji konsulari jew organizzazzjonijiet internazzjonali fir-Russja li jgawdu minn immunitajiet skont id-dritt internazzjonali.

6. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 3 ma għandhiex tapplika għal oġġetti kif elenkati fl-Anness XXVII għall-użu personali ta' persuni fiżiċi li jivvjaġġaw lejn l-Unjoni Ewropea jew membri tal-familji immedjati tagħhom li jivvjaġġaw magħhom, proprjetà ta' dawk l-individwi u mhux maħsuba għall-bejgħ.

7. B'deroga mill-pragrafi 1, 2 u 3, l-wtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw it-trasferiment jew l-importazzjoni ta' oġġetti kulturali li jkunu b'self fil-kuntest ta' kooperazzjoni kulturali formali mar-Russja.

▼B

Artikolu 4

1. Għandu jkun ipprojbit:

(a) il-forniment, b'mod dirett jew indirett, ta' għajnuna teknika relatata mal-prodotti u t-teknoloġija elenkati fil-Lista Militari Komuni [1], jew relatata mal-forniment, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta' prodotti inklużi f'dik il-lista, lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fir-Russja jew għall-użu fir-Russja;

▼M1

(b) biex jipprovdi, direttament jew indirettament, finanzjament jew assistenza finanzjarja relatata mal-prodotti u t-teknoloġiji elenkati fl-Elenku Militari Komuni, inkluż b'mod partikolari għotjiet, self u assigurazzjoni jew garanziji ta' kreditu għall-esportazzjoni, kif ukoll assigurazzjoni u riassigurazzjoni għal kwalunkwe bejgħ, forniment, trasferiment jew esportazzjoni ta' tali oġġetti, jew għal kwalunkwe forniment ta' assistenza teknika relatata, lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fir-Russja jew għall-użu fir-Russja.

▼M13

_____

2. Il-projbizzjonijiet fil-paragrafu 1 għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-assistenza għal:

(a) l-importazzjoni, ix-xiri jew it-trasport relatat ma': (i) il-forniment ta' partijiet ta' rikambju u servizzi meħtieġa għall-manutenzjoni u s-sikurezza ta' mezzi eżistenti fl-Unjoni; jew (ii) l-eżekuzzjoni ta' kuntratti konklużi qabel l-1 ta' Awwissu 2014, jew kuntratti anċillari meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratti; jew

(b) il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' partijiet ta' rikambju u servizzi meħtieġa għall-manutenzjoni u s-sikurezza ta' mezzi eżistenti fl-Unjoni.

[1] L-aħħar verżjoni ppubblikata fil-ĠU C 107, 9.4.2014, p. 1.

▼M3

2a. Il-projbizzjonijiet fil-punti (a) u (b) tal-paragrafu 1 ma għandhomx japplikaw għall-forniment, direttament jew indirettament, ta' assistenza teknika, ta' finanzjament jew ta' assistenza finanzjarja, relatati mal-operazzjonijiet segwenti:

(a) il-bejgħ, il-provvista, it-trasferiment jew l-esportazzjoni u l-importazzjoni, l-akkwist u t-trasport ta' Idrażina (CAS 302-01-2) f'konċentrazzjonijiet ta' 70 fil-mija jew aktar, sakemm dik l-assistenza teknika, ta' finanzjament jew assistenza finanzjarja tkun tirriferi għal ammont tal-Idrażina kkalkulat skont il-lanċament jew il-lanċamenti jew is-satelliti li għalihom issir, u li ma jaqbiżx il-kwantità totali ta' 800 kg għal kull lanċament jew satellita individwali;

(b) l-importazzjoni, l-akkwist jew it-trasport tad-Dimetilidrażina asimmetrika (CAS 57-14-7);

(c) il-bejgħ, il-provvista, it-trasferiment jew l-esportazzjoni u l-importazzjoni, l-akkwist u t-trasport tal-Monometilidrażina (CAS60-34-4), sakemm dik l-assistenza teknika, ta' finanzjament jew assistenza finanzjarja tkun tirriferi għal ammont ta' Monometilidrażina kkalkulat skont il-lanċament jew il-lanċamenti jew is-satelliti li għalihom issir, sa fejn is-sustanzi li jissemmew fil-punti (a), (b) u (c) ta' dan il-paragrafu jkunu destinati għall-użu ta' lanċaturi operati minn fornituri Ewropej tas-servizz ta' llanċjar, għall-użu ta' lanċamenti ta' programmi spazjali Ewropej, jew għall-għoti ta' karburant lis-satelliti minn fabbrikanti Ewropej tas-satelliti.

▼M4

2aa. Il-projbizzjonijiet fil-punti (a) u (b) tal-paragrafu 1 ma għandhomx japplikaw għall-forniment, direttament jew indirettament, ta' assistenza teknika, ta' finanzjament jew ta' assistenza finanzjarja relatati mal-bejgħ, mal-forniment, mat-trasferiment jew mal-esportazzjoni u mal-importazzjoni, mal-akkwist u mat-trasport tal-idrażina (CAS 302-01-2) f'konċentrazzjonijiet ta' 70 fil-mija jew aktar, sakemm dik l-assistenza teknika, dak il-finanzjament jew dik l-assistenza finanzjarja jirreferu għal idrażina maħsuba għal:

(a) it-testijiet u t-titjir tal-ExoMars Descent Module fil-qafas tal-missjoni ExoMars 2020, f'ammont ikkalkulat skont il-ħtiġijiet ta' kull fażi ta' dik il-missjoni, li ma jaqbiżx total ta' 5 000 kg għad-durata sħiħa tal-missjoni; jew

(b) it-titjir tal-ExoMars Carrier Module fil-qafas tal-missjoni ExoMars 2020, f'ammont ikkalkulat skont il-ħtiġijiet tat-titjir, li ma jaqbiżx total ta' 300 kg.

2b. Il-forniment, direttament jew indirettament, ta' assistenza teknika, ta' finanzjament jew ta' assistenza finanzjarja, relatati mal-operazzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 2a u 2aa għandhom ikunu suġġetti għal awtorizzazzjoni minn qabel mill-awtoritajiet kompetenti.

L-applikanti għall-awtorizzazzjoni għandhom jipprovdu l-informazzjoni rilevanti meħtieġa kollha lill-awtoritajiet kompetenti.

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni bl-awtorizzazzjonijiet kollha li jingħataw.

▼M2

3. Il-forniment ta' dawn li ġejjin għandu jkun soġġett għal awtorizzazzjoni mill-awtorità kompetenti kkonċernata:

(a) assistenza teknika jew servizzi ta' senserija relatati ma' oġġetti elenkati fl-Anness II, u mal-forniment, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta' dawk l-oġġetti, direttament jew indirettament lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fir-Russja, inkluża ż-Żona Ekonomika Esklussiva u l-Blata Kontinentali tagħha, jekk tali assistenza tikkonċerna oġġetti għall-użu fir-Russja, inkluża ż-Żona Ekonomika Esklussiva u l-Blata Kontinentali tagħha, lil kwalunkwe persuna, entità jew korp fi kwalunkwe Stat ieħor;

(b) il-finanzjament jew l-assistenza finanzjarja relatati mal-oġġetti msemmija fl-Anness II, inklużi b'mod partikolari l-għotjiet, is-self u l-assigurazzjoni fuq il-kreditu għall-esportazzjoni, għal kull bejgħ, forniment, trasferiment jew esportazzjoni ta' dawk il-prodotti, jew għal kull forniment ta' assistenza teknika relatata, direttament jew indirettament, lil kull persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fir-Russja, inkluża ż-Żona Ekonomika Esklussiva u l-Blata Kontinentali tagħha jew, jekk tali assistenza tirrigwarda oġġetti għall-użu fir-Russja, inkluża ż-Żona Ekonomika Esklussiva u l-Blata Kontinentali tagħha, lil kwalunkwe persuna, entità jew korp fi kwalunkwe Stat ieħor.

F'każijiet debitament ġustifikati ta' emerġenza msemmija fl-Artikolu 3(5), il-provvista tas-servizzi msemmija f'dan il-paragrafu tista' tipproċedi mingħajr awtorizzazzjoni minn qabel, sakemm l-esportatur jinnotifika lill-awtorità kompetenti fi żmien ħamest ijiem tax-xogħol wara l-provvista tas-servizzi.

▼C1

4. Fejn l-awtorizzazzjonijiet huma mitluba skont il-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, l-Artikolu 3, u b'mod partikolari l-paragrafi 2 u 5 tiegħu, għandhom japplikaw *mutatis mutandis*.

▼M7

Artikolu 5

1. Għandu jkun ipprojbit li direttament jew indirettament jinxtraw, jinbiegħu, jiġu pprovduti servizzi ta' investiment jew assistenza fil-ħruġ ta', jew li b'xi mod ieħor jiġu nnegozjati titoli trasferibbli u strumenti tas-suq tal-flus b'maturità li taqbeż id-90 jum, maħruġa wara l-1 ta' Awwissu 2014 sat-12 ta' Settembru 2014, jew b'maturità li taqbeż it-30 jum, maħruġa wara t-12 ta' Settembru 2014 sat-12 ta' April 2022 jew kwalunkwe titoli trasferibbli u strumenti tas-suq tal-flus maħruġa wara t-12 ta' April 2022 minn:

(a) istituzzjoni ewlenija tal-kreditu, jew istituzzjoni ewlenija oħra li jkollha mandat espliċitu li tippromwovi l-kompetittività tal-ekonomija Russa, id-diversifikazzjoni tagħha u tinkoraġġixxi l-investiment, stabbilita fir-Russja b'iktar minn 50 % ta' sjieda pubblika jew kontroll pubbliku fl-1 ta' Awwissu 2014, kif elenkata fl-Anness III; jew

(b) persuna ġuridika, entità jew korp stabbiliti barra l-Unjoni li iktar minn 50 % tad-drittijiet proprjetarji tagħhom ikunu b'mod dirett jew indirett proprjetà ta' entità elenkata fl-Anness III; jew

(c) persuna ġuridika, entità jew korp li jaġixxi f'isem jew taħt id-direzzjoni ta' entità msemmija fil-punt (b) ta' dan il-paragrafu jew elenkata fl-Anness III.

▼M7

2. Għandu jkun ipprojbit li direttament jew indirettament, jinxtraw, jinbiegħu, jiġu pprovduti servizzi ta' investiment jew assistenza fil-ħruġ ta' titoli trasferibbli u strumenti tas-suq tal-flus maħruġa wara t-12 ta' April 2022, jew isiru negozjati fihom:

(a) kwalunkwe istituzzjoni ta' kreditu ewlenija, jew istituzzjoni oħra b'aktar minn 50 % sjieda jew kontroll pubbliku mis-26 ta' Frar 2022 jew kwalunkwe istituzzjoni ta' kreditu oħra li jkollha rwol sinifikanti fl-appoġġ tal-attivitajiet tar-Russja, il-gvern tagħha jew il-Bank Ċentrali u stabbilita fir-Russja, kif elenkat fl-Anness XII; jew

(b) persuna ġuridika, entità jew korp stabbiliti barra mill-Unjoni li aktar minn 50 % tad-drittijiet proprjetarji tagħhom huma direttament jew indirettament proprjetà ta' entità elenkata fl-Anness XII; jew

(c) persuna ġuridika, entità jew korp li jaġixxi f'isem jew taħt id-direzzjoni ta' entità msemmija fil-punt (a) jew (b) ta' dan il-paragrafu.

3. Għandu jkun ipprojbit li direttament jew indirettament jinxtraw, jinbiegħu, jiġu pprovduti servizzi ta' investiment jew assistenza fil-ħruġ ta', jew li b'xi mod ieħor jiġu nnegozjati titoli trasferibbli u strumenti tas-suq tal-flus b'maturità li taqbeż it-30 jum, maħruġa wara t-12 ta' Settembru 2014 sat-12 ta' April 2022 jew kwalunkwe titoli trasferibbli u strumenti tas-suq tal-flus maħruġa wara t-12 ta' April 2022 minn:

(a) persuna ġuridika, entità jew korp stabbiliti fir-Russja impenjati b'mod predominanti, u b'attivitajiet maġġuri, fil-ħolqien, il-produzzjoni, il-bejgħ jew l-esportazzjoni ta' tagħmir jew servizzi militari, kif elenkat fl-Anness V, ħlief persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi attivi fis-setturi tal-ispazju jew tal-enerġija nukleari;

(b) persuna ġuridika, entità jew korp stabbiliti fir-Russja, li huma kkontrollati pubblikament jew b'aktar minn 50 % sjieda pubblika u li għandhom assi totali stmati ta' aktar minn RUB 1 triljun u li d-dħul stmat tagħhom joriġina għal mill-inqas 50 % mill-bejgħ jew it-trasport ta' żejt mhux maħdum jew prodotti petroliferi, kif elenkati fl-Anness VI;

(c) persuna ġuridika, entità jew korp stabbiliti barra mill-Unjoni li aktar minn 50 % tad-drittijiet proprjetarji tagħhom huma direttament jew indirettament proprjetà ta' entità elenkata fil-punti (a) jew (b) ta' dan il-paragrafu; jew

(d) persuna ġuridika, entità jew korp li jaġixxu f'isem jew taħt id-direzzjoni ta' entità msemmija fil-punt (a), (b) jew (c) ta' dan il-paragrafu.

4. Għandu jkun ipprojbit li direttament jew indirettament, jinxtraw, jinbiegħu, jiġu pprovduti servizzi ta' investiment jew assistenza fil-ħruġ ta' titoli trasferibbli u strumenti tas-suq tal-flus maħruġa wara t-12 ta' April 2022, jew isiru negozjati fihom:

(a) persuna ġuridika, entità jew korp stabbiliti fir-Russja, li huma kkontrollati pubblikament jew b'aktar minn 50 % sjieda pubblika u li fihom ir-Russja, il-Gvern jew il-Bank Ċentrali tagħha għandhom iddritt li jipparteċipaw fil-profitti jew li bihom ir-Russja, il-Gvern jew il-Bank Ċentrali tagħha għandhom relazzjonijiet ekonomiċi sostanzjali oħrajn, kif elenkat fl-Anness XIII; jew

▼M7

(b) persuna ġuridika, entità jew korp stabbiliti barra mill-Unjoni li aktar minn 50 % tad-drittijiet proprjetarji tagħhom huma direttament jew indirettament proprjetà ta' entità elenkata fl-Anness XIII; jew

(c) persuna ġuridika, entità jew korp li jaġixxi f'isem jew taħt id-direzzjoni ta' entità msemmija fil-punt (a) jew (b) ta' dan il-paragrafu.

5. Għandu jkun ipprojbit li jiġu elenkati u pprovduti servizzi mit-12 ta' April 2022 f'ċentri tan-negozjar irreġistrati jew rikonoxxuti fl-Unjoni għat-titoli trasferibbli ta' kwalunkwe persuna ġuridika, entità jew korp stabbilit fir-Russja u b'aktar minn 50 % sjieda pubblika.

6. Għandu jkun ipprojbit li direttament jew indirettament issir jew tkun parti minn kwalunkwe arranġament li jsir

(i) self jew kreditu ġdid b'maturità li taqbeż it-30 jum lil kwalunkwe persuna ġuridika, entità jew korp imsemmija fil-paragrafu 1 jew 3, wara t-12 ta' Settembru 2014 sas-26 ta' Frar 2022 jew

(ii) kwalunkwe self jew kreditu ġdid lil kwalunkwe persuna ġuridika, entità jew korp imsemmi fil-paragrafu 1, 2, 3 jew 4 wara s-26 ta' Frar 2022.

Il-projbizzjoni ma tapplikax għal:

(a) self jew kreditu li għandhom objettiv speċifiku u dokumentat li jipprovdu finanzjament għal importazzjonijiet jew esportazzjonijiet mhux ipprojbiti ta' prodotti u servizzi mhux finanzjarji bejn l-Unjoni u kwalunkwe Stat terz, inkluża n-nefqa għal prodotti u servizzi minn Stat terz ieħor li hija meħtieġa għall-eżekuzzjoni tal-kuntratti ta' esportazzjoni jew importazzjoni; jew

(b) selfiet li jkollhom objettiv speċifiku u dokumentat li jipprovdu finanzjament ta' emerġenza biex jissodisfaw kriterji ta' solvenza u likwidità għal persuni ġuridiċi stabbiliti fl-Unjoni, li aktar minn 50 % tad-drittijiet proprjetarji tagħhom ikunu ta' xi entità msemmija fl-Anness III.

7. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 6 ma għandhiex tapplika għal prelevament jew ħlasijiet magħmula taħt kuntratt konkluż qabel is-26 ta' Frar 2022 sakemm jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) it-termini u kundizzjonijiet kollha ta' dan l-użu ta' kreditu jew ta' dawn il-ħlasijiet:

(i) ġew miftiehma qabel is-26 ta' Frar 2022; u

(ii) ma ġewx modifikati f'dik id-data jew warajha; u

(b) qabel is-26 ta' Frar 2022 tkun ġiet iffissata data ta' maturità kuntrattwali għall-ħlas lura sħiħ tal-fondi kollha disponibbli u għall-kanċellazzjoni tal-impenji, id-drittijiet u l-obbligi kollha skont il-kuntratt; u

(c) fiż-żmien meta ġie konkluż il-kuntratt ma kienx jikser il-projbizzjonijiet ta' dan ir-Regolament fis-seħħ f'dak iż-żmien.

Il-patti u l-kundizzjonijiet tal-użu ta' kreditu disponibbli u żborżi msemmija fil-punt (a) jinkludu dispożizzjonijiet dwar it-tul tal-perjodu ta' ħlas lura għal kull użu ta' kreditu disponibbli jew żborż, ir-rata tal-imgħax applikata jew il-metodu ta' kalkolu tar-rata tal-imgħax, u l-ammont massimu.

▼M6

▼C2

L-Artikolu 5a

1. Għandu jkun ipprojbit li, b'mod dirett jew indirett jinxtraw, jinbiegħu, jiġu pprovduti servizzi ta' investiment jew għajnuna għall-ħruġ ta', jew inkella li jsir negozju ta' titoli trasferibbli u strumenti tas-suq tal-flus maħruġa wara d-9 ta' Marzu 2022 minn:

(a) Ir-Russja u l-gvern tagħha; jew

(b) Il-Bank Ċentrali tar-Russja; jew

(c) persuna ġuridika, entità jew korp li jaġixxu f'isem jew taħt id-direzzjoni tal-entità msemmija fil-punt (b).

2. Għandu jkun ipprojbit li direttament jew indirettament isir jew ikun parti minn kwalunkwe arranġament li jsir kwalunkwe self jew kreditu ġdid lil kwalunkwe persuna ġuridika, entità jew korp imsemmi fil-paragrafu 1 wara t-23 ta' Frar 2022.

Il-projbizzjoni ma għandhiex tapplika għal self jew krediti li jkollu objettiv speċifiku u dokumentat biex jipprovdi finanzjament għal importazzjonijiet jew esportazzjonijiet mhux projbiti ta' oġġetti u servizzi mhux finanzjarji bejn l-Unjoni u kwalunkwe Stat terz, inkluż l-infiq għal oġġetti u servizzi minn Stat terz ieħor li jkun neċessarju għall-eżekuzzjoni tal-kuntratti ta' esportazzjoni jew importazzjoni.

3. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 2 ma għandhiex tapplika għall-użu ta' kreditu disponibbli jew ħlasijiet magħmula taħt kuntratt konkluż qabel it-23 ta' Frar 2022 dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) it-termini u l-kundizzjonijiet kollha ta' dan l-użu ta' kreditu disponibbli jew ta' dawn il-ħlasijiet:

(i) ġew miftiehma qabel it-23 ta' Frar 2022; kif ukoll

(ii) ma ġewx emendati f'dik id-data jew warajha; kif ukoll

(b) qabel it-23 ta' Frar 2022 ġiet iffissata data tal-maturità kuntrattwali għall-ħlas lura sħiħ tal-fondi kollha disponibbli u għall-kanċellazzjoni tal-impenji, drittijiet u obbligi kollha taħt il-kuntratt.

It-termini u l-kundizzjonijiet tal-użu ta' kreditu disponibbli jew ħlasijiet imsemmija fil-punt (a) jinkludu dispożizzjonijiet dwar it-tul tal-perjodu ta' ħlas lura għal kull użu ta' kreditu disponibbli jew ħlas, ir-rata tal-imgħax applikata jew il-metodu ta' kalkolu tar-rata tal-imgħax, u l-ammont massimu.

▼M11

4. Huma pprojbiti tranżazzjonijiet relatati mal-ġestjoni ta' riżervi kif ukoll ta' assi tal-Bank Ċentrali tar-Russja, inkluż tranżazzjonijiet ma' kwalunkwe persuna ġuridika, entità jew korp li jaġixxi f'isem il-Bank Ċentrali tar-Russja jew fuq ordni tiegħu, bħal The Russian National Wealth Fund.

▼M8

5. B'deroga mill-paragrafu 4, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw tranżazzjoni sakemm din tkun strettament meħtieġa biex tiġi żgurata l-istabbiltà finanzjarja tal-Unjoni kollha kemm hi jew tal-Istat Membru kkonċernat.

▼M8

6. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma minnufih lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bl-intenzjoni tiegħu li jagħti awtorizzazzjoni skont il-paragrafu 5.

▼M12

Artikolu 5aa

1. Għandu jkun ipprojbit li wieħed jidħol direttament jew indirettament fi kwalunkwe tranżazzjoni ma':

(a) persuna ġuridika, entità jew korp stabbiliti fir-Russja, li huma kkontrollati pubblikament jew b'aktar minn 50 % sjieda pubblika jew li fihom ir-Russja, il-Gvern tagħha jew il-Bank Ċentrali għandhom iddritt li jipparteċipaw fi profitti jew li magħhom ir-Russja, il-Gvern jew il-Bank Ċentrali tagħha għandhom relazzjoni ekonomika sostanzjali oħra, kif elenkat fl-Anness XIX;

(b) persuna ġuridika, entità jew korp stabbiliti barra l-Unjoni li iktar minn 50 % tad-drittijiet proprjetarji tagħhom ikunu b'mod dirett jew indirett proprjetà ta' entità elenkata fl-Anness XIX; jew

(c) persuna ġuridika, entità jew korp li jaġixxu f'isem jew taħt id-direzzjoni ta' entità msemmija fil-punt (a) jew (b) ta' dan il-paragrafu.

▼M17

1a. Mit-22 ta' Ottubru 2022 għandu jkun ipprojbit li tinżamm kwalunkwe kariga fil-korpi governattivi ta' kwalunkwe persuna ġuridika, korp jew entità msemmija fil-paragrafu 1.

2. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 1 ma għandhiex tapplika, sal-15 ta' Mejju 2022, għall-eżekuzzjoni ta' kuntratti konklużi ma' persuna ġuridika, entità jew korp imsemmi fil-Parti A tal-Anness XIX qabel is-16 ta' Marzu 2022, jew ta' kuntratti anċillari meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' dawn il-kuntratti.

2a. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 1 ma għandhiex tapplika għall-persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi msemmijin fil-Parti A tal-Anness XIX, li jirċievu pagamenti dovuti skont kuntratti li jkunu saru qabel il-15 ta' Mejju 2022.

2b. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 1 ma għandhiex tapplika għall-eżekuzzjoni sat-8 ta' Jannar 2023 ta' kuntratti konklużi ma' persuna ġuridika, entità jew korp imsemmijin fil-Parti B tal-Anness XIX qabel is-7 ta' Ottubru 2022, jew ta' kuntratti anċillari meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratti.

2c. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 1 ma għandhiex tapplika għall-persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi msemmijin fil-Parti B tal-Anness XIX, li jirċievu pagamenti dovuti skont kuntratti li jkunu saru qabel it-8 ta' Jannar 2023.

▼M12

3 Il-projbizzjoni fil-paragrafu 1 ma għandhiex tapplika għal:

▼M16

(a) it-tranżazzjonijiet li huma strettament meħtieġa għax-xiri, l-importazzjoni jew it-trasport dirett jew indirett ta' gass naturali, titanju, aluminju, ram, nikil, palladju u mineral tal-ħadid minn jew li jgħaddi mir-Russja lejn l-Unjoni, pajjiż membru taż-Żona Ekonomika Ewropea, l-Iżvizzera, jew il-Balkani tal-Punent;

▼M16

(aa) sakemm mhux projbiti skont l-Artikolu 3m jew 3n, it-tranżazzjonijiet li huma strettament meħtieġa għax-xiri, l-importazzjoni jew it-trasport dirett jew indirett ta' żejt, inklużi prodotti petrolifiċi raffinati, mir-Russja jew minn ġo fiha;

▼M12

(b) tranżazzjonijiet relatati ma' proġetti tal-enerġija barra mir-Russja li fihom persuna ġuridika, entità jew korp elenkati fl-Anness XIX ikun azzjonist minoritarju;

▼M13

(c) tranżazzjonijiet għax-xiri, l-importazzjoni jew it-trasport fl-Unjoni ta' faħam u fjuwils fossili solidi oħra, kif elenkati fl-Anness XXII sal-10 ta' Awwissu 2022;

▼M16

(d) tranżazzjonijiet, inkluż il-bejgħ, li jkunu strettament neċessarji għall-istralċ, sal-31 ta' Diċembru 2022, ta' impriża konġunta jew arranġament legali simili konklużi qabel is-16 ta' Marzu 2022, li jinvolvu persuna ġuridika, entità jew korp imsemmija fil-paragrafu 1;

▼M15

(e) tranżazzjonijiet relatati mal-forniment ta' servizzi ta' komunikazzjoni elettronika, servizzi ta' ċentri ta' data, u l-forniment ta' servizzi u tagħmir meħtieġa għall-operat, il-manutenzjoni, is-sigurtà, inklużi il-forniment ta' firewalls, u servizzi ta' ċentri telefoniċi, lil persuna ġuridika, entità jew korp elenkati fl-Anness XIX;

▼M16

(f) it-tranżazzjonijiet li huma meħtieġa għax-xiri, l-importazzjoni jew it-trasport ta' prodotti farmaċewtiċi, mediċi, agrikoli u tal-ikel, inklużi qamħ u fertilizzanti li l-importazzjoni, ix-xiri u t-trasport tagħhom huma permessi skont dan ir-Regolament;

(g) it-tranżazzjonijiet li huma strettament meħtieġa biex jiżguraw aċċess għal proċedimenti ta' arbitraġġ ġudizzjarji, amministrattivi jew kummerċjali fi Stat Membru, kif ukoll għar-rikonoxximent jew l-infurzar ta' sentenza jew deċiżjoni ta' arbitraġġ mogħtija fi Stat Membru u jekk tali transżazzjonijiet ikunu konsistenti mal-objettivi ta' dan ir-Regolament u r-Regolament (UE) Nru 269/2014.

▼M17

4. B'deroga mill-proċedura stabbilita fl-Artikolu 7(3) tar-Regolament (KE) Nru 391/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1] u fl-Artikolu 21(3) tad-Direttiva (UE) 2016/1629 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [2], ir-rikonoxximent mill-Unjoni tar-Reġistru Marittimu Russu għat-Tbaħħir skont ir-Regolament (KE) Nru 391/2009 u d-Direttiva (UE) 2016/1629 huwa rtirat.

[1] Ir-Regolament (KE) Nru 391/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar ir-regoli u l-istandards komuni għall-organizzazzjonijiet għall-ispezzjoni u l-perizji tal-vapuri (ĠU L 131, 28.5.2009, p. 11).

[2] Id-Direttiva (UE) 2016/1629 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2016 li tistabbilixxi r-rekwiżiti tekniċi għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni, li temenda d-Direttiva 2009/100/KE u li tħassar id-Direttiva 2006/87/KE (ĠU L 252, 16.9.2016, p 118).

▼M13

Artikolu 5b

▼M16

1. Għandu jkun ipprojbit li jiġi aċċettat kwalunkwe depożitu minn ċittadini Russi jew persuni fiżiċi li jirrisjedu fir-Russja, persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi stabbiliti fir-Russja jew persuna ġuridika, entità jew korp stabbiliti barra mill-Unjoni u li d-drittijiet ta' proprjetà tagħhom huma direttament jew indirettament proprjetà ta' ċittadini Russi jew persuni fiżiċi li jirrisjedu fir-Russja għal iktar minn 50 %, jekk il-valur totali tad-depożiti ta' dik il-persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp għal kull istituzzjoni ta' kreditu jaqbeż EUR 100 000.

▼M17

2. Għandu jkun ipprojbit il-forniment ta' kartieri tal-kriptoassi, kontijiet jew servizzi ta' kustodja lil ċittadini Russi jew persuni fiżiċi li jirrisjedu fir-Russja, jew lil persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi stabbiliti fir-Russja.

▼M13

3. Il-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għal ċittadini ta' Stat Membru, ta' pajjiż membru taż-Żona Ekonomika Ewropea jew tal-Iżvizzera, jew għal persuni fiżiċi li għandhom permess ta' residenza temporanju jew permanenti fi Stat Membru, f'pajjiż membru taż-Żona Ekonomika Ewropea jew fl-Iżvizzera.

▼M16

_____

▼M15

Artikolu 5c

1. B'deroga mill-Artikoli 5b(1) u (2), l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw li jiġi aċċettat tali depożitu jew il-forniment ta' kartiera, kont jew kustodja, b'dawk il-kundizzjonijiet li huma jidhrilhom xierqa, wara li jkunu ddeterminaw li l-aċċettazzjoni ta' tali depożitu jew forniment ta' kartiera, kont jew kustodja hija:

(a) neċessarja biex ikunu sodisfatti l-ħtiġijiet bażiċi ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi msemmija fl-Artikolu 5b(1) u l-membri tal-familja dipendenti tagħhom, inklużi pagamenti għal ikel, kera jew ipoteka, mediċini u trattament mediku, taxxi, primjums tal-assigurazzjoni, u ħlasijiet ta' utilitajiet pubbliċi;

(b) maħsuba esklużivament għall-ħlas ta' tariffi professjonali raġonevoli jew għar-rimborż tal-ispejjeż imġarrba assoċjati mal-provvista ta' servizzi legali;

(c) maħsuba esklużivament għall-pagament ta' tariffi jew imposti ta' servizzi għall-kustodja jew il-ġestjoni normali ta' fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati;

(d) neċessarji għal spejjeż straordinarji, sakemm l-awtorità kompetenti rilevanti tkun innotifikat lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni bir-raġunijiet li għalihom tqis li jenħtieġ li tingħata awtorizzazzjoni speċifika, għall-inqas ġimagħtejn qabel l-awtorizzazzjoni;

▼M15

(e) neċessarji għal skopijiet uffiċjali ta' missjoni diplomatika jew uffiċċju konsulari jew organizzazzjoni internazzjonali; jew

▼M16

(f) meħtieġ għall-kummerċ transfruntier mhux ipprojbit ta' oġġetti u servizzi bejn l-Unjoni u r-Russja.

▼M15

2. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni li tingħata skont il-paragrafu 1, il-punti (a), (b), (c) jew (e), fi żmien ġimagħtejn mill-awtorizzazzjoni.

▼M7

Artikolu 5d

▼M13

1. B'deroga mill-Artikoli 5b(1) u (2), l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw li jiġi aċċettat tali depożitu jew il-forniment ta' kartiera, kont jew kustodja, b'dawk il-kundizzjonijiet li huma jidhrilhom xierqa, wara li jkunu ddeterminaw li l-aċċettazzjoni ta' tali depożitu jew forniment ta' kartiera, kont jew kustodja hija:

▼M7

(a) meħtieġa għal finijiet umanitarji, bħat-twassil jew l-iffaċilitar tat-twassil ta' assistenza, inklużi provvisti mediċi, ikel, jew it-trasferiment ta' ħaddiema umanitarji u assistenza relatata jew għal evakwazzjonijiet; jew

(b) meħtieġa għal attivitajiet tas-soċjetà ċivili li jippromwovu direttament id-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem jew l-istat tad-dritt fir-Russja.

2. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni li jagħti skont il-paragrafu 1 fi żmien ġimagħtejn mill-awtorizzazzjoni.

Artikolu 5e

1. Għandu jkun ipprojbit li depożitorji ċentrali tat-titoli tal-Unjoni jipprovdu kwalunkwe servizz kif definit fl-Anness tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 għal titoli trasferibbli maħruġa wara t-12 ta' April 2022 lil kwalunkwe ċittadin Russu jew persuna fiżika li tirrisjedi fir-Russja jew kwalunkwe persuna ġuridika, entità jew korp stabbilit fir-Russja.

▼M16

2. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika għal ċittadini ta' Stat Membru, ta' pajjiż membru taż-Żona Ekonomika Ewropea jew tal-Iżvizzera, jew għal persuni fiżiċi li għandhom permess ta' residenza temporanju jew permanenti fi Stat Membru, f'pajjiż membru taż-Żona Ekonomika Ewropea jew fl-Iżvizzera.

▼M7

Artikolu 5f

▼M13

1. Għandu jkun ipprojbit il-bejgħ ta' titoli trasferibbli denominati fi kwalunkwe munita uffiċjali ta' Stat Membru maħruġa wara t-12 ta' April 2022 jew unitajiet f'impriżi ta' investiment kollettiv li jipprovdu skopertura għal tali titoli, lil kwalunkwe ċittadin Russu jew persuna fiżika li tirrisjedi fir-Russja jew kwalunkwe persuna ġuridika, entità jew korp stabbilit fir-Russja.

▼M15

2. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika għal nazzjonali ta' Stat Membru, ta' pajjiż membru taż-Żona Ekonomika Ewropea jew tal-Iżvizzera, jew għal persuni fiżiċi li għandhom permess ta' residenza temporanju jew permanenti fi Stat Membru, f'pajjiż membru taż-Żona Ekonomika Ewropea jew fl-Iżvizzera.

▼M7

Artikolu 5g

1. Mingħajr preġudizzju għar-regoli applikabbli dwar ir-rapportar, il-kunfidenzjalità u s-segretezza professjonali, l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom:

(a) tipprovdi lill-awtorità kompetenti nazzjonali tal-Istat Membru fejn jinsabu jew lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard mis-27 ta' Mejju 2022, lista ta' depożiti li jaqbżu l-EUR 100 000 miżmuma minn ċittadini Russi jew persuni fiżiċi residenti fir-Russja, jew minn persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi stabbiliti fir-Russja. Huma għandhom jipprovdu aġġornamenti dwar l-ammonti ta' tali depożiti kull 12-il xahar.

(b) jipprovdu lill-awtorità nazzjonali kompetenti tal-Istat Membru fejn jinsabu, informazzjoni dwar depożiti li jaqbżu l-EUR 100 000 miżmuma minn ċittadini Russi jew persuni fiżiċi residenti fir-Russja li jkunu kisbu ċ-ċittadinanza ta' Stat Membru jew drittijiet ta' residenza fi Stat Membru permezz ta' skema ta' ċittadinanza b'investiment jew skema ta' residenza għall-investituri .

▼M15

Artikolu 5h

1. Għandu jkun ipprojbit il-forniment ta' servizzi ta' messaġġi finanzjarji speċjalizzati, li jintużaw għall-iskambju ta' data finanzjarja, lill-persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi elenkati fl-Anness XIV jew lil kwalunkwe persuna ġuridika, entità jew korp stabbilit fir-Russja li iktar minn 50 % tad-drittijiet proprjetarji tagħhom ikunu b'mod dirett jew indirett proprjetà ta' entità elenkata fl-Anness XIV.

2. Għal kull persuna ġuridika, entità jew korp elenkati fl-Anness XIV, il-projbizzjoni stabbilita fil-paragrafu 1għandha tapplika mid-data msemmija għalihom f'dak l-Anness. Il-projbizzjoni għandha tapplika mill-istess data għal kwalunkwe persuna ġuridika, entità jew korp stabbilit fir-Russja li iktar minn 50 % tad-drittijiet proprjetarji tagħhom ikunu b'mod dirett jew indirett proprjetà ta' entità elenkata fl-Anness XIV.

▼M13

Artikolu 5i

1. Għandu jkun ipprojbit il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' karti tal-flus fi kwalunkwe munita uffiċjali ta' Stat Membru lir-Russja jew lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fir-Russja, inkluż il-gvern u l-Bank Ċentrali tar-Russja, jew għall-użu fir-Russja.

2. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 1 ma għandhiex tapplika fil-każ ta' bejgħ, forniment, trasferiment jew esportazzjoni ta' karti tal-flus denominati fi kwalunkwe munita uffiċjali ta' Stat membru sakemm tali bejgħ, forniment, trasferiment jew esportazzjoni jkunu neċessarji għal:

(a) l-użu personali ta' persuni fiżiċi li jkunu qed jivvjaġġaw lejn ir-Russja, jew il-membri tal-familji immedjati tagħhom li jkunu qed jivvjaġġaw magħhom; jew

(b) l-iskopijiet uffiċjali ta' missjonijiet diplomatiċi, uffiċċji konsulari jew organizzazzjonijiet internazzjonali fir-Russja li jgawdu minn immunitajiet f'konformità mad-dritt internazzjonali.

▼M12

Artikolu 5j

▼M16

1. Għandu jkun ipprojbit il-forniment ta' servizzi ta' klassifikazzjoni tal-kreditu lil jew fuq kwalunkwe ċittadin Russu jew persuna fiżika li tirrisjedi fir-Russja jew kwalunkwe persuna ġuridika, entità jew korp stabbilit fir-Russja.

▼M12

2. Għandu jkun ipprojbit mill-15 ta' April 2022 il-forniment ta' aċċess għal kwalunkwe servizz ta' abbonament fir-rigward ta' attivitajiet ta' klassifikazzjoni tal-kreditu lil kwalunkwe ċittadin Russu jew persuna fiżika li tirrisjedi fir-Russja jew kwalunkwe persuna ġuridika, entità jew korp stabbiliti fir-Russja.

3. Il-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għal ċittadini ta' Stat Membru jew persuni fiżiċi li għandhom permess ta' residenza temporanju jew permanenti fi Stat Membru.

▼M13

Artikolu 5k

▼M16

1. Għandu jkun ipprojbit li tingħata jew titkompla l-eżekuzzjoni ta' kwalunkwe kuntratt pubbliku jew ta' konċessjoni li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttivi dwar l-akkwist pubbliku, kif ukoll l-Artikolu 10, (1), (3), (6), punti (a) sa (e), (8), (9) u (10), l-Artikoli 11, 12, 13 u 14 tad-Direttiva 2014/23/UE, l-Artikolu 7, punti (a) sa (d), u l-Artikolu 8, l-Artikolu 10 punti (b) sa (f) u minn (h) sa (j) tad-Direttiva 2014/24/UE, l-Artikolu 18, l-Artikolu 21 punti (b) sa (e) u minn (g) sa (i), l-Artikoli 29 u 30 tad-Direttiva 2014/25/UE u l-Artikolu 13 punti (a) sa (d), minn (f) sa (h) u (j) tad-Direttiva 2009/81/KE, u t-Titolu VII tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046, lil jew ma':

(a) ċittadin Russu, persuna fiżika residenti fir-Russja, jew persuna ġuridika, entità jew korp stabbilit fir-Russja;

▼M16

(b) persuna ġuridika, entità jew korp li aktar minn 50 % tad-drittijiet proprjetarji tagħhom huma direttament jew indirettament proprjetà ta' entità msemmija fil-punt (a) ta' dan il-paragrafu; jew; jew

(c) persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp li jaġixxu f'isem entità msemmija fil-punti minn (a) jew (b) ta' dan il-paragrafu jew skont id-direzzjoni tagħha,

inkluż, fejn dawn jammontaw għal aktar minn 10 % tal-valur tal-kuntratt, tas-sottokuntratturi, tal-forniturijew tal-entitajiet li l-kapaċitajiet tagħhom huma invokati fis-sens tad-Direttivi dwar l-akkwist pubbliku.

▼M13

2. B'deroga mill-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw l-għoti u t-twettiq kontinwat ta' kuntratti maħsuba għal:

(a) l-operat, il-manutenzjoni, id-dekummissjonar u l-ġestjoni tal-iskart radjuattiv, il-forniment tal-fjuwil u t-trattament mill-ġdid u s-sikurezza tal-kapaċitajiet nukleari ċivili, u l-kontinwazzjoni tad-disinn, tal-kostruzzjoni u l-kummissjonar meħtieġa għat-tlestija ta' faċilitajiet nukleari ċivili, kif ukoll il-forniment ta' materjal prekursur għall-produzzjoni ta' isotopi radjuattivi mediċi u applikazzjonijiet mediċi simili, it-teknoloġija kritika għall-monitoraġġ tar-radjazzjoni ambjentali, kif ukoll il-kooperazzjoni nukleari ċivili, b'mod partikolari fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp;

(b) il-kooperazzjoni intergovernattiva fi programmi spazjali;

(c) il-forniment ta' oġġetti jew servizzi strettament neċessarji li jistgħu jipprovduhom biss, jew li jistgħu jipprovduhom biss fi kwantitajiet suffiċjenti, il-persuni msemmija fil-paragrafu 1;

(d) il-funzjonament tar-rappreżentanzi diplomatiċi u konsulari tal-Unjoni u l-Istati Membri fir-Russja, inklużi delegazzjonijiet, ambaxxati u missjonijiet, jew organizzazzjonijiet internazzjonali fir-Russja li jgawdu immunitajiet f'konformità mad-dritt internazzjonali;

▼M15

(e) sakemm mhux ipprojbit skont l-Artikolu 3m jew 3n, ix-xiri, l-importazzjoni jew it-trasport ta' gass naturali u żejt, inkluż prodotti miż-żejt raffinat, kif ukoll it-titanju, l-aluminju, ir-ram, in-nikil, il-palladju u l-mineral tal-ħadid minn jew li jgħaddu mir-Russja lejn l-Unjoni; jew

▼M13

(f) ix-xiri, l-importazzjoni jew it-trasport fl-Unjoni ta' faħam u fjuwils fossili solidi oħra, kif elenkat fl-Anness XXII sal-10 ta' Awwissu 2022.

3. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni dwar kull awtorizzazzjoni li tingħata skont dan l-Artikolu fi żmien ġimagħtejn mill-awtorizzazzjoni.

4. Il-projbizzjonijiet fil-paragrafu 1 ma għandhomx japplikaw għat-twettiq sal-10 ta' Ottubru 2022 ta' kuntratti konklużi qabel id-9 ta' April 2022.

▼M13

Artikolu 5l

1. Għandu jkun ipprojbit l-għoti ta' appoġġ, dirett jew indirett, inklużi l-finanzjament u l-assistenza finanzjarja jew kwalunkwe benefiċċju ieħor fl-ambitu ta' programm u kuntratti nazzjonali tal-Unjoni, tal-Euratom jew ta' Stat Membru fis-sens tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 ([1]), lil kwalunkwe persuna ġuridika, entità jew korp stabbiliti fir-Russja fejn l-Istat għandu sjieda jew kontroll ta' aktar minn 50 % tagħhom.

2. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 1 ma għandhiex tapplika għal:

(a) skopijiet umanitarji, emerġenzi tas-saħħa pubblika, il-prevenzjoni jew il-mitigazzjoni urġenti ta' avveniment li x'aktarx ikollu impatt serju u sinifikanti fuq is-saħħa u s-sikurezza tal-bniedem jew tal-ambjent, jew bħala rispons għal diżastri naturali;

(b) programmi fitosanitarji u veterinarji;

(c) kooperazzjoni intergovernattiva fil-programmi spazjali u fl-ambitu tal-Ftehim Internazzjonali dwar ir-Reattur Termonukleari Sperimentali;

(d) l-operat, il-manutenzjoni, id-dekummissjonar u l-ġestjoni tal-iskart radjuattiv, il-forniment tal-fjuwil u t-trattament mill-ġdid u s-sikurezza tal-kapaċitajiet nukleari ċivili, kif ukoll il-forniment ta' materjal prekursur għall-produzzjoni ta' isotopi radjuattivi mediċi u applikazzjonijiet mediċi simili, it-teknoloġija kritika għall-monitoraġġ tar-radjazzjoni ambjentali, kif ukoll il-kooperazzjoni nukleari ċivili, b'mod partikolari fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp;

(e) l-iskambji ta' mobbiltà għall-individwi u għall-kuntatti bejn il-persuni;

(f) programmi klimatiċi u ambjentali, bl-eċċezzjoni tal-appoġġ fil-kuntest tar-riċerka u l-innovazzjoni;

(g) il-funzjonament tar-rappreżentanzi diplomatiċi u konsulari tal-Unjoni u l-Istati Membri fir-Russja, inklużi delegazzjonijiet, ambaxxati u missjonijiet, jew organizzazzjonijiet internazzjonali fir-Russja li jgawdu immunitajiet f'konformità mad-dritt internazzjonali.

▼M15

Artikolu 5m

1. Għandu jkun ipprojbit li wieħed jirreġistra, jipprovdi uffiċċju reġistrat, indirizz tan-negozju jew amministrattiv kif ukoll servizzi ta' ġestjoni lil trust jew xi arranġament legali simili li jkollu bħala trustor jew benefiċjarju:

(a) nazzjonali Russi jew persuni fiżiċi li jirrisjedu fir-Russja;

(b) persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi stabbiliti fir-Russja;

([1]) Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

▼M15

(c) persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi li aktar minn 50 % tad-drittijiet proprjetarji tagħhom huma direttament jew indirettament proprjetà ta' persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp imsemmija fil-punti (a) jew (b);

(d) persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi kkontrollati minn persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp imsemmija fil-punti (a), (b) jew (c);

(e) persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp li jaġixxu f'isem jew skont id-direzzjoni ta' persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp imsemmija fil-punti (a), (b), (c) jew (d).

2. Għandu jkun ipprojbit mill-5 ta' Lulju 2022 li wieħed jaġixxi, jew jagħmel arranġamenti biex persuna oħra taġixxi, bħala trustee, azzjonista mandatarju, direttur, segretarju jew pożizzjoni simili, għal trust jew arranġament legali simili kif imsemmi fil-paragrafu 1.

3. Il-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għall-operazzjonijiet li huma strettament neċessarji għat-terminazzjoni sal-5 ta' Lulju 2022 ta' kuntratti li ma humiex f'konformità ma' dan l-Artikolu konklużi qabel id-9 ta' April 2022 jew ta' kuntratti anċillari neċessarji għat-twettiq ta' tali kuntratti.

▼M17

4. Il-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw meta l-fiduċjarju jew il-benefiċjarju jkun ċittadin ta' Stat Membru, ta' pajjiż membru taż-Żona Ekonomika Ewropea jew tal-Iżvizzera, jew persuna fiżika li jkollha permess ta' residenza temporanju jew permanenti fi Stat Membru, f'pajjiż membru taż-Żona Ekonomika Ewropea jew fl-Iżvizzera.

▼M15

5. B'deroga mill-paragrafu 2, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw, b'tali kundizzjonijiet li jidhrilhom xierqa, li s-servizzi msemmijin fil-paragrafu 2 ikomplu lil hinn mill-5 ta' Lulju 2022:

(a) għat-tlestija sal-5 ta' Settembru 2022 tal-operazzjonijiet strettament neċessarji għat-terminazzjoni tal-kuntratti msemmija fil-paragrafu 3, dment li tali operazzjonijiet ikunu nbdew qabel il-11 ta' Mejju 2022; jew

(b) għal raġunijiet oħra, dment li l-forniturі tas-servizzi ma jaċċettawx mill-persuni msemmija fil-paragrafu 1, jew ma jqegħdux għad-dispożizzjoni tagħhom, xi fond jew xi riżorsa ekonomika, direttament jew indirettament, jew ma jipprovdux b'xi mod ieħor lil dawn il-persuni b'xi benefiċċju minn assi mqiegħda fi trust.

6. B'deroga mill-paragrafi 1 u 2, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw is-servizzi msemmija f'dawk il-paragrafi, b'tali kondizzjonijiet li huma jqisu xierqa, wara li jkunu ddeterminaw li dawn huma neċessarji għal:

(a) skopijiet umanitarji, bħat-twassil jew l-iffaċilitar tat-twassil ta' assistenza, inkluż provvisti mediċi, ikel, jew it-trasferiment ta' ħaddiema umanitarji u assistenza relatata jew għal evakwazzjonijiet;

▼M15

(b) attivitajiet tas-soċjetà ċivili li jippromwovu direttament id-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem jew l-istat tad-dritt fir-Russja; jew

(c) l-operat ta' trusts li l-għan tagħhom huwa li jamministraw skemi ta' pensjonijiet okkupazzjonali, poloz tal-assigurazzjoni jew skema ta' ishma għall-impjegati, karitajiet, assoċjazzjonijiet sportivi mhux professjonali, u fondi għall-minorenni jew adulti vulnerabbli.

7. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija skont il-paragrafu 5 jew 6 fi żmien ġimagħtejn minn tali awtorizzazzjoni.

▼M17

Artikolu 5n

1. Għandu jkun ipprojbit il-forniment, direct jew indirett, ta' kontabilità, awditjar, inkluż l-awditjar statutorju, iż-żamma tal-kotba u servizzi ta' konsulenza dwar it-taxxa, jew servizzi ta' konsulenza maniġerjali u dwar in-negozju jew servizzi ta' relazzjonijiet pubbliċi lil:

(a) il-Gvern tar-Russja; jew

(b) persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi stabbiliti fir-Russja.

2. Għandu jkun ipprojbit l-għoti, direct jew indirett, ta' servizzi arkitettoniċi u ta' inġinerija, servizzi ta' konsulenza legali u servizzi ta' konsulenza tal-IT lil:

(a) il-Gvern tar-Russja; jew

(b) persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi stabbiliti fir-Russja.

3. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika għall-forniment ta' servizzi li huma strettament neċessarji għat-terminazzjoni, sal-5 ta' Lulju 2022, ta' kuntratti li mhumiex konformi ma' dan l-Artikolu konklużi qabel l-4 ta' Ġunju 2022, jew ta' kuntratti anċillari meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratti.

4. Il-paragrafu 2 ma għandux japplika għall-forniment ta' servizzi li huma strettament meħtieġa għat-terminazzjoni sat-8 ta' Jannar 2023 ta' kuntratti li ma jikkonformawx ma' dan l-Artikolu konklużi qabel is-7 ta' Ottubru 2022, jew ta' kuntratti anċillari meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratti.

5. Il-paragrafu 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għall-forniment ta' servizzi li huma strettament meħtieġa għall-eżerċizzju tad-dritt ta' difiża fi proċedimenti ġudizzjarji u d-dritt għal rimedju legali effettiv.

▼M17

6. Il-paragrafu 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għall-forniment ta' servizzi li huma strettament meħtieġa biex jiġi żgurat aċċess għal proċedimenti ġudizzjarji, amministrattivi jew ta' arbitraġġ fi Stat Membru, jew għar-rikonoxximent jew l-infurzar ta' sentenza jew deċiżjoni ta' arbitraġġ mogħtija fi Stat Membru, dment li tali forniment ta' servizzi jkunkonsistenti mal-objettivi ta' dan ir-Regolament u r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014 ([1]).

7. Il-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għall-forniment ta' servizzi maħsuba għall-użu esklużiv ta' persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi stabbiliti fir-Russja li huma proprjetà ta', jew kkontrollati kompletament jew b'mod konġunt minn, persuna ġuridika, entità jew korp li huma inkorporati jew kostitwiti skont il-liġi ta' Stat Membru, pajjiż membru taż-Żona Ekonomika Ewropea, l-Iżvizzera, jew pajjiż sieħeb kif elenkat fl-Anness VIII.

8. Il-paragrafi 2 ma għandux japplika għall-forniment ta' servizzi meħtieġa għall-emerġenzi tas-saħħa pubblika, il-prevenzjoni jew il-mitigazzjoni urġenti ta' avveniment li x'aktarx ikollu impatt serju u sinifikanti fuq is-saħħa u s-sikurezza tal-bniedem jew l-ambjent, jew bħala rispons għal diżastri naturali.

9. Il-paragrafu 2 ma għandux japplika għall-forniment ta' servizzi meħtieġa għall-aġġornamenti tas-softwer għal użu mhux militari u għal utent aħħari mhux militari, permess mill-Artikoli 2(3)(d) u 2a(3)(d) b'rabta ma' oġġetti elenkati fl-Anness VII.

10. B'deroga mill-paragrafi 1 u 2, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw is-servizzi msemmijin fihom, bil-kundizzjonijiet li jidhrilhom xierqa, wara li jkunu ddeterminaw li dawn huma neċessarji għal:

(a) skopijiet umanitarji, bħat-twassil jew l-iffaċilitar tat-twassil ta' assistenza, inklużi l-provvisti mediċi, l-ikel, jew it-trasferiment ta' ħaddiema umanitarji u l-assistenza relatata jew għall-evakwazzjonijiet; jew

(b) attivitajiet tas-soċjetà ċivili li jippromwovu direttament id- demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem jew l-istat tad-dritt fir-Russja; jew

(c) il-funzjonament ta' rappreżentanzi diplomatiċi u konsulari tal-Unjoni u tal-Istati Membri jew pajjiżi sħab fir-Russja, inkluż delegazzjonijiet, ambaxxati u missjonijiet, jew organizzazzjonijiet internazzjonali fir-Russja li jgawdu immunitajiet f'konformità mal-liġi internazzjonali.

11. B'deroga mill-paragrafu 1 u 2, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw is-servizzi msemmijin fihom, bil-kondizzjonijiet li jidhrilhom xierqa, wara li jkunu ddeterminaw li dawn huma meħtieġa għal:

(a) l-iżgurar tal-provvista kritika tal-enerġija fl-Unjoni u x-xiri, l-importazzjoni jew it-trasport fl-Unjoni tat-titanju, l-aluminju, ir-ram, innikil, il-palladju u l-mineral tal-ħadid;

([1]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014 tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina (ĠU L 78, 17.3.2014, p. 6).

▼M17

(b) l-iżgurar tat-tħaddim kontinwu tal-infrastrutturi, hardware u software li huma kritiċi għas-saħħa u s-sigurtà tal-bniedem, jew għas-sikurezza tal-ambjent;

(c) it-twaqqif, it-tħaddim, il-manutenzjoni, il-provvista tal-fjuwil u t-trattament mill-ġdid u s-sikurezza tal-kapaċitajiet nukleari ċivili, u l-kontinwazzjoni tad-disinn, il-kostruzzjoni u l-ikkummissjonar meħtieġa għat-tlestija tal-faċilitajiet nukleari ċivili, il-provvista ta' materjal prekursur għall-produzzjoni ta' isotopi radjuattivi mediċi u applikazzjonijiet mediċi simili, jew teknoloġija kritika għall-monitoraġġ tar-radjazzjoni ambjentali, kif ukoll għall-kooperazzjoni nukleari ċivili, b'mod partikolari fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp; jew

(d) il-forniment ta' servizzi ta' komunikazzjoni elettronika mill-operaturi tat-telekomunikazzjoni tal-Unjoni meħtieġa għat-tħaddim, il-manutenzjoni u s-sigurtà, inkluż iċ-ċibersigurtà, ta' servizzi ta' komunikazzjoni elettronika, fir-Russja, fl-Ukrajna, fl-Unjoni, bejn ir-Russja u l-Unjoni, u bejn l-Ukrajna u l-Unjoni, u għal servizzi ta' ċentri tad-data fl-Unjoni.

12. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija skont il-paragrafi 9, 10 u 11 fi żmien ġimagħtejn mill-awtorizzazzjoni.

▼M7

Artikolu 6

1. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jinfurmaw lil xulxin dwar il-miżuri meħuda skont dan ir-Regolament u jaqsmu kull informazzjoni oħra relevanti li jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom marbuta ma' dan ir-Regolament, b'mod partikolari informazzjoni fir-rigward ta':

(a) awtorizzazzjonijiet mogħtija taħt dan ir-Regolament;

(b) informazzjoni riċevuta skont l-Artikolu 5g;

(c) ksur u ta' diffikultajiet ta' infurzar u sentenzi mogħtija minn qrati nazzjonali;

▼M13

(d) każijiet individwati ta' ksur, ċirkomvenzjoni u tentattivi ta' ksur jew ċirkomvenzjoni tal-projbizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament permezz tal-użu ta' kriptoassi.

▼M7

2. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw minnufih lil xulxin u lill-Kummissjoni b'kull informazzjoni rilevanti oħra għad-dispożizzjoni tagħhom li tista' taffettwa l-implimentazzjoni effettiva ta' dan ir-Regolament.

3. Kwalunkwe informazzjoni pprovduta jew riċevuta f'konformità ma' dan l-Artikolu għandha tintuża għall-finijiet li għalihom ġiet ipprovduta jew riċevuta, inkluż l-iżgurar tal-effettività tal-miżuri stabbiliti f'dan ir-Regolament.

▼M7

Artikolu 7

Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li temenda l-Annessi I u IX fuq il-bażi tal-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri.

▼M17

Artikolu 7a

Il-Kummissjoni għandha temenda:

(a) l-Anness XXVIII, f'konformità mad-deċiżjonijiet tal-Kunsill li jemendaw id-Deċiżjoni 2014/512/PESK biex jiġu aġġornati il-prezzijiet miftiehma mill- Koalizzjoni għal-Limitu Massimu tal-Prezzijiet; kif ukoll

(b) l-Anness XXIX, f'konformità mad-deċiżjonijiet tal-Kunsill li jemendaw id-Deċiżjoni 2014/512/PESK biex tiġi aġġornata l-lista ta' proġetti tal-enerġija eżentati abbażi ta' kriterji ta' eliġibbiltà oġġettivi miftiehma mill-Koalizzjoni għal-Limitu Massimu tal-Prezzijiet.

▼B

Artikolu 8

▼M15

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar penali, inkluż fejn hu xieraqpenali kriminali, applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u jieħdu l-miżuri kollha neċessarji biex jiżguraw li dawn jiġu implimentati. Il-penali previsti jridu jkunu effikaċi, proporzjonati u dissważivi. L-Istati Membri għandhom jipprevedu wkoll għal miżuri xierqa ta' konfiska tar-rikavat minn tali ksur.

▼B

2. L-Istati Membri jinnotifikaw ir-regoli msemmija fil-paragrafu 1 lill-Kummissjoni mingħajr dewmien wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, u jinnotifikawha b'kull emenda sussegwenti.

Artikolu 9

1. L-Istati Membri jinnominaw l-awtoritajiet kompetenti msemmija f'dan ir-Regolament u jidentifikawhom fis-siti tal-internet elenkati fl-Anness I. L-Istati Membri jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar kwalunkwe tibdil fl-indirizzi tas-siti tal-internet elenkati fl-Anness I.

2. L-Istati Membri jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar l-awtoritajiet kompetenti tagħhom, inklużi d-dettalji ta' kuntatt ta' dawk l-awtoritajiet kompetenti, mingħajr dewmien wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament u jinnotifikawha dwar kwalunkwe emenda sussegwenti.

3. Fejn dan ir-Regolament jistipula r-rekwiżit li l-Kummissjoni tkun notifikata, infurmata jew li ssir xi forma oħra ta' komunikazzjoni magħha, l-indirizz u d-dettalji l-oħra tal-kuntatt għal tali komunikazzjoni jkunu dawk indikati fl-Anness I.

▼B

Artikolu 10

Azzjonijiet minn persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi m'għandhomx iwasslu għal ebda tip ta' responsabbiltà min-naħa tagħhom, jekk huma ma kinux jafu, u ma kellhom ebda raġuni valida li jissuspettaw, li l-azzjonijiet tagħhom jiksru l-miżuri li jinsabu f'dan ir-Regolament.

▼M7

Artikolu 11

1. Ebda pretensjoni b'konnessjoni ma' xi kuntratt jew tranżazzjoni, li l-prestazzjoni tagħhom tkun ġiet affettwata, direttament jew indirettament, totalment jew parzjalment, mill-miżuri imposti skont dan ir-Regolament, inklużi pretensjonijiet għal indennizz jew kwalunkwe pretensjoni oħra ta' dan it-tip, bħal pretensjoni għal kumpens jew pretensjoni taħt garanzija, partikolarment pretensjoni għal estensjoni jew għall-ħlas ta' bond, garanzija jew indennizz, b'mod partikolari garanzija finanzjarja jew indennizz finanzjarju, ta' kwalunkwe għamla, ma għandha tiġi ssodisfata, jekk dawm isiru minn:

▼M13

(a) persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi elenkati fl-Annessi ta' dan ir-Regolament jew persuni ġuridiċi jew entitajiet jew korpi stabbiliti barra mill-Unjoni li, direttament jew indirettament, huma sidien ta' aktar minn 50 % tad-drittijiet ta' proprjetà tagħhom;

▼M7

(b) kwalunkwe persuna, entità jew korp Russu ieħor;

(c) kwalunkwe persuna, entità jew korp li jaġixxi permezz ta' jew f'isem waħda mill-persuni, l-entitajiet jew il-korpi msemmija fil-punti (a) jew (b) ta' dan il-paragrafu.

2. F'kull proċediment għall-infurzar ta' pretensjoni, l-obbligu biex ikun ippruvat il-fatt li l-ilqugħ tat-talba ma jkunx ipprojbit mill-paragrafu 1 għandu jkun fuq il-persuna li tkun qed titlob l-infurzar ta' dik il-pretensjoni.

3. Dan l-Artikolu huwa mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-persuni, l-entitajiet u l-korpi msemmija fil-paragrafu 1 għal stħarriġ ġudizzjarju tal-legalità li ma jintlaħqux l-obbligi kuntrattwali f'konformità ma' dan ir-Regolament.

▼M12

Artikolu 12

Għandha tiġi pprojbita l-parteċipazzjoni, konxja u b'intenzjoni, f'attivitajiet li għandhom l-għan jew l-effett li jevitaw il-projbizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament.

▼M7

Artikolu 12a

1. Il-Kummissjoni għandha tipproċessa d-data personali sabiex twettaq il-kompiti tagħha skont dan ir-Regolament. Dawn il-kompiti jinkludu t-trattament ta' informazzjoni dwar depożiti u informazzjoni dwar awtorizzazzjonijiet mogħtija mill-awtoritajiet kompetenti.

▼M7

2. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, is-servizz tal-Kummissjoni elenkat fl-Anness I huwa maħtur bħala "kontrollur" għall-Kummissjoni fis-sens tal-Artikolu 3(8) tar-Regolament (UE) 2018/1725 ([1]) fir-rigward tal-attivitajiet ta' pproċessar meħtieġa biex jitwettqu l-kompiti msemmija fil-paragrafu 1.

▼M16

3. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, inklużi l-awtoritajiet tal-infurzar u l-amministraturi tar-reġistri uffiċjali fejn ikunu rreġistrati persuni fiżiċi, persuni ġuridiċi, entitajiet u korpi kif ukoll proprjetà immobbli jew mobbli, għandhom jipproċessaw u jiskambjaw informazzjoni li tinkludi *data* personali, ma' awtoritajiet kompetenti oħra tal-Istati Membri u mal-Kummissjoni Ewropea.

4. Kwalunkwe pproċessar ta' *data* personali għandu jitwettaq f'konformità ma' dan ir-Regolament u r-Regolamenti (UE) 2016/679 ([2]) u (UE) 2018/1725 ([3]) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u biss sa fejn ikun meħtieġ għall-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u sabiex tiġi żgurata kooperazzjoni effettiva bejn l-Istati Membri kif ukoll mal-Kummissjoni Ewropea fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.;

▼B

Artikolu 13

Dan ir-Regolament għandu japplika:

(a) fit-territorju tal-Unjoni;

(b) abbord kwalunkwe inġenju tal-ajru jew kwalunkwe bastiment taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru;

(c) għal kull persuna fit-territorju tal-Unjoni jew barra minnu li tkun ċittadin ta' Stat Membru;

(d) għal kull persuna ġuridika, entità jew korp, ġewwa jew barra mit-territorju tal-Unjoni, li jkunu inkorporati jew kostitwiti skont il-liġi ta' Stat Membru;

(e) għal kwalunkwe persuna ġuridika, entità jew korp fir-rigward ta' kull kummerċ imwettaq, kompletament jew parzjalment, fl-Unjoni.

([1]) Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

([2]) Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data , u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad- Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

([3]) Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).;.

▼B

Artikolu 14

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼**M14**

ANNESS I

IL-BELĠJU

https://diplomatie.belgium.be/en/policy/policy_areas/peace_and_security/sanctions

IL-BULGARIJA

https://www.mfa.bg/en/EU-sanctions

IĊ-ĊEKJA

www.financnianalytickyurad.cz/mezinarodni-sankce.html

ID-DANIMARKA

http://um.dk/da/Udenrigspolitik/folkeretten/sanktioner/

IL-ĠERMANJA

https://www.bmwi.de/Redaktion/DE/Artikel/Aussenwirtschaft/embargos-aussenwirtschaftsrecht.html

L-ESTONJA

https://vm.ee/et/rahvusvahelised-sanktsioonid

L-IRLANDA

https://www.dfa.ie/our-role-policies/ireland-in-the-eu/eu-restrictive-measures/

IL-GREĊJA

http://www.mfa.gr/en/foreign-policy/global-issues/international-sanctions.html

SPANJA

https://www.exteriores.gob.es/es/PoliticaExterior/Paginas/SancionesInternacionales.aspx

FRANZA

http://www.diplomatie.gouv.fr/fr/autorites-sanctions/

IL-KROAZJA

https://mvep.gov.hr/vanjska-politika/medjunarodne-mjere-ogranicavanja/22955

L-ITALJA

https://www.esteri.it/it/politica-estera-e-cooperazione-allo-sviluppo/politica_europea/misure_deroghe/

ĊIPRU

https://mfa.gov.cy/themes/

IL-LATVJA

http://www.mfa.gov.lv/en/security/4539

IL-LITWANJA

http://www.urm.lt/sanctions

▼**M14**

IL-LUSSEMBURGU

https://maee.gouvernement.lu/fr/directions-du-ministere/affaires-europeennes/organisations-economiques-int/mesures-restrictives.html

L-UNGERIJA

https://kormany.hu/kulgazdasagi-es-kulugyminiszterium/ensz-eu-szankcios-tajekoztato

MALTA

https://foreignandeu.gov.mt/en/Government/SMB/Pages/SMB-Home.aspx

IN-NETHERLANDS

https://www.rijksoverheid.nl/onderwerpen/internationale-sancties

L-AWSTRIJA

https://www.bmeia.gv.at/themen/aussenpolitik/europa/eu-sanktionen-nationale-behoerden/

IL-POLONJA

https://www.gov.pl/web/dyplomacja/sankcje-miedzynarodowe

https://www.gov.pl/web/diplomacy/international-sanctions

IL-PORTUGALL

https://www.portaldiplomatico.mne.gov.pt/politica-externa/medidas-restritivas

IR-RUMANIJA

http://www.mae.ro/node/1548

IS-SLOVENJA

http://www.mzz.gov.si/si/omejevalni_ukrepi

IS-SLOVAKKJA

https://www.mzv.sk/europske_zalezitosti/europske_politiky-sankcie_eu

IL-FINLANDJA

https://um.fi/pakotteet

L-IŻVEZJA

https://www.regeringen.se/sanktioner

Indirizz għal notifiki lill-Kummissjoni Ewropea:

Il-Kummissjoni Ewropea

Id-Direttorat Ġenerali għall-Istabbiltà Finanzjarja, is-Servizzi Finanzjarji u l-Unjoni tas-Swieq Kapitali (DĠ FISMA)

Rue de Spa 2

B-1049 Brussell, il-Belġju

Posta elettronika: relex-sanctions@ec.europa.eu

▼B

ANNESS II

▼M2

Lista ta' oġġetti msemmija fl-Artikolu 3

▼B

Kodiċi CN	Deskrizzjoni
7304 11 00	Pajp tal-linja ta' tip użat għal linji tal-pajpijiet għal żejt jew gass, biċċa waħda, tal-istainless steel
7304 19 10	Pajp tal-linja ta' tip użat għal linji tal-pajpijiet għal żejt jew gass, biċċa waħda, tal-ħadid jew tal-azzar, ta' dijametru ta' barra mhux aktar minn 168.3 mm (ħlief prodotti tal-istainless steel jew tal-ħadid fondut)
7304 19 30	Pajp tal-linja ta' tip użat għal linji tal-pajpijiet għal żejt jew gass, biċċa waħda, tal-ħadid jew tal-azzar, ta' dijametru ta' barra aktar minn 168.3 mm, iżda mhux aktar minn 406.4 mm (ħlief prodotti tal-istainless steel jew tal-ħadid fondut)
7304 19 90	Pajp tal-linja ta' tip użat għal linji tal-pajpijiet għal żejt jew gass, biċċa waħda, tal-ħadid jew tal-azzar, ta' dijametru ta' barra aktar minn 406.4 mm (ħlief prodotti tal-istainless steel jew tal-ħadid fondut)
7304 22 00	Virga ta' perforazzjoni, biċċa waħda, tal-istainless steel, ta' tip użat fit-tħaffir għal żejt jew gass
7304 23 00	Virga ta' perforazzjoni, biċċa waħda, ta' tip użat fit-tħaffir għaż-żejt jew għall-gass, tal-ħadid jew tal-azzar (ħlief prodotti tal-istainless steel jew tal-ħadid fondut)
7304 29 10	Kejsing u tubi ta' tip użat fit-tħaffir għal żejt jew gass, biċċa waħda, tal-ħadid jew tal-azzar, ta' dijametru ta' barra mhux aktar minn 168.3 mm (ħlief prodotti tal-ħadid fondut)
7304 29 30	Kejsing u tubi ta' tip użat fit-tħaffir għal żejt jew gass, biċċa waħda, tal-ħadid jew tal-azzar, ta' dijametru ta' barra aktar minn 168.3 mm, iżda mhux aktar minn 406.4 mm (ħlief prodotti tal-ħadid fondut)
7304 29 90	Kejsing u tubi ta' tip użat fit-tħaffir għal żejt jew gass, biċċa waħda, tal-ħadid jew tal-azzar, ta' dijametru ta' barra aktar minn 406.4 mm (ħlief prodotti tal-ħadid fondut)
7305 11 00	Pajp tal-linja ta' tip użat għal linji tal-pajpijiet għal żejt jew gass, b'uċuħ ta' qatgħa tondi u, dijametru ta' barra ikbar minn 406.4 mm, tal-ħadid jew tal-azzar, iwweldjati bl-ark mgħaddas mit-tul
7305 12 00	Pajp tal-linja ta' tip użat għal linji tal-pajpijiet għal żejt jew gass, b'uċuħ ta' qatgħa tondi u dijametru ta' barra ikbar minn 406.4 mm, tal-ħadid jew tal-azzar, iwweldjati bl-ark mit-tul (ħlief prodotti iwweldjati bl-ark mgħaddas mit-tul)
7305 19 00	Pajp tal-linja ta' tip użat għal linji tal-pajpijiet għal żejt jew gass, b'uċuħ ta' qatgħa tondi u bid-dijametru ta' barra ikbar minn 406.4 mm, ta' prodotti rrumblati ċatti tal-ħadid jew tal-azzar (ħlief prodotti iwweldjati bl-ark mit-tul)
7305 20 00	Kejsing ta' tip użat fit-tħaffir għal żejt jew gass, b'uċuħ ta' qatgħa tondi u dijametru ta' barra ikbar minn 406.4 mm, ta' prodotti rrumblati ċatti tal-ħadid jew tal-azzar
7306 11	Pajp tal-linja ta' tip użat għal linji tal-pajpijiet għal żejt jew gass, iwweldjat, ta' prodotti rrumblati ċatti tal-istainless steel, bid-dijametru ta' barra mhux ikbar minn 406.4 mm
7306 19	Pajp tal-linja ta' tip użat għal linji tal-pajpijiet għal żejt jew gass, iwweldjati, ta' prodotti rrumblati ċatti tal-ħadid jew tal-azzar, bid-dijametru ta' barra mhux ikbar minn 406.4 mm (ħlief prodotti tal-istainless steel u tal-ħadid fondut)
7306 21 00	Kejsing u tubi ta' tip użati fit-tħaffir għal żejt jew gass, iwweldjati, ta' prodotti rrumblati ċatti tal-istainless steel, bid-dijametru ta' barra mhux ikbar minn 406.4 mm

▼B

Kodiċi CN	Deskrizzjoni
7306 29 00	Kejsing u tubi ta' tip użati fit-tħaffir għal żejt jew gass, iwweldjati, ta' prodotti rrumblati ċatti tal-ħadid jew tal-istainless steel, bid-dijametru ta' barra mhux ikbar minn 406.4 mm (ħlief prodotti tal-istainless steel jew tal-ħadid fondut)
8207 13 00	Għodod għal tħaffir ta' blat jew toqob fl-art, interkambjabbli, bil-partijiet tax-xogħol ta' karburi jew ċermiti tal-metall sinterizzati
8207 19 10	Għodod għal tħaffir ta' blat jew toqob fl-art, interkambjabbli, bil-parti tax-xogħol tad-djamant jew djamant agglomerat
▼M2	
ex 8413 50	Pompi reċiprokanti bi spustament pożittiv għal likwidi, li jaħdmu b'mutur bi fluss massimu ta' iktar minn 18 m^3 fis-siegħa u pressjoni massima ta' iktar minn 40 bar, imfassla b'mod speċjali għall-ippumpjar ta' tajn tat-tħaffir u/jew siment fi bjar taż-żejt
ex 8413 60	Pompi rotatorji bi spustament pożittiv għal likwidi, li jaħdmu b'mutur bi fluss massimu ta' iktar minn 18 m^3 fis-siegħa u pressjoni massima ta' iktar minn 40 bar, imfassla b'mod speċjali għall-ippumpjar ta' tajn tat-tħaffir u/jew siment fi bjar taż-żejt
▼B	
8413 82 00	Magni għall-irfigħ tal-likwidi (ħlief pompi)
8413 92 00	Partijiet ta' magni għall-irfigħ tal-likwidi, mhux speċifikati xi mkien ieħor
8430 49 00	Makkinarju għal tħaffir jew tħaffir ta' xaftijiet żgħar fil-minjieri għat-tħaffir tal-art jew l-estrazzjoni ta' minerali jew metalli mhux maħduma, li mhux immexxi minnu nnifsu u mhux idrawliku (ħlief makkinarju li jħaffer il-mini u għodda mħaddma bl-idejn)
▼M2	
ex 8431 39 00	Partijiet adattati biss għall-użu jew prinċipalment għall-użu mal-makkinarju tal-intestatura 8428
ex 8431 43 00	Partijiet adattati biss għall-użu jew prinċipalment għall-użu mal-makkinarju tas-subintestaturi 8430 41 jew 8430 49
ex 8431 49	Partijiet adattati biss għall-użu jew prinċipalment għall-użu mal-makkinarju tal-intestaturi 8426, 8429 and 8430
▼B	
8705 20 00	Deriks mobbli għat-tħaffir
8905 20 00	Pjattaformi ta' tħaffir jew ta' produzzjoni li jżommu f'wiċċ l-ilma jew li jinżlu taħt l-ilma
8905 90 10	Bastimenti ħfief, fire-floats, krejnijiet li jżommu f'wiċċ l-ilma u bastimenti oħrajn, li l-kundizzjoni ta' tbaħħir tagħhom hija sussidjarja għall-funzjoni prinċipali tagħhom; (ħlief deġers, pjattaformi ta' tħaffir jew ta' produzzjoni li jżommu f'wiċċ l-ilma jew li jinżlu taħt l-ilma; bastimenti tas-sajd u tal-gwerra)

▼M7

ANNESS III

Lista ta' persuni ġuridiċi, entitajiet u korpi msemmija fl-Artikolu 5(1)(a)"

▼B

1. SBERBANK
2. VTB BANK
3. GAZPROMBANK
4. VNESHECONOMBANK (VEB)
5. ROSSELKHOZBANK

▼M7

ANNESS IV

Lista ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi, imsemmija fl-Artikolu 2(7), 2a(7) u 2b(1)

JSC Sirius

OJSC Stankoinstrument

OAO JSC Chemcomposite

JSC Kalashnikov

JSC Tula Arms Plant

NPK Technologii Maschinostrojenija

OAO Wysokototschnye Kompleksi

OAO Almaz Antey

OAO NPO Bazalt

Admiralty Shipyard JSC

Aleksandrov Scientific Research Technological Institute NITI (L-Istitut Teknoloġiku tar-Riċerka Xjentifika Aleksandrov NITI)

Argut OOO

Ċentru tal-komunikazzjoni tal-Ministeru għad-Difiża

Federal Research Center Boreskov Institute of Catalysis (l-Istitut tal-Kataliżi taċ-Ċentru ta' Riċerka Federali Boreskov)

L-Intrapriża Baġitarja tal-Istat Federali tal-Amministrazzjoni tal-President tar-Russja

L-Intrapriża Baġitarja tal-Istat Federali tal-Unità tat-Titjir Speċjali Rossiya tal-Amministrazzjoni tal-President tar-Russja

Federal State Unitary Enterprise Dukhov Automatics Research Institute (VNIIA)

Foreign Intelligence Service (SVR) (Servizz tal-Intelligence Barranija)

Ċentru Forensiku tar-Reġjun Nizhniy Novgorod tad-Direttorat Ewlieni tal-Ministeru għall-Intern

International Center for Quantum Optics and Quantum Technologies (the Russian Quantum Center)

Irkut Corporation

Irkut Research and Production Corporation Public Joint Stock Company

Joint Stock Company Scientific Research Institute of Computing Machinery

JSC Central Research Institute of Machine Building (JSC TsNIIMash)

JSC Kazan Helicopter Plant Repair Service

JSC Shipyard Zaliv (Zaliv Shipbuilding yard)

JSC Rocket and Space Centre – Progress

Kamensk-Uralsky Metallurgical Works J.S. Co.

Kazan Helicopter Plant PJSC

Komsomolsk-na-Amur Aviation Production Organization (KNAAPO)

Ministry of Defence RF (il-Ministeru tad-Difiża RF)

Moscow Institute of Physics and Technology (l-Istitut ta' Moska tal-Fiżika u tat-Teknoloġija)

▼M7

NPO High Precision Systems JSC

NPO Splav JSC

OPK Oboronprom

PJSC Beriev Aircraft Company

PJSC Irkut Corporation

PJSC Kazan Helicopters

POLYUS Research Institute of M.F. Stelmakh Joint Stock Company

Promtech-Dubna, JSC

Public Joint Stock Company United Aircraft Corporation

Radiotechnical and Information Systems (RTI) Concern

Rapart Services LLC; Rosoboronexport OJSC (ROE)

Rostec (Russian Technologies State Corporation)

Rostekh – Azimuth

Russian Aircraft Corporation MiG

Russian Helicopters JSC

SP KVANT (Sovmestnoe Predpriyatie Kvantovye Tekhnologii)

Sukhoi Aviation JSC

Sukhoi Civil Aircraft

Tactical Missiles Corporation JSC

Tupolev JSC

UEC-Saturn

United Aircraft Corporation

JSC AeroKompozit

United Engine Corporation

UEC-Aviadvigatel JSC

United Instrument Manufacturing Corporation

United Shipbuilding Corporation

JSC PO Sevmash

Krasnoye Sormovo Shipyard

Severnaya Shipyard

Shipyard Yantar

UralVagonZavod

▼M12

Amur Shipbuilding Factory PJSC

AO Center of Shipbuilding and Ship Repairing JSC

AO Kronshtadt

Avant Space LLC

▼**M12**

Baikal Electronics

Center for Technological Competencies in Radiophtonics

Central Research and Development Institute Tsiklon

Crocus Nano Electronics

Dalzavod Ship-Repair Center

Elara

Electronic Computing and Information Systems

ELPROM

Engineering Center Ltd

Forss Technology Ltd

Integral SPB

JSC Element

JSC Pella-Mash

JSC Shipyard Vympel

Kranark LLC

Lev Anatolyevich Yershov (Ershov)

LLC Center

MCST Lebedev

Miass Machine-Building Factory

Microelectronic Research and Development Center Novosibirsk

MPI VOLNA

N.A. Dollezhal Order of Lenin Research and Design Institute of Power Engineering

Nerpa Shipyard

NM-Tekh

Novorossiysk Shipyard JSC

NPO Electronic Systems

NPP Istok

NTC Metrotek

OAO GosNIIkhimanalit

OAO Svetlovskoye Predpriyatiye Era

OJSC TSRY

OOO Elkomtekh (Elkomtex)

OOO Planar

OOO Sertal

Photon Pro LLC

PJSC Zvezda

▼**M12**

Production Association Strela

Radioavtomatika

Research Center Module

Robin Trade Limited

R.Ye. Alekseyev Central Design Bureau for Hydrofoil Ships

Rubin Sever Design Bureau

Russian Space Systems

Rybinsk Shipyard Engineering

Scientific Research Institute of Applied Chemistry

Scientific-Research Institute of Electronics

Scientific Research Institute of Hypersonic Systems

Scientific Research Institute NII Submikron

Sergey IONOV

Serniya Engineering

Severnaya Verf Shipbuilding Factory

Ship Maintenance Center Zvezdochka

State Governmental Scientific Testing Area of Aircraft Systems (GkNIPAS)

State Machine Building Design Bureau Raduga Bereznya

State Scientific Center AO GNTs RF—FEI A.I. Leypunskiy Physico-Energy Institute

State Scientific Research Institute of Machine Building Bakhirev (GosNIImash)

Tomsk Microwave and Photonic Integrated Circuits and Modules Collective Design Center

UAB Pella-Fjord

United Shipbuilding Corporation JSC “35th Shipyard”

United Shipbuilding Corporation JSC “Astrakhan Shipyard”

United Shipbuilding Corporation JSC “Aysberg Central Design Bureau”

United Shipbuilding Corporation JSC “Baltic Shipbuilding Factory”

United Shipbuilding Corporation JSC “Krasnoye Sormovo Plant OJSC”

United Shipbuilding Corporation JSC SC “Zvyozdochka”

United Shipbuilding Corporation “Pribaltic Shipbuilding Factory Yantar”

United Shipbuilding Corporation “Scientific Research Design Technological Bureau Onega”

United Shipbuilding Corporation “Sredne-Nevsky Shipyard”

Ural Scientific Research Institute for Composite Materials

Urals Project Design Bureau Detal

Vega Pilot Plant

Vertikal LLC

▼M12

Vladislav Vladimirovich Fedorenko

VTK Ltd

Yaroslavl Shipbuilding Factory

ZAO Elmiks-VS

ZAO Sparta

ZAO Svyaz Inzhiniring

▼M15

46th TSNII Central Scientific Research Institute

Alagir Resistor Factory

All-Russian Research Institute of Optical and Physical Measurements

All-Russian Scientific-Research Institute Etalon JSC

Almaz JSC

Arzam Scientific Production Enterprise Temp Avia

Automated Procurement System for State Defense Orders, LLC

Dolgoprudniy Design Bureau of Automatics (DDBA JSC)

Electronic Computing Technology Scientific-Research Center JSC

Electrosignal JSC

Energiya JSC

Engineering Center Moselectronproekt

Etalon Scientific and Production Association

Evgeny Krayushin

Foreign Trade Association Mashpriborintorg

Ineko LLC

Informakustika JSC

Institute of High Energy Physics

Institute of Theoretical and Experimental Physics

Inteltech PJSC

ISE SO RAN Institute of High-Current Electronics

Kaluga Scientific-Research Institute of Telemechanical Devices JSC

Kulon Scientific-Research Institute JSC

Lutch Design Office JSC

Meteor Plant JSC

▼**M15**

Moscow Communications Research Institute JSC

Moscow Order of the Red Banner of Labor Research Radio Engineering Institute JSC

NPO Elektromechaniki JSC

Omsk Production Union Irtysh JSC

Omsk Scientific-Research Institute of Instrument Engineering JSC

Optron JSC

Pella Shipyard OJSC

Polyot Chelyabinsk Radio Plant JSC

Pskov Distance Communications Equipment Plant

Radiozavod JSC

Razryad JSC

Research Production Association Mars

Ryazan Radio-Plant

Scientific Production Center Vigstar JSC

Scientific Production Enterprise “Radiosviaz”

Scientific Research Institute Ferrite-Domen

Scientific Research Institute of Communication Management Systems

Scientific-Production Association and Scientific-Research Institute of Radio-Components

Scientific-Production Enterprise “Kant”

Scientific-Production Enterprise “Svyaz”

Scientific-Production Enterprise Almaz JSC

Scientific-Production Enterprise Salyut JSC

Scientific-Production Enterprise Volna

Scientific-Production Enterprise Vostok JSC

Scientific-Research Institute “Argon”

Scientific-Research Institute and Factory Platan

Scientific-Research Institute of Automated Systems and Communications Complexes Neptune JSC

Special Design and Technical Bureau for Relay Technology

Special Design Bureau Salute JSC

▼**M15**

Tactical Missile Company, Joint Stock Company “Salute”

Tactical Missile Company, Joint Stock Company “State Machine Building Design Bureau “Vympel” By Name I.I.Toropov”

Tactical Missile Company, Joint Stock Company “URALELEMENT”

Tactical Missile Company, Joint Stock Company “Plant Dagdiesel”

Tactical Missile Company, Joint Stock Company “Scientific Research Institute of Marine Heat Engineering”

Tactical Missile Company, Joint Stock Company PA Strela

Tactical Missile Company, Joint Stock Company Plant Kulakov

Tactical Missile Company, Joint Stock Company Ravenstvo

Tactical Missile Company, Joint Stock Company Ravenstvo-service

Tactical Missile Company, Joint Stock Company Saratov Radio Instrument Plant

Tactical Missile Company, Joint Stock Company Severny Press

Tactical Missile Company, Joint-Stock Company “Research Center for Automated Design”

Tactical Missile Company, KB Mashinostroeniya

Tactical Missile Company, NPO Electromechanics

Tactical Missile Company, NPO Lightning

Tactical Missile Company, Petrovsky Electromechanical Plant “Molot”

Tactical Missile Company, PJSC “MBDB “ISKRA””

Tactical Missile Company, PJSC ANPP Temp Avia

Tactical Missile Company, Raduga Design Bureau

Tactical Missile Corporation, “Central Design Bureau of Automation”

Tactical Missile Corporation, 711 Aircraft Repair Plant

Tactical Missile Corporation, AO GNPP “Region”

Tactical Missile Corporation, AO TMKB “Soyuz”

Tactical Missile Corporation, Azov Optical and Mechanical Plant

Tactical Missile Corporation, Concern “MPO – Gidropribor”

Tactical Missile Corporation, Joint Stock Company “KRASNY GIDROPRESS”

Tactical Missile Corporation, Joint Stock Company Avangard

Tactical Missile Corporation, Joint Stock Company Concern Granit-Electron

Tactical Missile Corporation, Joint Stock Company Elektrotyaga

Tactical Missile Corporation, Joint Stock Company GosNIIMash

▼**M15**

Tactical Missile Corporation, RKB Globus

Tactical Missile Corporation, Smolensk Aviation Plant

Tactical Missile Corporation, TRV Engineering

Tactical Missile Corporation, Ural Design Bureau “Detal”

Tactical Missile Corporation, Zvezda-Strela Limited Liability Company

Tambov Plant (TZ) “October”

United Shipbuilding Corporation “Production Association Northern Machine Building Enterprise”

United Shipbuilding Corporation “5th Shipyard”

▼**M16**

Federal Center for Dual-Use Technology (FTsDT) Soyuz

Turayev Machine Building Design Bureau Soyuz

Zhukovskiy Central Aerohydrodynamics Institute (TsAGI)

Rosatomflot

▼M7

ANNESS V

Lista ta' persuni ġuridiċi, entitajiet u korpi msemmija fl-Artikolu 5(3)(a)

▼M1

OPK OBORONPROM

UNITED AIRCRAFT CORPORATION

URALVAGONZAVOD

▼M7

ANNESS VI

Lista ta' persuni, entitajiet u korpi msemmija fl-Artikolu 5(3)(b)

▼M1

ROSNEFT

TRANSNEFT

GAZPROM NEFT

▼M7

ANNESS VII

Lista ta' oġġetti u teknoloġija msemmija fl-Artikoli 2a(1) u 2b(1)

▼M17

Parti A

▼M7

Noti Ġenerali, Akronimi u Abbrevjazzjonijiet, u Definizzjonijiet fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821 japplikaw għal dan l-Anness, bl-eċċezzjoni tal-"Parti I — Noti Ġenerali, Akronimi u Abbrevjazzjonijiet, u Definizzjonijiet, Noti Ġenerali tal-Anness I, il-punt 2.".

Id-definizzjonijiet tat-Termini użati fil-Lista Militari Komuni (CML) tal-Unjoni Ewropea (2020/C 85/01) japplikaw għal dan l-Anness.

▼M11

Minħajr preġudizzju għall-Artikolu 12 ta' dan ir-Regolament, oġġetti mhux ikkontrollati li fihom komponent wieħed jew aktar elenkati f'dan l-Anness mhumiex soġġetti għall-kontrolli skont l-Artikoli 2a u 2b ta' dan ir-Regolament.

▼M7

Kategorija I - Elettronika

X.A.I.001 Apparati u komponenti elettroniċi.

a. "Mikroċirkwiti tal-mikroproċessuri", "mikroċirkwiti tal-mikrokompjuters", u mikroċirkwiti tal-mikrokontrolluri li għandhom xi wieħed minn dan li ġej:

1. Veloċità tal-prestazzjoni ta' 5 GFLOPS jew aktar u unità loġika aritmetika b'wisa' ta' aċċess ta' 32 bit jew aktar;

2. Rata tal-frekwenza tal-arloġġ ta' aktar minn 25 MHz; jew

3. Aktar minn bus waħda ta' *data* jew tal-istruzzjoni jew port wieħed tal-komunikazzjoni serjali li jipprovdu interkonnessjoni esterna diretta bejn "mikroċirkwiti tal-mikroproċessur" paralleli b'rata ta' trasferiment ta' 2,5 Mbyte/s;

b. Ċirkwiti integrati tal-ħżin, kif ġej:

1. Memorji ta' qari biss li jistgħu jitħassru bl-elettriku u li jistgħu jitħassru (EEPROMs) b'kapaċità ta' ħżin;

a. Li jaqbżu s-16 Mbits kull pakkett għal tipi ta' memorja flash; jew

b. Li jaqbżu xi wieħed mil-limiti li ġejjin għat-tipi l-oħra kollha ta' EEPROM:

1. Jaqbżu 1 Mbit kull pakkett; jew

2. Jaqbżu 256 kbit kull pakkett u ħin massimu ta' aċċess ta' inqas minn 80 ns;

2. Memorji statiċi b' aċċess każwali (static random access memories, SRAMs) b'kapaċità ta' ħżin li:

a. Jaqbżu 1 Mbit kull pakkett; jew

b. Jaqbżu l-256 kbit kull pakkett u ħin massimu ta' aċċess ta' inqas minn 25 ns;

c. Konvertituri minn analogu għal diġitali li għandhom xi wieħed minn dan li ġej:

1. Riżoluzzjoni ta' 8 bit jew aktar, iżda inqas minn 12-il bit, b'rata ta' output akbar minn 200 Mega Kampjun Kull Sekonda (MSPS);

▼M11

2. Riżoluzzjoni ta' 12 bit b'rata ta' output akbar minn 105 Mega Kampjuni kull Sekonda (Mega Samples per Second, MSPS);

▼M7

3. Riżoluzzjoni ta’ aktar minn 12-il bit iżda daqs jew inqas minn 14-il bit b’rata ta’ output akbar minn 10 Mega Kampjuni kull Sekonda (MSPS); jew

4. Riżoluzzjoni ta’ 14-il bit b’rata ta’ output akbar minn 2,5 Mega Kampjuni kull Sekonda (MSPS);

d. Apparat loġiku programmabbli fuq il-post li għandu għadd massimu ta’ input/outputs diġitali b’tarf wieħed bejn 200 u 700;

e. Proċessuri Trasformat Fourier Rapidu (Fast Fourier Transform, FFT) li għandhom ħin ta’ eżekuzzjoni nominali għal FFT ta’ 1 024 punt kumpless ta’ inqas minn 1 ms;

f. Ċirkwiti integrati apposta li għalihom il-funzjoni mhijiex magħrufa, jew l-istatus ta’ kontroll tat-tagħmir li fih se jintużaw iċ-ċirkwiti integrati mhuwiex magħruf mill-manifattur, li għandhom xi wieħed minn dan li ġej:

1. Aktar minn 144 terminal; jew

2. “Dewmien tal-propagazzjoni bażiku” tipiku ta’ inqas minn 0,4 ns;

g. “Apparat elettroniku bil-vakwu” bil-mewġ progressiv, b’mewġ bl-impuls jew kontinwu, kif ġej:

1. Apparati b’kavità akkoppjati, jew derivattivi tagħhom;

2. Apparati bbażati fuq l-ispirali, gwidi tal-mewġ mitwija, jew ċirkwiti tal-gwidi tal-mewġ serpentini, jew derivati tagħhom, li għandhom xi wieħed dawn li ġejjin:

a. “Wisa’ tal-banda istantanja” ta’ nofs ottava jew aktar u potenza medja (espressa f’kW) immultiplikata bil-frekwenza (espressa f’GHz) ta’ aktar minn 0,2; jew

b. “Wisa’ tal-banda instantanja” ta’ anqas minn nofs ottava; u potenza medja (espressa f’kW) immultiplikata bil-frekwenza (espressa f’GHz) ta’ aktar minn 0,4;

h. Gwidi tal-mewġ flessibbli ddisinjati għall-użu fi frekwenzi li jaqbżu l-40 GHz;

i. Apparat li juża mewġ akustiku tal-wiċċ u mewġ akustiku li jmiss il-wiċċ (mhux profond), li għandu xi wieħed minn dan li ġejjin:

1. Frekwenza portatriċi ta’ aktar minn 1 GHz; jew

2. Frekwenza portatriċi ta’ 1 GHz jew inqas; u

a. L-“iskartar tal-lobi laterali tal-frekwenza” ta’ aktar minn 55 Db;

b. Prodott tal-ħin massimu tad-dewmien u tal-wisa’ tal-banda (ħin f’mikrosekondi u wisa’ tal-banda f’MHz) ta’ aktar minn 100; jew

c. Dewmien dispersiv ta’ aktar minn 10 mikrosekondi;

Nota Teknika: Għall-fini ta’ X.A.I.001.i l-“iskartar tal-lobi laterali tal-frekwenza” huwa l-valur massimu ta’ skartar speċifikat fil-folja tad-data.

j. “Ċelloli” kif ġej:

1. “Ċelloli primarji” li għandhom “densità ta’ enerġija” ta’ 550 Wh/kg jew inqas f’293 K (20 °C);

2. “Ċelloli sekondarji” li għandhom densità ta’ enerġija ta’ 350 Wh/kg jew inqas f’293 K (20 °C);

Nota: X.A.I.001.j ma jikkontrollax il-batteriji, inklużi l-batteriji b’ċellula waħda.

▼M7

Noti Tekniċi:

1. Għall-fini ta' X.A.I.001.j id-densità tal-enerġija (Wh/kg) hija kkalkulata mill-vultaġġ nominali mmultiplikat bil-kapaċità nominali f'ampere-sigħat (Ah) diviż bil-massa f'kilogrammi. Jekk il-kapaċità nominali ma tkunx iddikjarata, id-densità tal-enerġija tiġi kkalkulata mill-vultaġġ nominali kwadrat imbagħad immultiplikat b'kemm idum l-iskariku f'sigħat diviża bit-tagħbija tal-iskarika f'Ohms u l-massa f'kilogrammi.

2. Għall-fini ta' X.A.I.001.j, "ċellula" hija definita bħala apparat elettrokimiku, li għandu elettrodi pożittivi u negattivi, u elettrolit, u huwa sors ta' enerġija elettrika. Din hija l-element bażiku ta' batterija.

3. Għall-fini ta' X.A.I.001.j.1, "ċellula primarja" hija "ċellula" li mhijiex iddisinjata biex tiġi ċċarġjati minn xi sors ieħor.

4. Għall-fini ta' X.A.I.001.j.2, "ċellula sekondarja" hija "ċellula" li hija ddisinjata biex tiġi ċċarġjati minn sors elettriku estern.

k. Elettrokalamiti "superkonduttivi" jew solenojdi, iddisinnjati apposta sabiex jiġu ċċarġjati jew iddiskarġjati kompletament f'anqas minn minuta, u li għandhom dan kollu li ġej:

Nota: X.A.I.001.k ma jikkontrollax elettrokalamiti "superkonduttivi" jew solenojdi ddisinjati għal tagħmir mediku b'Immaġini ta' Reżonanza Manjetika (Magnetic Resonance Imaging, MRI).

1. Enerġija massima kkonsenjata matul l-iskariku diviża b'kemm idum l-iskariku ta' aktar minn 500 kJ fil-minuta;

2. Dijametru intern tal-koljaturi li jġorru l-kurrent ta' aktar minn 250 mm; u

3. Previsti għal induzzjoni manjetika ta' aktar minn 8T jew "densità totali tal-kurrent" fil-koljatura ta' aktar minn 300 A/mm^2;

l. Ċirkwiti jew sistemi għall-ħażna elettromanjetika tal-enerġija, li fihom komponenti manifatturati minn materjali "superkonduttivi" ddisinjati apposta għal tħaddim f'temperaturi taħt it-"temperatura kritika" ta' mill-inqas wieħed mill-kostitwenti "superkonduttivi" tagħhom, li għandhom dan kollu li ġej:

1. Frekwenzi operattivi reżonanti ta' aktar minn 1 MHz;

2. Densità ta' enerġija maħżuna ta' 1 MJ/m^3 jew aktar; u

3. Ħin ta' skariku ta' inqas minn 1 ms;

m. Tiratroni tal-idroġenu/iżotopi tal-idroġenu b'kostruzzjoni ta' metall taċ-ċeramika u rata għall-ogħla kurrent ta' 500 A jew aktar;

n. Ma jintużawx;

o. Ċelluli solari, assemblaġġi bil-koperturi tal-ħġieġ biċ-ċelluli interkonnessi (cell-interconnect-coverglass, CIC), pannelli solari, u matriċi solari, li huma "kwalifikati għall-ispazju" u mhux ikkontrollati minn 3A001.e.4 ([1]).

([1]) Ref. l-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821

▼M7

X.A.I.002 “Assemblaġġi elettroniċi”, moduli u tagħmir bi skop ġenerali.

a. Tagħmir elettroniku għall-ittestjar, minbarra dak speċifikat fis-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821;

b. Reġistraturi tad-*data* b’tejp manjetiku bl-istrumentazzjoni diġitali li għandhom xi waħda mill-karatteristiċi li ġejjin;

1. Rata massima ta’ trasferiment ta’ interfaċċa diġitali li taqbeż is-60 Mbit/s u li tuża tekniki ta’ skennjar elikali;

2. Rata massima ta’ trasferiment ta’ interfaċċa diġitali li taqbeż il-120 Mbit/s u li tuża tekniki ta’ ras fissa;

3. “Spazju kwalifikat”;

c. Tagħmir, b’rata massima ta’ trasferiment diġitali tal-interfaċċa ta’ aktar minn 60 Mbit/s, iddisinjat biex jikkonverti rekorder vidjo diġitali bit-tejp manjetiku għall-użu bħala reġistraturi diġitali tad-*data* tal-istrumentazzjoni;

d. Oxxilloskopji analogi mhux modulari li għandhom wisa’ tal-banda ta’ 1 GHz jew aktar;

e. Sistemi modulari analogi ta’ oxxilloskopju li għandhom waħda mill-karatteristiċi li ġejjin:

1. Mainframe b’wisa’ tal-banda ta’ 1 GHz jew aktar; jew

2. Moduli plug-in b’wisa’ tal-banda individwali ta’ 4 GHz jew aktar;

f. Oxxilloskopji tal-kampjunar analogi għall-analiżi ta’ fenomeni rikorrenti b’wisa’ tal-banda effettiva ta’ aktar minn 4 GHz;

g. Oxxilloskopji diġitali u rekorders tranżitorji, li jużaw tekniki ta’ konverżjoni analogi għal diġitali, li kapaċi jaħżnu tranżjenti billi jieħdu kampjuni sekwenzjali ta’ inputs b’tir wieħed f’intervalli suċċessivi ta’ inqas minn 1 ns (akbar minn 1 Giga Kampjuni fis-sekonda (GSPS)), filwaqt li jiddiġitalizzaw għal riżoluzzjoni ta’ 8 bit jew akbar u jaħżnu 256 kampjun jew aktar.

Nota: X.A.I.002 jikkontrolla l-komponenti ddisinjati apposta li ġejjin għal oxxilloskopji analogi:

1. Unitajiet plug-in;

2. Amplifikaturi esterni;

3. Preamplifikaturi;

4. Apparat għat-teħid ta’ kampjuni;

5. Tubi katodiċi (cathode ray tubes).

X.A.I.003 Tagħmir tal-ipproċessar speċifiku, minbarra dak speċifikat fis-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821, kif ġej:

▼M15

a. Varjaturi tal-frekwenza u komponenti ddisinjati apposta, minbarra dawk speċifikati fis-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821;

▼M7

b. Spettrometri tal-massa, minbarra dawk speċifikati fis-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821;

c. Il-magni kollha tar-raġġi X bil-flash, jew komponenti ta’ sistemi tal-potenza bl-impulsi ddisinjati għalihom, inklużi ġeneraturi Marx, networks għat-tiswir tal-impulsi ta’ potenza qawwija, kapaċitatur ta’ vultaġġ għoli, u grilli;

▼M7

d. Amplifikaturi tal-implusi, minbarra dawk speċifikati fis-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821;

e. Tagħmir elettroniku għall-ġenerazzjoni tad-dewmien fil-ħin jew għall-kejl tal-intervall tal-ħin, kif ġej:

1. Ġeneraturi diġitali tad-dewmien tal-ħin b'riżoluzzjoni ta' 50 nanosekondi jew inqas fuq intervalli ta' ħin ta' 1 mikrosekonda jew aktar; jew

2. Meter tal-intervall tal-ħin multikanali (tlieta jew aktar) jew modulari u tagħmir tal-kronometrija b'riżoluzzjoni ta' 50 nanosekondi jew inqas fuq intervalli ta' ħin ta' 1 mikrosekonda jew aktar;

f. Strumenti analitiċi tal-kromatografija u tal-ispettrometrija

X.B.I.001 Tagħmir għall-manifattura ta' komponenti jew materjali elettroniċi, kif ġej u komponenti u aċċessorji ddisinjati apposta għalih.

a. Tagħmir iddisinjat apposta għall-manifattura ta' tubi tal-elettroni, elementi ottiċi u komponenti ddisinjati apposta għalihom ikkontrollati minn 3A001 ([1]) jew X.A.I.001;

b. Tagħmir iddisinjat apposta għall-manifattura ta' apparat semikonduttur, ċirkwiti integrati u "assemblaġġi elettroniċi", kif ġej, u sistemi li jinkorporaw jew li għandhom il-karatteristiċi ta' tali tagħmir:

Nota: X.B.I.001.b. jikkontrolla wkoll tagħmir użat jew modifikat għall-użu fil-manifattura ta' apparat ieħor, bħal apparat tal-immaġni, apparat elettro-ottiku, apparat b'mewġ akustiku.

1. Tagħmir għall-ipproċessar ta' materjali għall-manifattura ta' apparati u komponenti kif speċifikat fl-intestatura ta' X.B.I.001.b, kif ġej:

Nota: X.B.I.001 ma jikkontrollax it-tubi kwarzużi tal-fran, liners tal-fran, il-paletti, l-istands (ħlief stands b'qafas iddisinjati apposta), bubblers, kassetti jew griġjoli ddisinjati apposta għat-tagħmir tal-ipproċessar ikkontrollat minn X.B.I.001.b.1.

a. Tagħmir għall-produzzjoni tas-siliċju polikristallin u materjali kkontrollati bi 3C001 ([2]);

b. Tagħmir iddisinjat apposta għall-purifikazzjoni jew l-ipproċessar ta' materjali semikondutturi III/V u II/VI rregolati minn 3C001, 3C002, 3C003, 3C004, jew 3C005 ([3]) għajr għall-pullers tal-kristalli, li għalihom ara X.B.I.001.b.1.c hawn taħt;

c. Pullers tal-kristall u fran, kif ġej:

Nota: X.B.I.001.b.1.c ma jikkontrollax il-fran ta' diffużjoni u ta' ossidazzjoni.

1. Tagħmir għall-ittemprar jew ir-rikristalizzazzjoni ħlief fran b'temperatura kostanti li juża rati ogħla ta' trasferiment ta' enerġija li jista' jipproċessa pjastrini b'rata li taqbeż iż-0,005 m^2 kull minuta.

▼M11

2. Pullers tal-kristall "ikkontrollati bi programm maħżun" li għandhom xi waħda mill-karatteristiċi li ġejjin:

([1]) Ref. l-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821
([2]) Ref. l-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821
([3]) Ref. l-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821

▼M11

a. Rikarikabbli mingħajr ma jinbidel il-kontenitur tal-griġjol;

b. Kapaċi jaħdmu fi pressjonijiet ogħla minn 2,5 x 10^5 Pa; jew

c. Kapaċi jiġbdu kristalli ta' dijametru ta' aktar minn 100 mm;

▼M7

d. Tagħmir "ikkontrollati bi programm maħżun" għal tkabbir epitassjal li jkollu xi waħda mill-karatteristiċi li ġejjin:

1. Kapaċi li jipproduċi saff tas-siliċju bi ħxuna uniformi ta' anqas minn ± 2,5 % fuq distanza ta' 200 mm jew aktar;

2. Kapaċi jipproduċi saff ta' kwalunkwe materjal minbarra siliċju b'uniformità ta' ħxuna tul il-pjastrina ta' ± 3,5 % jew aħjar; jew

3. Rotazzjoni ta' pjastrini individwali waqt l-ipproċessar;

e. Tagħmir ta' tkabbar epitassjali b'raġġ molekulari;

f. Tagħmir ta' "pulverizzazzjoni" imsaħħaħ manjetikament b'serraturi tat-tagħbija integrali ddisinjati apposta li kapaċi jittrasferixxu pjastrini f'ambjent iżolat b'vakwu;

g. Tagħmir iddisinjat apposta għall-impjantazzjoni jonika, diffużjoni ta' joni mtejba jew fotomsaħħa, li għandu xi waħda mill-karatteristiċi li ġejjin:

1. Kapaċità ta' ffurmar ta' forom;

2. Enerġija tar-raġġ (vultaġġ ta' aċċellerazzjoni) ogħla minn 200 keV;

3. Ottimizzat biex jaħdem b'enerġija mir-raġġ (vultaġġ ta' aċċellerazzjoni) ta' inqas minn 10 keV;

4. Kapaċi għal impjantazzjoni ta' ossiġnu b'enerġija għolja f'"sottostrat" imsaħħan;

h. Tagħmir "ikkontrollat bi programm maħżun" għat-tneħħija selettiva (inċiżjoni) permezz ta' metodi xotti aniżotropiċi (pereż., plażma), kif ġej:

1. "Tipi ta' lottijiet" li għandhom wieħed minn dawn li ġejjin:

a. Detezzjoni fil-punt finali, ħlief tipi ta' spettroskopija ta' emissjoni ottika; jew

b. Pressjoni operazzjonali (inċiżjoni) tar-reattur ta' 26,66 Pa jew inqas;

2. "Tipi bi pjastrina singola" li għandhom wieħed minn dawn li ġejjin:

a. Detezzjoni fil-punt finali, ħlief tipi ta' spettroskopija ta' emissjoni ottika;

b. Pressjoni operazzjonali (inċiżjoni) tar-reattur ta' 26,66 Pa jew inqas; jew

c. Kassetta għal kassetta u load locks li jimmanipulaw il-pjastrini;

Noti:

1. "Tipi ta' lottijiet" tirreferi għal magni li mhumiex "iddisinjati apposta" għall-produzzjoni ta' pjastrini singoli. Magni bħal dawn jistgħu jipproċessaw żewġ pjastrini jew aktar simultanjament ma' parametri ta' proċess komuni, pereż. potenza RF, temperatura, speċijiet ta' gass etch, rati ta' fluss.

▼M7

2. “Tipi bi pjastrina singola” tirreferi għal magni “iddisinjati apposta” għall-ipproċessar tal-produzzjoni ta’ pjastrini singoli. Dawn il-magni jistgħu jużaw tekniki awtomatiċi għall-immaniġġar tal-pjastrini biex jgħabbu pjastra waħda fit-tagħmir għall-ipproċessar. Id-definizzjoni tinkludi tagħmir li jista’ jgħabbi u jipproċessa diversi pjastrini iżda fejn il-parametri tal-inċiżjoni, pereż. il-potenza RF jew il-punt tat-tmiem, jistgħu jiġu ddeterminati b’mod indipendenti għal kull pjastrina individwali.

i. Tagħmir ta’ “depożitar kimiku f’fażi ta’ fwar” (CVD), pereż., CVD (PECVD) imtejjeb bil-plażma jew CVD imtejjeb b’fotografija, għall-manifattura ta’ apparat semikonduttur, li għandu waħda minn dawn il-kapaċitajiet li ġejjin, għad-depożizzjoni ta’ ossidi, nitridi, metalli jew polisiliċju:

▼M11

1. Tagħmir ta’ “depożitu kimiku f’fwar” li jopera taħt il-10^5 Pa; jew

▼M7

2. Tagħmir PECVD li jopera jew taħt is-60 Pa jew li għandu mmaniġġar awtomatiku tal-pjastrini kassetta għal kassetta u load lock;

Nota: X.B.I.001.b.1.i ma jikkontrollax sistemi ta’ “depożitar kimiku f’fażi ta’ fwar” (low pressure “chemical vapor deposition”, LPCVD) bi pressjoni baxxa jew tagħmir reattiv ta’ “pulverizzazzjoni”.

j. Sistemi ta’ raġġi ta’ elettroni ddisinjati apposta jew modifikati għall-manifattura tal-maskri jew l-ipproċessar ta’ apparat semikonduttur li għandhom xi waħda mill-karatteristiċi li ġejjin:

1. Deflessjoni elettrostatika tar-raġġ;

2. Profil ta’ raġġ iffurmat, mhux Gaussjan;

3. Rata ta’ konverżjoni minn diġitali għal analoga ta’ aktar minn 3 MHz;

4. Preċiżjoni tal-konverżjoni minn diġitali għal analog li taqbeż it-12 bit; jew

5. Preċiżjoni tal-kontroll tal-feedback tal-pożizzjoni tal-bersall sar-raġġ ta’ 1 mikrometru jew aktar fin;

Nota: X.B.I.001.b.1.j ma jikkontrollax is-sistemi ta’ depożizzjoni għar-raġġi tal-elettroni jew il-mikroskopji bl-elettroni ta’ skop ġenerali.

k. Tagħmir għall-irfinar tal-wiċċ għall-ipproċessar ta’ pjastrini semikondutturi kif ġej:

1. Tagħmir iddisinjat apposta għall-ipproċessar fuq wara ta’ pjastrini irqaq minn 100 mikrometru u s-separazzjoni sussegwenti tagħhom; jew

2. Tagħmir iddisinjat apposta biex tinkiseb il-ħruxija tal-wiċċ attiv ta’ pjastrina pproċessata b’valur ta’ żewġ sigma ta’ 2 mikrometru jew inqas, skont il-qari tal-indikatur totali (total indicator reading, TIR);

Nota: X.B.I.001.b.1.k ma jikkontrollax tagħmir ta’ rrumblar u illustrar fuq naħa waħda għall-irfinar tal-wiċċ tal-pjastrini.

l. Tagħmir ta’ interkonnessjoni li jinkludi kmamar b’vakwu singoli jew multipli komuni ddisinjat apposta li jippermetti l-integrazzjoni ta’ kwalunkwe tagħmir ikkontrollat minn X.B.I.001 f’sistema sħiħa;

m. Tagħmir “ikkontrollat minn programm maħżun” li juża “lasers” għat-tiswija jew it-tirqim ta’ “ċirkwiti integrati monolitiċi” b’waħda mill-karatteristiċi li ġejjin:

▼M7

1. Preċiżjoni tal-pożizzjonament ta’ inqas minn ± 1 mikrometru; jew

2. Daqs tat-tikka (wisa’ tal-qalba) inqas minn 3 mikrometru.

Nota Teknika: Għall-fini ta’ X.B.I.001.b.1, “sputtering” huwa proċess ta’ kisi fejn joni ċċarġjati pożittivament jiġu aċċellerati b’kamp elettriku lejn il-wiċċ ta’ bersall (materjal tal-kisi). L-enerġija kinetika tal-joni tal-impatt hija biżżejjed biex tikkawża li l-atomi tal-wiċċ fil-mira jiġu rilaxxati u ddepożitati fuq is-sottostrat. (Nota: Il-pulverizzazzjoni bit-trijodu, il-manjetron jew bi frekwenza tar-radju sabiex tiżdied l-adeżjoni tal-kisja u r-rata ta’ depożizzjoni huma modifiki ordinarji tal-proċess.).

2. Maskri, sottostrati tal-maskri, tagħmir li jagħmel il-maskri u tagħmir għat-trasferiment tal-immaġini għall-manifattura ta’ apparati u komponenti kif speċifikat fl-intestatura ta’ X.B.I.001, kif ġej:

Nota: It-terminu maskri jirreferi għal dawk użati fil-litografija b’raġġ ta’ elettroni, fil-litografija bir-raġġi X, u fil-litografija ultravjola, kif ukoll fil-fotolitografija ultravjola u viżibbli tas-soltu.

a. Maskri lesti, retikoli u disinji għalihom, minbarra:

1. Maskri jew retikoli lesti għall-produzzjoni ta’ ċirkwiti integrati mhux ikkontrollati minn 3A001 ([1]); jew

2. Maskri jew retikoli, li għandhom iż-żewġ karatteristiċi li ġejjin:

a. L-għamla tagħhom tkun ibbażata fuq ġejometriji ta’ 2,5 mikrometru jew aktar; u

b. L-għamla ma tinkludix karatteristiċi speċjali li jbiddlu l-użu maħsub permezz ta’ tagħmir tal-produzzjoni jew “software”;

b. Sottostrati tal-maskri kif ġej:

1. “Sottostrati” (pereż. ħġieġ, kwartz, żafir) miksija bil-wiċċ iebes (pereż. kromju, siliċju, molibdenu) għall-preparazzjoni ta’ maskri b’dimensjonijiet li jaqbżu l-125 mm x 125 mm; jew

2. Sottostrati ddisinjati apposta għal maskri tar-raġġi-X;

c. Tagħmir, għajr kompjuters għal użu ġenerali, iddisinjat apposta għat-tfassil megħjun mill-kompjuter (computer aided design - CAD) ta’ apparat semikonduttur jew ċirkwiti integrati;

d. Tagħmir jew magni, kif ġej, għal maskri jew fabbrikazzjoni ta’ reċidimenti:

1. Kameras fotoottiċi fi stadji u ta’ ripetizzjoni li kapaċi jipproduċu matriċijiet akbar minn 100 mm x 100 mm, jew kapaċi jipproduċu espożizzjoni waħda akbar minn 6 mm x 6 mm fil-pjan tal-immaġni (jiġifieri, fokali), jew kapaċi jipproduċu wisa’ tal-linja ta’ inqas minn 2,5 mikrometru fil-fotoreżistenza fuq is-“sottostrat”;

2. Tagħmir ta’ fabbrikazzjoni ta’ maskri jew riproduzzjonijiet li jużaw litografija b’raġġ ta’ jone jew “laser” li kapaċi tipproduċi wisa’ tal-linja ta’ inqas minn 2,5 mikrometru;

3. Tagħmir jew holders għall-alterazzjoni ta’ maskri jew retikoli jew iż-żieda ta’ pellikoli biex jitneħħew id-difetti;

([1]) Ref. l-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821

▼M7

Nota: X.B.I.001.b.2.d.1 u b.2.d.2 ma jikkontrollawx tagħmir ta' fabbrikazzjoni ta' maskri bl-użu ta' metodi fotoottiċi li jew kien kummerċjalment disponibbli qabel l-1 ta' Jannar 1980, jew għandu prestazzjoni mhux aħjar minn tagħmir bħal dan.

e. Tagħmir "ikkontrollat minn programm maħżun" għall-ispezzjoni ta' maskri, retikoli jew pellikoli bi:

1. Riżoluzzjoni ta' 0,25 mikrometru jew aktar fin; u

2. Preċiżjoni ta' 0,75 mikrometru jew aktar fin fuq distanza f'koordinat wieħed jew tnejn ta' 63,5 mm jew aktar;

Nota: X.B.I.001.b.2.e ma jikkontrollax mikroskopji bl-elettroni tal-iskennjar ta' skop ġenerali ħlief meta ddisinjati apposta u strumentati għall-ispezzjoni awtomatika tad-disinn.

f. Tagħmir ta' allinjament jew esponiment għall-produzzjoni tal-pjastrini bl-użu ta' metodi fotoottiċi jew bir-raġġi X, pereż. tagħmir litografiku, inkluż kemm tagħmir għat-trasferiment tal-immaġni għall-proġettazzjoni kif ukoll tagħmir fi stadji u ta' ripetizzjoni (pass dirett fuq wejfer) jew tagħmir fi stadji u tal-iskennjar (scanner), li kapaċi jwettaq kwalunkwe waħda mill-funzjonijiet li ġejjin:

Nota: X.B.I.001.b.2.f ma jikkontrollax it-tagħmir ta' allinjament u ta' esponiment għall-kuntatt u għall-prossimità fotoottiċi jew it-tagħmir għat-trasferiment tal-immaġni tal-kuntatt.

1. Produzzjoni ta' daqs ta' disinn ta' inqas minn 2,5 mikrometru;

2. Allinjament bi preċiżjoni aktar fina minn ± 0,25 mikrometru (3 sigma);

3. Kisja minn magna għal magna mhux aħjar minn ± 0,3 mikrometri; jew

4. Tul ta' mewġ tas-sors tad-dawl iqsar minn 400 nm;

g. Tagħmir ta' raġġ ta' elettroni, raġġ joniku jew raġġi-X għat-trasferiment ta' immaġni ta' proġettazzjoni li kapaċi jipproduċi disinji ta' inqas minn 2,5 mikrometru;

Nota: Għal sistemi ffukati b'raġġi diflettivi (sistemi ta' kitba diretta), ara X.B.I.001.b.1.j.

h. Tagħmir li juża "lasers" għal kitba diretta fuq pjastrini li kapaċi jipproduċu disinji ta' inqas minn 2,5 mikrometru.

3. Tagħmir għall-assemblaġġ ta' ċirkwiti integrati, kif ġej:

a. Die bonders "ikkontrollati bi programm maħżun" li għandhom xi waħda mill-karatteristiċi li ġejjin:

1. Iddisinjati apposta għal "ċirkwiti integrati ibridi";

2. Ċaqlieq X-Y tal-istadju tal-ippożizzjonar li jaqbeż is-37,5 x 37,5 mm; u

3. Preċiżjoni tat-tqegħid fil-pjan X-Y ta' finezza akbar minn ± 10 mikrometri;

▼M7

b. Tagħmir “ikkontrollat minn programm maħżun” għall-produzzjoni ta’ rabtiet multipli f’operazzjoni waħda (pereż. bonders taċ-ċomb tar-raġġi, chip carrier bonders, tape bonders);

c. Siġillaturi semiawtomatiċi jew awtomatiċi tal-kappa sħuna, li fihom il-kappa tissaħħan lokalment għal temperatura ogħla mill-korp tal-pakkett, iddisinjati apposta għall-pakketti ta’ mikroċirkwit taċ-ċeramika kkontrollati minn 3A001 ([1]) u li għandhom fluss daqs jew aktar minn pakkett wieħed fil-minuta.

Nota: X.B.I.001.b.3 ma jikkontrollax l-ispot welders tat-tip ta’ reżistenza għal skopijiet ġenerali.

4. Filters għal kmamar nodfa li jistgħu jipprovdu ambjent ta’ arja b’10 partikoli jew anqas ta’ dijametru ta’ 0,3 mikrometru jew iżgħar kull 0,02832 m^3 u materjali tal-filter għaliha.

Nota Teknika: Għall-fini ta’ X.B.I.001, “programm maħżun ikkontrollat” huwa kontroll li juża struzzjonijiet maħżuna f’maħżen elettroniku li proċessur jista’ jeżegwixxi sabiex jidderieġi t-twettiq ta’ funzjonijiet predeterminati. It-tagħmir jista’ jkun “ikkontrollat bi programm maħżun” kemm jekk il-maħżen elettroniku jkun intern kif ukoll jekk ikun estern għat-tagħmir.

X.B.I.002 Tagħmir għall-ispezzjoni jew għall-ittestjar ta’ komponenti u materjali elettroniċi, u komponenti u aċċessorji ddisinjati apposta għalih.

a. Tagħmir iddisinjat apposta għall-ispezzjoni jew l-ittestjar ta’ tubi ta’ elettroni, elementi ottiċi u komponenti ddisinjati apposta għalihom ikkontrollati minn 3A001 ([2]) jew X.A.I.001;

b. Tagħmir iddisinjat apposta għall-ispezzjoni jew l-ittestjar ta’ apparat semikonduttur, ċirkwiti integrati u “assemblaġġi elettroniċi”, kif ġej, u sistemi li jinkorporaw jew li għandhom il-karatteristiċi ta’ tali tagħmir:

Nota: X.B.I.002.b. jikkontrolla wkoll tagħmir użat jew modifikat għall-użu fl-ispezzjoni jew l-ittestjar ta’ apparat ieħor, bħal apparat tal-immaġni, apparat elettroottiku, apparat b’mewġ akustiku.

1. Tagħmir ta’ spezzjoni “kkontrollat minn programm maħżun” għall-individwazzjoni awtomatika ta’ difetti, żbalji jew kontaminanti ta’ dijametru ta’ 0,6 mikrometru jew inqas fi pjastrini pproċessati jew fuqhom, sottostrati, minbarra bordijiet ta’ ċirkwiti jew ċipep stampati, bl-użu ta’ tekniki ottiċi ta’ akkwist tal-immaġni għat-tqabbil tad-disinn;

Nota: X.B.I.002.b.1 ma jikkontrollax mikroskopji bl-elettroni tal-iskennjar ta’ skop ġenerali ħlief meta ddisinjati apposta u strumentati għall-ispezzjoni awtomatika tad-disinn.

2. Tagħmir ta’ kejl u analiżi ddisinjat apposta “ikkontrollat bi programm maħżun”, kif ġej:

a. Iddisinjati apposta għall-kejl tal-kontenut tal-ossiġenu jew il-karbonju f’materjali semikondutturi;

b. Tagħmir għall-kejl tal-wisa’ tal-linja b’riżoluzzjoni ta’ mikrometru wieħed (1) jew aktar fin;

([1]) Ref. l-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821
([2]) Ref. l-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821

▼M7

c. Strumenti ddisinjati apposta għall-kejl tal-iċċattjar li kapaċi jkejlu devjazzjonijiet miċ-ċatt ta' 10 mikrometru jew inqas b'riżoluzzjoni ta' mikrometru wieħed (1) jew aktar.

3. Tagħmir li jidħol fi pjastrini "ikkontrollati bi programm maħżun" li għandu xi waħda mill-karatteristiċi li ġejjin:

a. Preċiżjoni tal-pożizzjonament aktar fin minn 3,5 mikrometru;

b. Jista' jittestja tagħmir li jkollu aktar minn 68 terminal; jew

c. Jista' jittestja bi frekwenza ta' aktar minn 1 GHz;

4. Tagħmir ta' ttestjar kif ġej:

a. Tagħmir "ikkontrollat minn programm maħżun" iddisinjat apposta għall-ittestjar ta' apparat semikonduttur diskret u dadi mhux inkapsulati, li kapaċi jittestja fi frekwenzi ta' aktar minn 18 GHz;

Nota Teknika: Apparati semikondutturi diskreti jinkludu fotoċelloli u ċelloli solari.

b. Tagħmir "ikkontrollat bi programm maħżun" iddisinjat apposta għall-ittestjar ta' ċirkwiti integrati u "assemblaġġi elettroniċi" tagħhom, li kapaċi jwettqu testijiet funzjonali:

1. B'"rata tad-disinn" ta' aktar minn 20 MHz; jew

2. B'"rata tad-diżinn" ta' aktar minn 10 MHz iżda mhux aktar minn 20 MHz u kapaċi jittestja pakketti ta' aktar minn 68 terminali.

Noti: X.B.I.002.b.4.b ma jikkontrollax tagħmir tal-ittestjar iddisinjat apposta għall-ittestjar:

1. Memorji;

2. "Assemblaġġi" jew klassi ta' "assemblaġġi elettroniċi" għal applikazzjonijiet fid-dar u għad-divertiment;

3. Komponenti elettroniċi, "assemblaġġi elettroniċi" u ċirkwiti integrati mhux ikkontrollati minn 3A001 ([1]) jew X.A.I.001 sakemm dan it-tagħmir tal-ittestjar ma jinkorporax faċilitajiet tal-kompjuter bi "programmabbiltà aċċessibbli għall-utent".

Nota Teknika: Għall-finijiet ta' X.B.I.002.b.4.b, "rata tad-diżinn" hija definita bħala l-frekwenza massima tal-operazzjoni diġitali ta' apparat li jittestja. Għalhekk huwa ekwivalenti għall-ogħla rata ta' data li apparat li jittestja jista' jipprovdi f'modalità mhux multiplessa. Tissejjaħ ukoll msemmija bħala veloċità tal-ittestjar, frekwenza massima diġitali jew veloċità massima diġitali.

c. Tagħmir iddisinjat apposta għad-determinazzjoni tal-prestazzjoni ta' matriċijiet fuq pjan fokali f'tul ta' mewġ ta' aktar minn 1 200 nm, li juża kejl "ikkontrollat minn programm maħżun" jew evalwazzjoni megħjuna mill-kompjuter u li għandu xi waħda mill-karatteristiċi li ġejjin:

1. L-użu ta' dijametri ta' tikek ħfief ta' inqas minn 0,12 mm;

([1]) Ref. l-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821

▼M7

2. Iddisinjati sabiex ikejlu l-parametri tal-prestazzjoni fotosensittivi u sabiex jevalwaw ir-rispons tal-frekwenza, il-funzjoni tat-trasferiment tal-modulazzjoni, l-uniformità tar-responsività jew il-ħoss; jew

3. Iddisinjati għall-evalwazzjoni ta' arranġamenti li kapaċi joħolqu immaġnijiet b'aktar minn 32 x 32 elementi ta' linja;

5. Sistemi ta' ttestjar ta' raġġ ta' elettroni ddisinjati għal ħaddim fi 3 keV jew inqas, jew sistemi ta' raġġ ta' "laser", għal probing nonkuntattiv ta' apparati semikondutturi motorizzati li għandhom xi wieħed minn dan li ġej:

a. Kapaċità stroboskopika bi travu blanking jew b'tefgħa tad-ditekter;

b. Spettrometru tal-elettroni għall-kejl tal-vultaġġ b'riżoluzzjoni ta' inqas minn 0,5 V; jew

c. Tagħmir tat-testijiet elettriċi għall-analiżi tal-prestazzjoni ta' ċirkwiti integrati;

Nota: X.B.I.002.b.5 ma jikkontrollax mikroskopji bl-elettroni tal-iskennjar, ħlief meta ddisinjati apposta u mgħammra għall-kontroll mingħajr kuntatt ta' apparat semikonduttur enerġizzat.

6. Sistemi ta' raġġi joniċi ffukati multifunzjonali "ikkontrollati minn programm maħżun" iddisinjati apposta għall-manifattura, it-tiswija, l-analiżi fiżika tat-tqassim u l-ittestjar ta' maskri jew apparat semikonduttur u li għandhom waħda mill-karatteristiċi li ġejjin:

a. Preċiżjoni tal-kontroll tal-feedback tal-pożizzjoni tal-bersall sar-raġġ ta' 1 mikrometru jew aktar fin; jew

b. Preċiżjoni tal-konverżjoni minn diġitali għal analog li taqbeż it-12 bit;

7. Sistemi ta' kejl ta' partiċelli li jużaw "lasers" iddisinjati għall-kejl tad-daqs u l-konċentrazzjoni ta' partiċelli fl-arja li għandhom iż-żewġ karatteristiċi li ġejjin:

a. Kapaċi li jkejlu partikoli ta' daqs ta' 0,2 mikrometru jew iżgħar b'rata ta' fluss ta' 0,02832 m^3 kull minuta jew aktar; u

b. Kapaċi jikkaratterizzaw arja nadifa ta' Klassi 10 jew aħjar.

Nota Teknika: Għall-fini ta' X.B.I.002, "programm maħżun ikkontrollat" huwa kontroll li juża struzzjonijiet maħżuna f'maħżen elettroniku li proċessur jista' jeżegwixxi sabiex jiddirieġi t-twettiq ta' funzjonijiet predeterminati. It-tagħmir jista' jkun "ikkontrollat bi programm maħżun" kemm jekk il-maħżen elettroniku jkun intern kif ukoll jekk ikun estern għat-tagħmir.

X.C.I.001 Materjali fotosensittivi pożittivi ddiżinjati għal-litografija tas-semikondutturi aġġustati apposta (ottimizzati) għall-użu f'tul ta' mewġ ta' bejn 370 u 193 nm.

▼M7

X.D.I.001 “Software” iddisinjat apposta għall-“iżvilupp”, il-“produzzjoni” jew l-“użu” ta’ apparat elettroniku, jew komponenti kkontrollati minn X.A.I.001, tagħmir elettroniku bi skop ġenerali kkontrollat minn X.A.I.002, jew tagħmir tal-manifattura u tal-ittestjar ikkontrollat minn X.B.I.001 u X.B.I.002; jew “software” iddisinjat apposta għall-”użu” ta’ tagħmir ikkontrollat minn 3B001.g u 3B001.h ([1]).

X.E.I.001 “Teknoloġija” għall-“iżvilupp”, il-“produzzjoni” jew l-“użu” ta’ apparat elettroniku, jew komponenti kkontrollati minn X.A.I.001, tagħmir elettroniku bi skop ġenerali kkontrollat minn X.A.I.002, jew tagħmir tal-manifattura u tal-ittestjar ikkontrollat minn X.B.I.001 jew X.B.I.002, jew materjali kkontrollati minn X.C.I.001.

Kategorija II – Kompjuters

Nota: Il-Kategorija II ma tikkontrollax oġġetti għall-użu personali tal-persuni fiżiċi.

X.A.II.001 Kompjuters, “assemblaġġi elettroniċi” u tagħmir relatat, mhux ikkontrollati minn 4A001 jew 4A003 ([2]), u komponenti ddisinjati apposta għalihom.

Nota: L-istatus ta’ kontroll tal-“kompjuters diġitali” u t-tagħmir relatat deskritt f’X.A.II.001 huwa ddeterminat mill-istatus ta’ kontroll ta’ tagħmir jew sistemi oħra sakemm:

a. Il-“kompjuters diġitali” jew tagħmir relatat huma essenzjali għat-tħaddim tat-tagħmir jew is-sistemi l-oħrajn;

b. Il-“kompjuters diġitali” jew tagħmir relatat mhumiex “element prinċipali” tat-tagħmir jew is-sistemi l-oħrajn; u

N.B.1: L-istatus ta’ kontroll tat-tagħmir ta’ “proċessar tas-sinjali” jew għat-“titjib tal-immaġni” ddisinjat apposta għal tagħmir ieħor b’funzjonijiet limitati għal dawk meħtieġa għat-tagħmir l-ieħor huwa determinat mill-istatus ta’ kontroll tat-tagħmir l-ieħor anki jekk jaqbeż il-kriterju tal-“element prinċipali”.

N.B.2: Għall-istatus ta’ kontroll ta’ “kompjuters diġitali” jew tagħmir relatat għal tagħmir tat-telekomunikazzjoni, ara l-Kategorija 5, Parti 1 (Telekomunikazzjonijiet) ([3]).

c. It-“teknoloġija” għall-“kompjuters diġitali” u t-tagħmir relatat hija determinata minn 4E ([4]).

a. Kompjuters elettroniċi u tagħmir relatat, u “assemblaġġi elettroniċi” u komponenti ddisinjati apposta għalihom, klassifikati biex jitħaddmu f’temperatura ambjentali ogħla minn 343 K (70 °C);

b. “Kompjuters diġitali”, inkluż tagħmir ta’ “proċessar tas-sinjali” jew titjib tal-immaġni, li għandhom “L-ogħla Prestazzjoni Aġġustata” (“APP”) ta’ 0,0128 TeraFLOPS Ponderati (WT) jew aktar;

c. “Assemblaġġi elettroniċi” li huma ddisinjati apposta jew modifikati sabiex itejbu l-prestazzjoni permezz tal-aggregazzjoni ta’ proċessuri, kif ġej:

1. Iddisinjati sabiex ikunu kapaċi jaggregaw f’konfigurazzjonijiet ta’ 16-il proċessur jew aktar;

([1]) Ref. l-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821
([2]) Ref. l-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821
([3]) Ref. l-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821
([4]) Ref. l-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821

▼M7

2. Ma jintużawx;

Nota 1: X.A.II.001.c japplika biss għal “assemblaġġi elettroniċi” u interkonnessjonijiet programmabbli b’“APP” li ma jaqbżux il-limiti f’X.A.II.001.b, meta mibgħuta bħala “assemblaġġi elettroniċi” mhux integrati. Ma japplikax għal “assemblaġġi elettroniċi” limitati min-natura tad-disinn tagħhom għall-użu bħala tagħmir relatat ikkontrollat minn X.A.II.001.k.

Nota 2: X.A.II.001.c ma jikkontrolla l-ebda “assemblaġġ elettroniku” ddisinjat apposta għal prodott jew familja ta’ prodotti li l-konfigurazzjoni massima tagħhom ma taqbiżx il-limiti ta’ X.A.II.001.b.

d. Ma jintużawx;

e. Ma jintużawx;

f. “Kompjuters diġitali” għall-“ipproċessar tas-sinjali” jew it-“titjib tal-immaġni” li għandhom “L-ogħla Prestazzjoni Aġġustata” (“APP”) ta’ 0,0128 TeraFLOPS Ponderati (WT) jew aktar;

g. Ma jintużawx;

h. Ma jintużawx;

i. Tagħmir li fih “tagħmir terminali ta’ interfaċċa” li jaqbeż il-limiti f’X.A.III.101;

Nota Teknika: Għall-fini ta’ X.A.II.001.i, “tagħmir terminali tal-interfaċċa” tfisser tagħmir li fih l-informazzjoni tidħol jew toħroġ mis-sistema tat-telekomunikazzjoni, pereż. telefown, apparat tad-data, kompjuter, eċċ.

j. Tagħmir iddisinjat apposta sabiex jipprovdi interkonnessjoni esterna ta’ “kompjuters diġitali” jew tagħmir assoċjat li jippermetti komunikazzjonijiet b’rati ta’ data li jaqbżu t-80 Mbyte/s.

Nota: X.A.II.001.j ma jikkontrollax tagħmir ta’ interkonnessjoni interna (pereż., backplanes, buses) tagħmir ta’ interkonnessjoni passiva, “kontrolluri tal-aċċess għan-network” jew “kontrolluri tal-kanali ta’ komunikazzjoni”.

Nota Teknika: Għall-finijiet ta’ X.A.II.001.j il-“kontrolluri tal-kanal ta’ komunikazzjoni” huma l-interfaċċa fiżika li tikkontrolla l-fluss tal-informazzjoni diġitali sinkronika jew asinkronika. Huwa assemblaġġ li jista’ jkun integrat f’kompjuter jew f’tagħmir tat-telekomunikazzjoni biex jipprovdi aċċess għall-komunikazzjoni.

k. “Kompjuters ibridi” u “assemblaġġi elettroniċi” u komponenti ddisinjati apposta għalihom li fihom konvertituri minn analogi għal diġitali li għandhom il-karatteristiċi kollha li ġejjin:

1. 32 kanal jew iktar; u

2. Riżoluzzjoni ta’ 14-il bit (plus sign bit) jew iktar b’rata ta’ konverżjoni ta’ 200 000 Hz jew iktar.

X.D.II.001 “Programm” ta’ prova u “software” ta’ validazzjoni , “software” li jippermetti l-ġenerazzjoni awtomatika ta’ “kodiċijiet tas-sors”, u “software” tas-sistema operattiva li huma ddisinjati apposta għal tagħmir ta’ “pproċessar f’ħin reali”.

a. “Programm” ta’ prova u “software” ta’ validazzjoni li jużaw tekniki matematiċi u analitiċi u ddisinjat jew modifikat għal “programmi” b’aktar minn 500 000 struzzjonijiet tal-“kodiċi tas-sors”;

▼M7

b. “Software” li jippermetti l-ġenerazzjoni awtomatika ta’ “kodiċijiet tas-sors” minn data miksuba online minn sensuri esterni deskritti fir-Regolament (UE) 2021/821; jew

c. “Software” tas-sistema operattiva ddisinjat apposta għal tagħmir ta’ “proċessar f’ħin reali” li jiggarantixxi “ħin ta’ latenza ta’ interruzzjoni globali” ta’ inqas minn 20 mikrosekonda.

Nota Teknika: Għall-finijiet ta’ X.D.II.001, “Ħin ta’ latenza għall-interruzzjonijiet globali” huwa l-ħin meħud mis-sistema tal-kompjuter biex tirrikonoxxi interruzzjoni minħabba s-sitwazzjoni, tħaddem l-interruzzjoni u twettaq bidla tal-kuntest għal kompitu alternattiv residenti fil-memorja waqt li tistenna fl-interruzzjoni.

X.D.II.002 “Software” ħlief dak ikkontrollat f’4D001 ([1]) iddisinjat apposta jew modifikat għall-“iżvilupp”, “il-produzzjoni” jew l-“użu” ta’ tagħmir ikkontrollat minn 4A101 ([2]), X.A.II.001.

X.E.II.001 “Teknoloġija” għall-“iżvilupp”, il-“produzzjoni” jew l-“użu” ta’ tagħmir ikkontrollat minn X.A.II.001, jew “software” kkontrollat minn X.D.II.001 jew X.D.II.002.

▼M16

X.E.II.002 “Teknoloġija” għall-“iżvilupp” jew il-“produzzjoni” ta’ tagħmir iddisinjat għall-“ipproċessar ta’ flussi multipli ta’ data”.

Nota Teknika: Għall-finijiet ta’ X.E.II.002, “l-ipproċessar ta’ multi-flussi tad-data” huwa “mikroprogramm” jew it-teknika tal-arkitettura tat-tagħmir li tippermetti l-ipproċessar simultanju ta’ żewġ sekwenzi tad-data jew iktar taħt il-kontroll ta’ wieħed mis-sekwenzi tal-istruzzjonijiet jew iktar b’dawn il-mezzi:

▼M7

1. Arkitetturi b’Data Multipla b’Istruzzjoni Waħda (Single Instruction Multiple Data, SIMD) bħalma huma l-proċessuri vetturi jew bil-matriċi;

2. Arkitetturi Multipli b’Data Multipla b’Istruzzjoni Waħda (Multiple Single Instruction Multiple Data, MSIMD);

3. Arkitetturi b’Data Multipla b’Istruzzjonijiet Multipli (Multiple Instruction Multiple Data, MIMD), li jinkludu dawk li huma akkopjati, akkopjati mill-qrib jew akkopjati b’mod mhux fiss; jew

4. Arranġamenti strutturati tal-elementi tal-ipproċessar li jinkludu l-arranġamenti sistoliċi.

Kategorija III. Parti 1 – Telekomunikazzjoni

Nota: Il-Kategorija III. Parti I ma tikkontrollax l-oġġetti għall-użu personali tal-persuni fiżiċi.

X.A.III.101 Tagħmir tat-telekomunikazzjoni.

a. Kwalunkwe tip ta’ tagħmir tat-telekomunikazzjoni, mhux ikkontrollat minn 5A001.a ([3]), iddisinjat speċikament biex jaħdem barra mill-firxa ta’ temperaturi minn 219 K (-54 °C) sa 397 K (124 °C).

b. Tagħmir u sistemi għat-trasmissjoni tat-telekomunikazzjoni, u komponenti u aċċessorji ddisinjati b’mod speċjali għalihom, li jkollhom kwalunkwe mill-karatteristiċi, funzjonijiet jew kwalitajiet li ġejjin:

Nota: Tagħmir ta’ trażmissjoni tat-telekomunikazzjoni.

([1]) Ref. l-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821
([2]) Ref. l-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821
([3]) Ref. l-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821

▼M7

a. Ikkategorizzati kif ġej, jew b'dawn il-kombinazzjonijiet:

1. Tagħmir tar-radju (pereż. trażmettituri, riċevituri u riċetrażmettituri);

2. Tagħmir terminali tal-linja;

3. Tagħmir ta' amplifikazzjoni intermedja;

4. Tagħmir ripetitur

5. Tagħmir ta' riġenerazzjoni;

6. Kodifikaturi tat-traduzzjoni (tat-transkowdjar);

7. Tagħmir multiplex (inkluż il-mutiplex statistiku);

8. Modulaturi/demodulaturi (modems);

9. Tagħmir Transmultiplex (ara CCITT Rec. G701);

10. Tagħmir ta' interkonnessjoni diġitali "ikkontrollat minn programm maħżun";

11. "Gateways" u pontijiet;

12. "Unitajiet ta' aċċess għall-media"; u

b. Iddisinjati għall-użu f'komunikazzjoni b'kanal wieħed jew b'diversi kanali permezz ta' xi karatteristika minn dawn li ġejjin:

1. Wajer (linja);

2. Cable koassjali;

3. Cable tal-fibra ottika;

4. Radjazzjoni elettromanjetika; jew

5. Propagazzjoni ta' mewġ akustiku taħt wiċċ l-ilma.

1. L-użu ta' tekniki diġitali, inkluż l-ipproċessar diġitali ta' sinjali analogi, u ddisinjati biex joperaw b'"rata ta' trasferiment diġitali" fl-ogħla livell multiplex li jaqbeż il-45 Mbit/s jew ir-"rata ta' trasferiment diġitali totali" li taqbeż id-90 Mbit/s;

Nota: X.A.III.101.b.1 ma jikkontrollax tagħmir iddisinjat apposta sabiex jiġi integrat u operat fi kwalunkwe sistema satellitari għall-użu ċivili.

2. Modems li jużaw il-"wisa' tal-banda ta' kanal vokali wieħed" b'"rata ta' sinjalar tad-data" ta' aktar minn 9 600 bit fis-sekonda;

3. Li jkunu tagħmir ta' interkonnessjoni diġitali "ikkontrollat minn programm maħżun" b'"rata ta' trasferiment diġitali" ta' aktar minn 8,5 Mbit/s għal kull port.

▼M7

4. Li jkun tagħmir li fih xi karatteristika minn dawn li ġejjin:

   a. “Kontrolluri tal-aċċess għan-network” u l-mezzi komuni relatat tagħhom li għandhom “rata ta’ trasferiment diġitali” ta’ aktar minn 33 Mbit/s; *jew*

   b. “Kontrolluri tal-kanali ta’ komunikazzjoni” b’output diġitali li jkollu “rata ta’ sinjalar tad-data” ta’ aktar minn 64 000 bit/s għal kull kanal;

   Nota: Meta xi tagħmir mhux ikkontrollat ikun fih “kontrollur tal-aċċess għan-network”, dan ma jista’ jkollu l-ebda tip ta’ interfaċċa tat-telekomunikazzjoni, ħlief dawk deskritti f’X.A.III.101.b.4, iżda mhux ikkontrollati minn X.A.III.101.b.4.

5. Li jużaw “laser” u li għandhom xi waħda mill-karatteristiċi li ġejjin:

   a. Tul ta’ mewġa tat-trażmissjoni li taqbeż l-1 000 nm; jew

   b. Li jużaw tekniki analogi u li għandhom wisa’ tal-banda ta’ aktar minn 45 MHz;

   c. Li jużaw tekniki ta’ trażmissjoni ottika koerenti jew ta’ detezzjoni ottika koerenti (imsejħin ukoll tekniki ottiċi eterodini jew omodini);

   d. Li jużaw tekniki ta’ multiplexing bid-diviżjoni ta’ tul il-mewġa; jew

   e. Li jwettqu “amplifikazzjoni ottika”;

6. Tagħmir tar-radju li jopera fi frekwenzi ta’ input jew ta’ output li jaqbżu:

   a. Il-31 GHz għal applikazzjonijiet ta’ stazzjon terrestri tal-komunikazzjoni bis-satelliti; jew

   b. Is-26,5 GHz għal applikazzjonijiet oħra;

   Nota: X.A.III.101.b.6 ma jikkontrollax it-tagħmir għall-użu ċivili meta jikkonforma ma’ banda allokata tal-Unjoni Internazzjonali tat-Telekomunikazzjoni (International Telecommunications Union, ITU) bejn is-26,5 GHz u l-31 GHz.

7. Li jkunu tagħmir tar-radju li fih xi karatteristika minn dawn li ġejjin:

   a. Tekniki tal-Modulazzjoni tal-Amplitudni fi kwadratura (Quadrature-amplitude-modulation,QAM) aktar mil-livell 4 jekk ir-“rata ta’ trasferiment diġitali totali” taqbeż it-8,5 Mbit/s;

   b. Tekniki tal-QAM ogħla mil-livell 16 jekk ir-“rata ta’ trasferiment diġitali totali” tkun daqs jew inqas minn 8,5 Mbit/s;

   c. Tekniki ta’ modulazzjoni diġitali oħrajn u li għandhom “effiċjenza spettrali” ta’ aktar minn 3 bit/s/Hz; jew

   d. Li joperaw fil-banda minn 1,5 MHz sa 87,5 MHz u jinkorporaw tekniki adattivi li jipprovdu s-soppressjoni ta’ sinjal ta’ interferenza ta’ aktar minn 15-il dB.

▼M7

Noti:

1. X.A.III.101.b.7 ma jikkontrollax tagħmir iddisinjat apposta sabiex jiġi integrat u operat fi kwalunkwe sistema satellitari għall-użu ċivili.

2. X.A.III.101.b.7 ma jikkontrollax it-tagħmir b'relay tar-radju għat-tħaddim f'banda allokata tal-Unjoni Internazzjonali tat-Telekomunikazzjoni (International Telecommunications Union, ITU):

   a. Li jkollhom xi karatteristika minn dawn li ġejjin:

      1. Mhux aktar minn 960 MHz; jew

      2. B'"rata ta' trasferiment diġitali totali" ta' mhux aktar minn 8,5 Mbit/s; u

   b. Li jkollhom "effiċjenza spettrali" ta' mhux aktar minn 4 bit/s/Hz.

c. Tagħmir għall-iswiċċjar "ikkontrollat minn programm maħżun" u sistemi ta' sinjalar relatati, li għandhom xi waħda mill-karatteristiċi, funzjonijiet jew elementi li ġejjin, u komponenti u aċċessorji ddisinjati apposta għalihom:

   Nota: Multiplexers statistiċi b'input diġitali u output diġitali li jipprovdu swiċċjar huma ttrattati bħala swiċċjar "ikkontrollat minn programm maħżun".

   1. Tagħmir jew sistemi tal-"iswiċċjar tad-*data* (tal-messaġġi)" iddisinjati għal "operazzjoni bil-modalità tal-pakketti", assemblaġġi elettroniċi u komponenti tagħhom, ħlief dawk speċifikati fil-Lista Militari Komuni (CML) jew fir-Regolament (UE) 2021/821.

   2. Ma jintużawx;

   3. L-għażla ta' rotot jew l-iswiċċjar ta' pakketti tad-"datagramma";

      Nota: X.A.III.101.c.3 ma tikkontrollax networks ristretti li jużaw biss il-"kontrolluri tal-aċċess għan-network" jew għall-"kontrolluri tal-aċċess għan-network" infushom.

   4. Ma jintużawx;

   5. Prijorità f'diversi livelli u prelazzjoni għall-iswiċċjar taċ-ċirkwit;

      Nota: X.A.III.101.c.5 ma jikkontrollax il-prelazzjoni ta' telefonata b'livell wieħed

   6. Iddisinjati għat-trasferiment awtomatiku ta' telefonati bir-radju ċellulari lejn swiċċijiet ċellulari oħra jew għal konnessjoni awtomatika ma' bażi ta' data ċentralizzata tal-abbonati komuni għal aktar minn swiċċ wieħed;

   7. Li jkollhom tagħmir ta' interkonnessjoni diġitali "ikkontrollat minn programm maħżun" b'"rata ta' trasferiment diġitali" ta' aktar minn 8,5 Mbit/s għal kull port.

   8. "Sinjalar b'kanali komuni" li jaħdem f'modalità ta' tħaddim mhux assoċjata jew kważi assoċjata;

▼M7

9. “L-għażla ta’ rotot adattivi dinamiċi”;

10. Billi jseħħ swiċċjar tal-pakketti, l-iswiċċijiet taċ-ċirkwit u r-rotot b’portijiet jew b’linji li jaqbżu xi karatteristika minn dawn li ġejjin:

a. A Ir-“Rata ta’ sinjalar tad-*data*” ta’ 64 000 bit/s għal kull kanal għal “kontrollur tal-kanal ta’ komunikazzjoni”; jew

Nota: X.A.III.101.c.10.a ma jikkontrollax links komposti multiplex magħmula biss minn kanali ta’ komunikazzjoni mhux ikkontrollati individwalment minn X.A.III.101.b.1.

b. “Rata ta’ trasferiment diġitali” ta’ 33 Mbit/s għall-“kontrollur tal-aċċess għan-network” u l-media komuni relatata;

Nota: X.A.III.101.c.10 ma jikkontrollax l-iswiċċjar tal-pakketti jew ir-rotot b’portijiet jew linji li ma jaqbżux il-limiti f’X.A.III.101.c.10.

11. “Swiċċjar ottiku”;

12. Li juża t-tekniki tal-“modalità ta’ trasferiment asinkronika” (“ATM”).

d. Fibri ottiċi u cables tal-fibra ottika b’tul ta’ aktar minn 50 m iddisinjati għall-operat b’modalità waħda;

e. Il-kontroll ċentralizzat tan-network li għandu l-karatteristiċi kollha li ġejjin:

1. Jirċievi data min-nodi; u

2. Jipproċessa din id-data sabiex jipprovdi l-kontroll tat-traffiku li ma jirrikjedix id-deċiżjoni tal-operatur, u b’hekk isseħħ l-“għażla ta’ rotot adattivi dinamiċi”;

Nota 1: X.A.III.101.e ma jinkludix każi ta’ deċiżjonijiet ta’ għażla ta’ rotot meħuda fuq informazzjoni predefinita.

Nota 2: X.A.III.101.e ma jipprekludix il-kontroll tat-traffiku bħala funzjoni tal-kundizzjonijiet tat-traffiku statistiku prevedibbli.

f. Antenni b’arranġament f’fażijiet, li joperaw ’il fuq minn 10,5 GHz, li fihom elementi attivi u “komponenti” distribwiti, u ddisinjati biex jippermettu kontroll elettroniku tal-iffurmar u l-ippuntar tar-raġġi, ħlief għas-sistemi ta’ nżul bi strumenti li jissodisfaw l-istandards tal-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (International Civil Aviation Organization, ICAO) (sistemi tal-illendjar bl-użu ta’ microwaves (microwave landing systems, MLS)).

g. Tagħmir ta’ komunikazzjoni mobbli ħlief dawk speċifikati fil-Lista Militari Komuni (CML) jew fir-Regolament (UE) 2021/821, assemblaġġi elettroniċi u komponenti tagħhom; jew

h. tagħmir ta’ komunikazzjoni b’relay tar-radju ddisinjat għall-użu fi frekwenzi daqs jew aktar minn 19,7-il GHz u L-komponenti għalih, ħlief dak speċifikat fis-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821.

▼M7

Nota Teknika: Għall-fini ta' X.A.III.101:

1) Il-"modalità ta' trasferiment asinkronika" (Asynchronous transfer mode, "ATM") hija modalità ta' trasferiment li fiha l-informazzjoni tiġi organizzata f'ċelloli; hija asinkrona fis-sens li r-rikorrenza taċ-ċelloli tiddependi fuq ir-rata ta' bits meħtieġa jew istantanja.

2) Il-"wisa' tal-banda ta' kanal vokali wieħed" hija tagħmir għall-komunikazzjoni tad-data mfassal biex jopera f'kanal vokali wieħed ta' 3 100 Hz, kif definit fir-Rakkomandazzjoni tas-CCITT G.151.

3) Il-"kontrollur tal-kanal ta' komunikazzjoni" huwa l-interfaċċa fiżika li tikkontrolla l-fluss tal-informazzjoni diġitali sinkronika jew asinkronika. Huwa assemblaġġ li jista' jkun integrat f'kompjuter jew f'tagħmir tat-telekomunikazzjoni biex jipprovdi aċċess għall-komunikazzjoni.

4) Id-"datagramma" hija entità awtonoma u indipendenti tad-data li ġġorr biżżejjed informazzjoni biex tgħaddi mis-sors lejn it-tagħmir terminali tad-data fid-destinazzjoni mingħajr dipendenza fuq skambji aktar bikrija bejn dan is-sors u t-tagħmir terminali tad-data fid-destinazzjoni u n-network tat-trasport.

5) L-"għażla rapida" hija faċilità applikabbli għas-sejħiet virtwali li tippermetti li t-tagħmir terminali tad-data jespandi l-possibbiltà li jittrażmetti d-data f'konfigurazzjoni telefonika u jikklerja "pakketti" lil hinn mill-kapaċitajiet bażiċi ta' telefonata virtwali.

6) Il-"gateway" hija l-funzjoni li titwettaq minn kwalunkwe kombinazzjoni ta' tagħmir u "software", biex il-konvenzjonijiet għar-rappreżentazzjoni, l-ipproċessar jew il-komunikazzjoni tal-informazzjoni użati f'sistema jiġu kkonvertiti għall-konvenzjonijiet korrispondenti, iżda differenti, użati f'sistema oħra.

7) In-"Network Diġitali bis-Servizzi Integrati" (Integrated Services Digital Network, ISDN) huwa network diġitali unifikat minn tarf sa tarf, li fih id-data li toriġina minn kull tip ta' komunikazzjoni (pereż. vuċi, test, data, stampi fissi u mobbli) tiġi trażmessa minn port wieħed (terminal) fl-iskambju (il-qlib) fuq linja ta' aċċess waħda lejn abbonat u mill-abbonat.

8) Il-"pakkett" huwa grupp ta' ċifri binarji li jinkludi sinjali ta' kontroll tad-data u tat-telefonati li jinqaleb bħala unità komposta. Id-data, is-sinjali ta' kontroll tat-telefonati, u l-informazzjoni possibbli dwar il-kontroll tal-iżbalji huma organizzati f'format speċifiku.

9) "Sinjalar b'kanali komuni" tfisser it-trażmissjoni ta' informazzjoni ta' kontroll (sinjalar) permezz ta' kanal separat minn dak użat għall-messaġġi. Il-kanal tas-sinjalar normalment ikun jikkontrolla l-kanali tal-messaġġi multipi.

10) Ir-"Rata ta' data tas-sinjalar" tfisser ir-rata, kif definita fir-Rakkomandazzjoni tal-ITU 53-36, filwaqt li jitqiesu, fil-każ ta' modulazzjoni mhux binarja, li l-baud u l-bit fis-sekonda mhumiex ugwali. Għandhom jiġu inklużi bits għall-funzjonijiet ta' kodifikar, verifika u sinkronizzazzjoni.

11) "L-għażla ta' rotot adattivi dinamiċi" tfisser għażla ta' rotot awtomatika ta' traffiku abbażi ta' ssensjar u analiżi ta' kundizzjonijiet tan-network attwali.

▼M7

12) “Unitajiet ta’ aċċess għall-media” tfisser tagħmir li jkun fih interfaċċ tal-komunikazzjoni waħda jew aktar (“kontrollur tal-aċċess għan-network”, “kontrollur tal-kanal ta’ komunikazzjoni”, bus tal-modem jew kompjuter) għall-konnessjoni ta’ tagħmir terminali ma’ network.

13) L-“effiċjenza spettrali” hija r-“rata ta’ trasferiment diġitali” [bits/s] / wisa tal-banda tal-ispettru 6 dB f’Hz.

14) “ikkontrollat minn programm maħżun” huwa kontroll li juża struzzjonijiet f’ħażna elettronika li proċessur ikun jista’ jeżegwixxi sabiex jidderieġi l-prestazzjoni ta’ funzjonijiet predeterminati. Nota: It-tagħmir jista’ jkun “ikkontrollat minn programm maħżun” kemm jekk il-ħażna elettronika tkun interna jew esterna għat-tagħmir.

X.B.III.101 Tagħmir għall-ittestjar tat-telekomunikazzjoni, ħlief dak speċifikat fis-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821.

X.C.III.101 Preforom ta’ ħġieġ jew ta’ kwalunkwe materjal ieħor ottimizzat għall-manifattura ta’ fibri ottiċi kkontrollati minn X.A.III.101.

X.D.III.101 “Software” “iddisinjat apposta” jew immodifikat għall-“iżvilupp”, il-“produzzjoni” jew l-“użu” ta’ tagħmir ikkontrollat minn X.A.III.101 u X.B.III.101, u software għall-għażla ta’ rotot adattivi dinamiċi, deskritt kif ġej:

a. “Software”, għajr f’forma eżegwibbli b’magni, “iddisinjat apposta” għall-“għażla ta’ rotot adattivi dinamiċi”.

b. Ma jintużawx;

X.E.III.101 “Teknoloġija” għall-“iżvilupp”, il-“produzzjoni” jew l-“użu” ta’ tagħmir ikkontrollat minn X.A.III.101 jew X.B.III.101, jew “software” kkontrollat minn X.D.III.101, u “teknoloġiji” oħrajn kif ġej:

a. “Teknoloġiji” speċifiċi kif ġej:

1. “Teknoloġija” għall-ipproċessar u l-applikazzjoni ta’ kisjiet għal fibra ottika ddisinjati apposta sabiex jagħmluha adattata għall-użu taħt wiċċ l-ilma;

2. “Teknoloġija” għall-“iżvilupp” ta’ tagħmir li juża tekniki tal-“Ġerarkija Diġitali Sinkronika” (“SDH”) jew tan-“Network Ottiku Sinkroniku” (“SONET”).

Nota Teknika: Għall-fini ta’ X.E.III.101:

1) Il-“ġerarkija diġitali sinkronika” (Synchronous digital hierarchy, SDH) hija ġerarkija diġitali li tipprovdi mezz għall-ġestjoni, għall-multiplexing, u l-aċċess għal diversi forom ta’ traffiku diġitali bl-użu ta’ format ta’ trażmissjoni sinkronika fuq tipi differenti ta’ media. Il-format huwa bbażat fuq il-Modulu Sinkroniku tat-Trasport (Synchronous Transport Module, STM) li huwa definit mir-Rakkomandazzjoni tas-CCITT G.703, G.707, G.708, G.709 u oħrajn li għad iridu jiġu ppubblikati. Ir-rata tal-ewwel livell tal-“SDH” hija ta’ 155,52 Mbits/s.

2) In-“network ottiku sinkroniku” (Synchronous optical network, SONET) huwa network li jipprovdi mezz għall-ġestjoni, għall-multiplexing, u l-aċċess għal diversi forom ta’ traffiku diġitali bl-użu ta’ format ta’ trażmissjoni sinkronika fuq il-fibra ottika. Il-format huwa l-verżjoni tal-Amerika ta’ Fuq tal-“SDH” u juża wkoll il-Modulu Sinkroniku tat-Trasport (STM). Madankollu, juża s-Sinjal Sinkroniku tat-Trasport (STS) bħala l-modulu bażiku tat-trasport b’rata tal-ewwel livell ta’ 51,81 Mbits/s. L-istandards tas-SONET qed jiġu integrati f’dawk tal-“SDH”.

▼M7

Kategorija III. Parti 2 - Sigurtà tal-Informazzjoni

Nota: Il-Kategorija III, Parti 2 ma tikkontrollax oġġetti għall-użu personali tal-persuni fiżiċi.

X.A.III.201 Tagħmir kif ġej:

a. Ma jintużawx;

b. Ma jintużawx;

c. Oġġetti kklassifikati taħt il-kriptaġġ tas-suq tal-massa skont in-Nota Kriptografika – in-Nota 3 tal-Kategorija 5, il-Parti 2 ([1]).

X.D.III.201 "Software" tas-"Sigurtà tal-Informazzjoni" kif ġej:

Nota: Din l-entrata ma tikkontrollax "software" ddisinjat jew immodifikat biex jipproteġi kontra ħsara malizzjuża fil-kompjuter, pereż. viruses, fejn l-użu tal-"kriptografija" huwa limitat għall-awtentikazzjoni, il-firma diġitali u/jew id-dekriptaġġ tad-data jew tal-fajls.

a. Ma jintużawx;

b. Ma jintużawx;

c. Is-"Software" kklassifikat bħala kriptaġġ tas-suq tal-massa skont in-Nota Kriptografika – in-Nota 3 tal-Kategorija 5, il-Parti 2 ([2]).

X.E.III.201 "Teknoloġija" għas-"Sigurtà tal-Informazzjoni" skont in-Nota Ġenerali dwar it-Teknoloġija, kif ġej:

a. Ma jintużawx;

b. "Teknoloġija", ħlief dik speċifikata fis-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821 għall-"użu" ta' oġġetti tas-suq tal-massa kkontrollati minn X.A.III.201.c jew "software" tas-suq tal-massa kkontrollat minn X.D.III.201.c.

Kategorija IV — Sensuri u Lasers

X.A.IV.001 Tagħmir akustiku marittimu jew terrestri, li kapaċi jindividwa jew jillokalizza oġġetti jew karatteristiċi ta' taħt l-ilma jew jagħti l-pożizzjoni ta' bastimenti tal-wiċċ jew ta' vetturi ta' taħt l-ilma; u komponenti ddisinjati apposta, ħlief dawk speċifikati fis-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821.

X.A.IV.002 Sensuri ottiċi kif ġej:

a. Tubi li jintensifikaw l-immaġni u komponenti ddisinjati apposta għalihom, kif ġej:

1. Tubi li jintensifikaw l-immaġni li għandhom dan kollu li ġej:

a. Rispons massimu fil-medda tal-frekwenza ta' iktar minn 400 nm, iżda ta' mhux iktar minn 1 050 nm;

b. Plakka b'mikrokanali għall-amplifikazzjoni tal-immaġni tal-elettroni bl-ispazjar tat-toqob (minn ċentru sa ċentru) ta' inqas minn 25 mikrometru; u

c. Li jkollhom xi karatteristika minn dawn li ġejjin:

1. Fotokatodu S-20, S-25 jew fotokatodu multialkali; jew

([1]) Ref. l-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821
([2]) Ref. l-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821

▼M7

2. GaAs jew fotokatodu GaInAs;

2. Pjanċi b'mikrokanali ddisinjati apposta li għandhom iż-żewġ karatteristiċi li ġejjin:

a. 15 000 tubi vojta jew aktar għal kull pjanċa; u

b. L-ispazjar tat-toqob (minn ċentru sa ċentru) ta' inqas minn 25 mikrometru.

b. Tagħmir għall-immaġni ta' viżjoni diretta li jaħdem fl-ispettru viżibbli jew infraaħmar, li jinkorpora tubi li jintensifikaw l-immaġni li jkollhom il-karatteristiċi elenkati f'X.A.IV.002.a.1.

X.A.IV.003 Kameras kif ġej:

a. Kameras li jissodisfaw il-kriterji tan-Nota 3 sa 6A003.b.4 ([1]).

b. Ma jintużawx;

X.A.IV.004 Ottiku kif ġej:

a. Filtri ottiċi:

1. Għal tul ta' mewġ itwal minn 250 nm, magħmul minn kisjiet ottiċi b'diversi saffi u li għandhom xi wieħed mill-karattteristiċi li ġejjin:

a. Wisa' tal-banda ugwali għal 1 nm jew inqas ta' wisa' totali b'semintensità (Full Width Half Intensity, FWHI) u l-ogħla trażmissjoni ta' 90 % jew aktar; jew

b. Wisa' tal-banda ugwali għal 0,1 nm jew inqas ta' FWHI, u l-ogħla trażmissjoni ta' 50 % jew aktar;

Nota: X.A.IV.004 ma jikkontrollax filtri ottiċi bi spazji fissi tal-arja jew filtri tat-tip Lyot.

2. Għal tul ta' mewġ itwal minn 250 nm, u li jkollu dan kollu li ġej:

a. Regolabbli fuq medda spettrali ta' 500 nm jew aktar;

b. Banda passanti ottika istantanja ta' 1,25 nm jew inqas;

c. Tul tal-mewġa riaġġustabbli fi żmien 0,1 ms u għall-preċiżjoni ta' 1 nm jew aħjar fil-medda spettrali regolabbli;

d. Trażmissjoni massima waħda ta' 91 % jew aktar;

3. Swiċċijiet tal-opaċità ottika (filtri) b'kamp viżiv ta' 30° jew usa' u ħin ta' rispons ta' 1 ns jew inqas;

b. Cable tal-"fibra tal-fluworur", jew tal-fibri ottiċi għalih, li għandu attenwazzjoni ta' inqas minn 4 dB/km fil-medda tal-frekwenza ta' iktar minn 1 000 nm iżda mhux iktar minn 3 000 nm.

Nota Teknika: Għall-fini ta' X.A.IV.004b "filtri tal-fluworur" huma fibri manifatturai minn komposti tal-fluworur mhux maħduma.

([1]) Ref. l-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821

▼M7

X.A.IV.005 “Lasers” kif ġej:

a. “Lasers” tad-diossidu tal-karbonju (CO_2) li għandhom xi karatteristika milli ġejjin:

1. Potenza tal-output ta’ CW li taqbeż l-10 kW;

2. Output ta’ impulsi b’ “durata tal-impuls” ta’ aktar minn 10 μs; u

a. Potenza tal-output medja li taqbeż l-10W; jew

b. “Potenza massima” tal-impulsi ta’ aktar minn 100 kW; jew

3. Output ta’ impulsi b’ “durata tal-impuls” daqs jew inqas minn 10 μs; u

a. Enerġija tal-impuls ta’ aktar minn 5 J għal kull impuls u l-“potenza massima” ta’ iktar minn 2,5 kW; jew

b. Potenza tal-output medja li taqbeż il-2,5 kW;

b. Lasers semikondutturi, kif ġej:

1. “Lasers” semikondutturi individwali, b’modalità trasversali waħda li għandhom:

a. Potenza tal-output medja li taqbeż l-100 mW; jew

b. Tul ta’ mewġa li taqbeż l-1 050 nm;

2. “Lasers” semikondutturi individwali, b’multimodalitajiet trasversali, jew arranġamenti ta’ “lasers” semikondutturi individwali li għandhom tul ta’ mewġa ta’ aktar minn 1 050 nm;

c. “Lasers” tar-rubini li għandhom output enerġetiku ta’ aktar minn 20 J għal kull impuls;

d. “Lasers bl-impulsi” mhux “regolabbli” li għandhom it-tul tal-mewġa tal-output li jaqbeż id-975 nm iżda mhux aktar minn 1 150 nm, u li jkollom xi karatteristika milli ġejjin:

1. “Durata tal-impuls” ta’ 1 ns jew aktar iżda ta’ mhux aktar minn 1 μs, u li jkollom xi karatteristika milli ġejjin:

a. Output b’modalità trasversali waħda u li jkollu xi karatteristika milli ġejjin:

1. “Effiċjenza fil-plakka tad-dawl” ta’ aktar minn 12 % u “potenza tal-output medja” ta’ aktar minn minn 10 W u li kapaċi taħdem bi frekwenza ta’ repetizzjoni tal-impulsi ta’ aktar minn 1 kHz; jew

2. Potenza tal-output medja li taqbeż l-20 W; jew

b. Output b’multimodalitajiet trasversali u li jkollu xi karatteristika milli ġejjin:

1. “Effiċjenza fil-plakka tad-dawl” ta’ iktar minn 18 % u “potenza tal-output medja” ta’ iktar minn 30 W;

2. “Potenza massima” ta’ aktar minn 200 MW; jew

3. Potenza tal-output medja li taqbeż l-50 W; jew

2. “Durata tal-impuls” ta’ aktar minn 1 μs, u li jkollu xi karatteristika milli ġejjin:

a. Output b’modalità trasversali waħda u li jkollu xi karatteristika milli ġejjin:

▼M7

1. “Effiċjenza fil-plakka tad-dawl” ta’ aktar minn 12 % u “potenza tal-output medja” ta’ aktar minn minn 10 W u li kapaċi taħdem bi frekwenza ta’ repetizzjoni tal-impulsi ta’ aktar minn 1 kHz; jew

2. “Potenza tal-output medja” li taqbeż l-20 W; jew

b. Output b’multimodalitajiet trasversali u li jkollu xi karatteristika milli ġejjin:

1. “Effiċjenza fil-plakka tad-dawl” ta’ iktar minn 18 % u “potenza tal-output medja” ta’ iktar minn 30 W; jew

2. “Potenza tal-output medja” li taqbeż il-500 W;

e. “Lasers” b’mewġa kontinwa (continuous wave, CW) mhux “regolabbli”, li għandhom it-tul tal-mewġa tal-output ta’ aktar minn 975 nm li iżda ma taqbiżx l-1 150 nm, u li jkollhom xi karatteristika milli ġejjin:

1. Output b’modalità trasversali waħda u li jkollu xi karatteristika milli ġejjin:

a. “Effiċjenza fil-plakka tad-dawl” ta’ aktar minn 12 % u “potenza tal-output medja” ta’ aktar minn minn 10 W u li kapaċi taħdem bi frekwenza ta’ repetizzjoni tal-impulsi ta’ aktar minn 1 kHz; jew

b. “Potenza tal-output medja” li taqbeż l-50 W; jew

2. Output b’multimodalitajiet trasversali u li jkollu xi karatteristika milli ġejjin:

a. “Effiċjenza fil-plakka tad-dawl” ta’ iktar minn 18 % u “potenza tal-output medja” ta’ iktar minn 30 W; jew

b. “Potenza tal-output medja” li taqbeż il-500 W;

Nota: X.A.IV.005.e.2.b ma jikkontrollax il-“lasers” industrijali b’multimodalitajiet trasversali b’potenza tal-output ta’ 2 kW jew inqas, u b’massa totali ta’ akbar minn 1 200 kg. Għall-finijiet ta’ din in-nota, il-massa totali tinkludi l-“komponenti” kollha meħtieġa biex jitħaddem il-“laser”, pereż., il-“laser”, il-provvista tal-enerġija, l-iskambjatur tas-sħana, iżda teskludi l-ottika esterna għall-kondizzjonament tar-raġġ u/jew sabiex dan jitwassal.

f. “Lasers” mhux “regolabbli” li għandhom it-tul tal-mewġa ta’ aktar minn 1 400 nm, li iżda ma taqbiżx l-1 555 nm, u li jkollom xi karatteristika milli ġejjin:

1. Output enerġetiku ta’ aktar minn 100 mJ għal kull impuls u “potenza massima” tal-impulsi ta’ iktar minn 1 W; jew

2. Potenza tal-output medja jew ta’ CW ta’ aktar minn 1 W;

g. “Lasers” tal-elettroni liberi.

Nota Teknika: Għall-fini ta’ X.A.IV.005“Effiċjenza fil-plakka tad-dawl” hija definita bħala l-proporzjon tal-potenza tal-output tal-”laser” (jew “potenza medja tal-output”) mal-potenza elettrika totali fl-input meħtieġa biex jiġi operat “laser”, inkluż il-provvista tal-potenza/il-kundizzjonar u l-kundizzjonar termiku/skambjatur tas-sħana.

X.A.IV006 “Manjetometri”, sensuri elettromanjetiċi “Superkondutturi”, u l-komponenti “ddisinjati apposta” għalihom, kif ġej:

▼M7

a. “Manjetometri”, ħlief dawk speċifikati fis-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821, li jkollhom “sensittività” anqas (aħjar) minn 1,0 nT (rms) għal kull għerq kwadrat ta’ Hz

Nota Teknika: Għall-finijiet ta’ X.A.IV.006.a, “sensittività” (il-livell tal-potenza akustika) hija l-għerq tal-medja kwadratika tal-istorbju fl-isfond limitat b’apparat, li huwa l-aktar sinjal baxx li jista’ jitkejjel.

b. Sensuri elettromanjetiċi “superkonduttivi”, “komponenti” mmanifatturati minn materjali “superkonduttivi”:

1. Iddisinjati biex joperaw f’temperaturi taħt it-“temperatura kritika” ta’ mill-inqas wieħed mill-kostitwenti “superkonduttivi” tagħhom (inkluż apparat bl-effett Josephson jew apparat “superkonduttiv” b’interferenza kwantistika (“superconductive” quantum interference devices, SQUIDS));

2. Iddisinjati biex jaqbdu l-varjazzjonijiet tal-kamp elettromanjetiku fi frekwenzi ta’ 1 KHz jew inqas; u

3. Li jkollhom xi karatteristika minn dawn li ġejjin:

a. Jinkorporaw SQUIDS b’film irqiq b’daqs minimu tal-element ta’ inqas minn 2 μm u biċ-ċirkwiti assoċjati ta’ akkoppjament tal-input u tal-output;

b. Iddisinjati sabiex jaħdmu b’rata ta’ varjazzjoni tal-kamp manjetiku ta’ aktar minn 1 x 10^6 kwanta tal-fluss manjetiku kull sekonda;

c. Iddisinjati sabiex jaħdmu fil-kamp manjetiku fl-ambjent tad-dinja mingħajr protezzjoni manjetika;

d. Li għandhom koeffiċent tat-temperatura ta’ inqas (iżgħar) minn 0,1 kwantum tal-fluss manjetiku/K.

X.A.IV.007 Miters tal-gravità (gravimeters) għall-użu fuq l-art, ħlief dak speċifikat fis-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821, kif ġej

a. Li għandhom preċiżjoni statika ta’ inqas (aħjar) minn 100 μGal;

b. Li jkunu tat-tip tal-element kwarzuż (Worden).

X.A.IV.008 Sistemi tar-radar, tagħmir u komponenti maġġuri, ħlief dawk speċifikati fil-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821, u komponenti tagħhom iddisinjati apposta, kif ġej:

a. Tagħmir tar-radar tal-ajru, ħlief dawk speċifikati fil-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821, u komponenti tiegħu ddisinjat apposta.

b. Radar bil-“laser” ikkwalifikat għall-użu spazjali jew tagħmir għad-Detezzjoni u l-Kejl tad-Distanza bid-Dawl (Light Detection and Ranging, LIDAR), iddisinjat apposta għall-istħarriġ jew għall-osservazzjoni meteoroloġika.

c. Sistemi għal viżjoni mtejba b’immaġni tar-radar b’mewġa millimetrika “ddisinjati apposta” għal inġenji tal-ajru li jaħdmu bir-rotors u li għandhom dan kollu li ġej:

1. Joperaw bi frekwenza ta’ 94 GHz;

2. Potenza tal-output medja ta’ inqas minn 20 mW;

3. Wisa’ tar-raġġ tar-radar ta’ 1 grad; u

▼M7

4. Medda operattiva daqs jew aktar minn 1 500 m.

X.A.IV.009 Tagħmir tal-ipproċessar speċifiku, kif ġej:

a. Tagħmir għad-detezzjoni sismika mhux ikkontrollat minn X.A.IV.009.c.

b. Kameras tat-TV reżistenti għar-radjazzjoni, ħlief dak speċifikat fis-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821.

c. Sistemi ta' detezzjoni tal-intrużjoni sismika li jidentifikaw, jikklassifikaw u jiddeterminaw l-effett fuq is-sors ta' sinjal individwat.

X.B.IV.001 Tagħmir, inklużi għodod, forom, ġiggs jew gauges, u "partijiet", "komponenti" u "aċċessorji" oħrajn "iddisinjati apposta" għalihom, u "iddisinjati apposta" jew immodifikati għal xi wieħed/waħda minn dawn li ġejjin:

a. Għall-manifattura jew l-ispezzjoni ta':

1. Kalamiti wiggler ta' "laser" tal-elettroni liberi;

2. Fotoinjetturi ta' "laser" tal-elettroni liberi;

b. Għall-aġġustament, għat-tolleranzi meħtieġa, tal-kamp manjetiku lonġitudinali ta' "lasers" tal-elettroni liberi.

X.C.IV.001 Fibri ta' sensuri ottiċi li huma modifikati strutturalment biex ikollhom "tul ta' resonanza" ta' inqas minn 500 mm (birifranġenza għolja) jew materjali ta' sensuri ottiċi mhux deskritti f'6C002.b ([1]) u li għandhom kontenut ta' żingu daqs jew aktar minn 6 % bil-"frazzjoni molari".

Nota Teknika: Għall-fini ta' X.C.IV.001:

1) Il-"Frazzjoni molari" hija definita bħala l-proporzjon tal-moli ta' ZnTe u t-total tal-moli ta' CdTe u ZnTe preżenti fil-kristall.

2) It-"tul ta' resonanza" huwa d-distanza li minnha jridu jgħaddu żewġ sinjali polarizzati ortogonalment, inizjalment f'fażi, sabiex tinkiseb differenza fil-fażi ta' 2 Pi radian(s).

X.C.IV.002 Materjal ottiku, kif ġej:

a. Materjali ta' assorbiment ottiku baxx, kif ġej:

1. Komposti ta' fluworur mhux maħduma li fihom ingredjenti b'purità ta' 99,999 % jew aħjar;

Nota: X.C.IV.002.a.1 jikkontrolla l-fluworuri taż-żirkonju jew tal-aluminju u l-varjanti.

2. Ħġieġ tal-fluworur mhux maħdum magħmul minn komposti kkontrollati minn 6C004.e.1 ([2]);

b. "Preforom tal-fibra ottika" magħmulin minn komposti tal-fluworur mhux maħduma li fihom ingredjenti b'purità ta' 99,999 % jew aħjar, "iddisinjati apposta" għall-manifattura tal-"fibri tal-fluworur" ikkontrollati minn X.A.IV.004.b.

([1]) Ref. l-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821
([2]) Ref. l-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821

▼M7

Nota Teknika: Għall-fini ta' X.C.IV.002:

1) Il-"fibri tal-fluworur" huma fibri manifatturati minn komposti tal-fluworur mhux maħduma.

2) Il-"preforom tal-fibra ottika" huma vireg, ingotti, jew vireg tal-ħġieġ, tal-plastik jew ta' materjali oħra li ġew ipproċessati b'mod speċjali għall-użu fil-fabbrikazzjoni ta' fibri ottiċi. Il-karatteristiċi tal-preforma jiddeterminaw il-parametri bażiċi tal-fibri ottiċi estratti li jirriżultaw.

X.D.IV.001 "Software", ħlief dak speċifikat fil-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821, iddisinjat apposta għall-"iżvilupp", il-"produzzjoni", jew l-"użu" ta' prodotti kkontrollati minn 6A002, 6A003 ([1]), X.A.IV.001, X.A.IV.006, X.A.IV.007, jew X.A.IV.008.

X.D.IV.002 "Software" "iddisinjat apposta" għall-"iżvilupp" jew il-"produzzjoni" ta' tagħmir ikkontrollat minn X.A.IV.002, X.A.IV.004, jew X.A.IV.005.

X.D.IV.003 "Software" ieħor, kif ġej:

a. "Programmi" ta' applikazzjoni li jagħmlu parti minn "software" tal-Kontroll tat-Traffiku tal-Ajru (Air Traffic Control, ATC) fuq kompjuters ta' skop ġenerali li jinsabu fiċ-ċentri tal-Kontroll tat-Traffiku tal-Ajru, u li kapaċi awtomatikament jgħaddu d-data marbuta mal-mira tar-radar primarju (jekk ma tkunx korrelatata mad-data tar-radar ta' sorveljanza sekondarju (secondary surveillance radar, SSR)) miċ-ċentru tal-Kontroll tat-Traffiku tal-Ajru ospitanti għal ċentru ieħor tal-Kontroll tat-Traffiku tal-Ajru.

b. "Software" "iddisinjat apposta" għas-sistemi ta' detezzjoni ta' intrużjoni sismika f'X.A.IV.009.c.

c. "Kodiċi tas-Sors" "iddisinjat apposta" għal sistemi ta' detezzjoni ta' intrużjoni sismika f'X.A.IV.009.c.

X.E.IV.001 "Teknoloġija" għall-"iżvilupp", il-"produzzjoni", jew l-"użu" ta' tagħmir kkontrollat minn X.A.IV.001, X.A.IV.006, X.A.IV.007, X.A.IV.008 jew X.A.IV.009.c.

X.E.IV.002 "Teknoloġija" għall-"iżvilupp" jew il-"produzzjoni" ta' tagħmir, materjali jew "software" kkontrollati minn X.A.IV.002, X.A.IV.004, jew X.A.IV.005, X.B.IV.001, X.C.IV.001, X.C.IV.002, jew X.D.IV.003.

X.E.IV.003 "Teknoloġija" oħra, kif ġej:

a. Teknoloġiji tal-fabbrikazzjoni ottika għal produzzjoni f'serje ta' "komponenti" ottiċi b'rata ta' aktar minn 10 m^2 ta' erja tas-superfiċje fis-sena fuq kwalunkwe fus wieħed u li għandhom dan kollu li ġej:

1. Erja ta' aktar minn 1 m^2;

2. Il-forma tas-superfiċje ta' aktar minn λ/10 (rms) fil-tul tal-mewġa stabbilita;

b. It-"Teknoloġija" għall-filtri ottiċi b'wisa' tal-banda ta' 10 nm jew inqas, b'kamp viżiv (field of view, FOV) ta' aktar minn 40° u riżoluzzjoni ogħla minn 0,75 pari ta' linji għal kull milliradjan;

c. "Teknoloġija" għall-"iżvilupp" jew il-"produzzjoni" ta' kameras ikkontrollati minn X.A.IV.003;

d. "Teknoloġija" "meħtieġa" għall-"iżvilupp" jew il-"produzzjoni" ta' "manjetometri" fluxgate mhux triassjali jew ta' "manjetometri" mhux triassjali, li għandhom xi karatteristika milli ġejjin:

([1]) Ref. l-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821

▼M7

1. “Sensittività” ta’ inqas (aħjar) minn 0,05 nT (rms) għal kull għerq kwadrat ta’ Hz fi frekwenzi ta’ inqas minn 1 Hz; jew

2. “Sensittività” ta’ inqas (aħjar) minn 1 x 10^{-3} nT (rms) għal kull għerq kwadrat ta’ Hz fi frekwenzi ta’ 1 Hz jew aktar.

e. “Teknoloġija” “meħtieġa” għall-“iżvilupp” jew il-“produzzjoni” ta’ apparat għall-konverżjoni axxendenti tad-dawl infraaħmar li għandu dan kollu li ġej:

1. Rispons fil-medda tal-frekwenza ta’ iktar minn 700 nm, iżda ta’ mhux iktar minn 1 500 nm; u

2. Kombinazzjoni ta’ fotodetettur tal-infraaħmar, dijodu li jemetti d-dawl (light emitting diode, OLED), u nanokristall biex id-dawl infraaħmar jiġi kkonvertit f’dawl viżibbli.

Nota Teknika: Għall-finijiet ta’ X.E.IV.003, “sensittività” (jew il-livell tal-potenza akustika) hija l-għerq tal-medja kwadratika tal-istorbju fl-isfond limitat b’apparat, li huwa l-aktar sinjal baxx li jista’ jitkejjel.

Kategorija V – Navigazzjoni u Avjonika

X.A.V.001 Tagħmir ta’ komunikazzjoni fl-ajru, is-sistemi kollha ta’ navigazzjoni inerzjali tal-inġenji tal-ajru, u tagħmir avjoniku ieħor, inklużi “komponenti”, ħlief dawk speċifikati fil-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821.

Nota 1: X.A.V.001. ma tikkontrollax il-headphones jew il-mikrofoni.

Nota 2: X.A.V.001. ma tikkontrollax prodotti għall-użu personali ta’ persuni naturali.

X.B.V.001 Tagħmir ieħor iddisinjat apposta għall-ittestjar, l-ispezzjoni, jew il-“produzzjoni” ta’ tagħmir tan-navigazzjoni u tal-avjonika.

X.D.V.001 “Software”, ħlief dak speċifikat fil-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821, għall-“iżvilupp”, il-“produzzjoni”, jew l-“użu” ta’ tagħmir avjoniku għan-navigazzjoni, il-komunikazzjoni fl-ajru u tagħmir ieħor.

X.E.V.001 “Technoloġija”, ħlief dak speċifikat fil-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821, għall-“iżvilupp”, il-“produzzjoni”, jew l-“użu” ta’ tagħmir avjoniku għan-navigazzjoni, il-komunikazzjoni fl-ajru u tagħmir ieħor..

Kategorija VI – Materjal marittimu

X.A.VI.001 Bastimenti, sistemi jew tagħmir marittimu, u komponenti ddisinjati apposta għalihom, u komponenti u aċċessorji kif ġej:

a. Sistemi ta’ viżjoni ta’ taħt l-ilma, kif ġej:

1. Sistemi tat-televiżjoni (inklużi kameras, dwal, tagħmir ta’ monitoraġġ u ta’ trażmissjoni tas-sinjali) li għandhom riżoluzzjoni b’limitu meta mkejla fl-arja ta’ aktar minn 500 linja u “ddisinjati apposta” jew immodifikati għall-operazzjonijiet mill-bogħod b’vettura sommerġibbli; jew

2. Kameras tat-televixin ta’ taħt wiċċ l-ilma, li jkollhom riżoluzzjoni b’limitu meta mkejla fl-arja, ta’ aktar minn 700 linja;

▼M7

Nota Teknika: Ir-riżoluzzjoni b'limitu fit-televixins hija miżura ta' riżoluzzjoni orizzontali, normalment espressa f'termini ta' numru massimu ta' linji għall-għoli ta' kull stampa, indikati fuq test chart, billi jintuża l-Istandard IEEE 208/1960 jew kwalunkwe standard ieħor ekwivalenti.

b. Kameras tar-ritratti "iddisinjati apposta" jew immodifikati għall-użu taħt wiċċ l-ilma, li jieħdu film b'format ta' 35 mm jew aktar, u li l-awtoffukar jew l-iffukar mill-bogħod tagħhom huma "iddisinjati apposta" għall-użu taħt wiċċ l-ilma;

c. Sistemi tad-dawl stroboskopiku, "iddisinjati apposta" jew immodifikati għall-użu taħt wiċċ l-ilma, li kapaċi jitfgħu enerġija tad-dawl ta' aktar minn 300 J ma' kull flash;

d. Tagħmir ieħor ta' kamera għal taħt l-ilma, ħlief dak speċifikat fis-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821.

e. Ma jintużawx;

f. Vetturi (tal-wiċċ jew ta' taħt il-baħar), inklużi dgħajjes li jintnefħu, u komponenti ddisinjati apposta għalihom. ħlief dawk speċifikati fil-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821;

Nota: X.A.VI.001.f ma tikkontrollax vetturi fuq soġġorn temporanju, użati għat-trasport privat jew it-trasport ta' passiġġieri jew prodotti minn jew minn ġewwa t-territorju doganali tal-Unjoni.

g. Magni tal-baħar (kemm abbord kif outboard) u magni ta' taħt il-baħar u komponenti ddisinjati apposta għalihom. ħlief dawk speċifikati fil-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821;

h. Tagħmir tan-nifs għal taħt il-baħar, komplut fih innifsu (tagħmir tal-iscuba) u aċċessorji għalih, ħlief dawk speċifikati fil-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821;

i. Ġakketti tas-salvataġġ, cartridges li jintnefħu, boxxli għall-għadis u kompjuters għall-għadis;

Nota: X.A.VI.001.i. ma tikkontrollax prodotti għall-użu personali ta' persuni naturali.

j. Dawl ta' taħt wiċċ l-ilma u tagħmir ta' propulsjoni;

Nota: X.A.VI.001.j ma jikkontrollax oġġetti għall-użu personali tal-persuni fiżiċi.

k. Kompressuri tal-arja u sistema ta' filtrazzjoni ddisinjati apposta għall-mili ta' ċilindri tal-arja;

X.D.VI.001 "Software" iddisinjat apposta jew immodifikat għall-"iżvilupp", il-"produzzjoni" jew l-"użu" ta' tagħmir ikkontrollat permezz ta' X.A.VI.001.

X.D.VI.002 "Software" iddisinjat apposta għat-tħaddim ta' vetturi sommerġibbli bla ekwipaġġ użati fl-industrija taż-żejt u tal-gass.

X.E.VI.001 It-"Teknoloġija" għall-"iżvilupp", il-"produzzjoni" jew l-"użu" ta' tagħmir ikkontrollati permezz ta' X.A.VI.001.

▼M7

Kategorija VII — Ajruspazju u Propulsjoni

▼M11

X.A.VII.001 Magni diżil, u tratturi u komponenti ddisinjati apposta għalihom, minbarra dawk speċifikati fis-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821:

▼M7

a. Magni diesel, minbarra dawk speċifikati fis-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821, għal trakkijiet, tratturi, u applikazzjonijiet awtomotivi, li għandhom output ta' potenza globali ta' 298kW jew aktar.

b. Tratturi bir-roti mhux maħsubin għall-awtostrada b'kapaċità tal-ġarr ta' 9 t jew aktar; u komponenti u aċċessorji ewlenin għalihom, minbarra dawk speċifikati fis-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821.

c. Tratturi tat-triq għal semitrejlers, b'fus fuq wara wieħed jew b'żewġ fusien previsti għal 9 t għal kull fus jew aktar u komponenti ewlenin iddisinjati apposta.

Nota: X.A.VII.001.b u X.A.VII.001.c ma jikkontrollawx il-vetturi li jkunu qegħdin jinżammu temporanjament, li jintużaw għat-trasport privat jew għat-trasport ta' passiġġieri jew merkanzija mit-territorju doganali tal-Unjoni jew ġewwa fih.

X.A.VII.002 Magni b'turbini tal-gass u komponenti minbarra dawk speċifikati fis-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821.

a. Ma jintużawx.

b. Ma jintużawx.

▼M11

c. Magni b'turbini tal-gass aero u komponenti ddisinjati apposta għalihom.

▼M7

Nota: X.A.VII.002.c ma jikkontrollax il-magni ajrunawtiċi b'turbini tal-gass li huma maħsubin għall-użu f'"inġenji tal-ajru" ċivili u li ilhom jintużaw bona fide f'"inġenji tal-ajru" ċivili għal aktar minn tmien snin. Jekk ilhom jintużaw bona fide f'"inġenji tal-ajru" ċivili għal aktar minn tmien snin, ara l-Anness XI.

d. Ma jintużawx.

e. Komponenti ta' tagħmir taħt pressjoni għan-nifs tal-inġenji tal-ajru ddisinjati apposta għalihom, minbarra dawk speċifikati fis-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821.

X.B.VII.001 Tagħmir għall-ittestjar tal-vibrazzjoni u komponenti ddisinjati apposta, minbarra dawk speċifikati fis-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821.

Nota: X.B.VII.001. jikkontrolla biss it-tagħmir għall-"iżvilupp" jew il-"produzzjoni". *Ma jikkontrollax is-sistemi ta' monitoraġġ għall-kundizzjoni.*

X.B.VII.002 "Tagħmir" iddisinjat apposta, għodod jew ġiggs għall-manifattura jew il-kejl tal-pali tat-turbini tal-gass, il-paletti jew il-karenaturi tat-tarf ikkastjati , kif ġej:

a. Tagħmir awtomatizzat li juża metodi mhux mekkaniċi għall-kejl tal-għoli tal-profil tal-ajrufojl;

▼M7

b. Għodod, ġiggs jew tagħmir tal-kejl għal proċessi ta' titqib bil-"laser", b'ġett tal-ilma jew b'ECM/EDM ikkontrollati permezz ta' 9E003.c ([1]);

c. Tagħmir għal-lixxivjazzjoni tal-partijiet ċentrali taċ-ċeramika;

d. Tagħmir jew għodod għall-manifattura tal-partijiet ċentrali taċ-ċeramika;

e. Tagħmir għall-preparazzjoni tad-disinn tax-xama' għall-qoxra taċ-ċeramika;

f. Tagħmir tan-nar għall-ħruq tal-qoxra taċ-ċeramika.

X.D.VII.001 "Software", minbarra dak speċifikati fis-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821, għall-"iżvilupp" jew il-"produzzjoni" ta' tagħmir ikkontrollat minn X.A.VII.001 jew X.B.VII.001.

X.D.VII.002 "Software", għall-"iżvilupp" jew il-"produzzjoni" ta' tagħmir ikkontrollat permezz ta' X.A.VII.002, jew X.B.VII.002.

X.E.VII.001 "Teknoloġija", minbarra dik speċifikata fis-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821, għall-"iżvilupp" jew il-"produzzjoni" jew l-"użu" ta' tagħmir ikkontrollat minn X.A.VII.001 jew X.B.VII.001.

X.E.VII.002 "Teknoloġija", għall-"iżvilupp", il-"produzzjoni" jew l-"użu" ta' tagħmir ikkontrollati permezz ta' X.A.VII.002 jew X.B.VII.002.

X.E.VII.003 "Teknoloġija" oħra, mhux deskritta f'9E003 ([2]), kif ġej:

a. Sistemi għall-kontroll tad-distanza tal-ponot tal-pali li jużaw "teknoloġija" attiva ta' kumpens fil-kejsing li tkun limitata għal bażi tad-*data* tad-disinn u l-iżvilupp; jew

b. Berings bil-gass għall-assemblaġġi tar-rotors tal-magni bit-turbini.

▼M13

Kategorija VIII — Oġġetti mixxellanji

X.A.VIII.001 Tagħmir għall-produzzjoni taż-żejt jew għall-esplorazzjoni taż-żejt kif ġej:

a. Tagħmir tal-kejl integrat tar-ras tat-tħaffir, inklużi sistemi ta' navigazzjoni interna għall-kejl waqt it-tħaffir (measurement while drilling, MWD);

b. Sistemi ta' monitoraġġ tal-gass u ditekters għalihom, iddisinjati għall-operazzjoni kontinwa u d-detezzjoni tas-sulfid tal-idroġenu;

c. Tagħmir għall-kejl sismoloġiku, inklużi s-sismetika tar-riflessjoni u l-vibraturi sismiċi;

d. Sediment echo sounders.

X.A.VIII.002 Tagħmir, "assemblaġġi elettroniċi" u komponenti, iddisinjati apposta għal kompjuters kwantistiċi, elettronika kwantistika, sensuri kwantistiċi, unitajiet ta' pproċessar kwantistiku, ċirkwiti qubit, apparati qubit jew sistemi ta' radar kwantistiku, inklużi ċelloli pockels.

([1]) Ref. l-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821
([2]) Ref. l-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821

▼**M13**

Nota 1: il-kompjuters kwantistiċi jwettqu komputazzjonijiet li jużaw il-proprjetajiet kollettivi tal-istati kwantistiċi, bħas-superpożizzjoni, l-interferenza u t-tħabbil.

Nota 2: L-unitajiet, iċ-ċirkwiti u l-apparati jinkludu, iżda mhumiex limitati għal, ċirkwiti superkonduttivi, Kwaċċar kwantum, Ion Trap, interazzjoni fotonika, silikon/spin, atomi kesħin.

X.A.VIII.003 Mikroskopji u tagħmir u detectors relatati, kif ġejjin:

a. Mikroskopju elettroniku tal-iskennjar (scanning electron microscope, SEM).

b. Mikroskopji tal-auger li jiskennjaw;

c. Mikroskopji tal-elettroni tat-trażmissjoni (transmission electron microscopes, TEM);

d. Mikroskopji tal-forza atomika (atomic force microscopes, AFM);

e. Mikroskopji tal-forza tal-iskennjar (scanning force microscope, SFM);

f. Tagħmir u detectors, imfassla b'mod speċjali biex jintużaw mal-mikroskopji speċifikati f'X.A.VIII.003.a sa X.A.VIII.0003.e, li jużaw kwalunkwe teknika tal-analiżi tal-materjali minn dawn li ġejjin:

1. Spettroskopija ta' ritratt b'raġġi X (X-ray photo spectroscop, XPS);

2. Spettroskopija b'raġġi X li xxerred l-enerġija (energy-dispersive X-ray spectroscopy, EDX, EDS); jew

3. Spettroskopija bl-Elettroni għall-Analiżi Kimika (electron spectroscopy for chemical analysis, ESCA).

X.A.VIII.004 Tagħmir tal-kollettur għall-minerali tal-metall f'qiegħ il-baħar fond.

X.A.VIII.005 Tagħmir tal-manifattura u għodod tal-magni kif ġej:

a. Tagħmir tal-manifattura addittiv għall-"produzzjoni" ta' partijiet tal-metall;

Nota: X.A.VIII.005.a japplika biss għas-sistemi li ġejjin:

1. Sistemi b'sodda baxxa li jużaw tidwib selettiv bil-laser (selective laser melting, SLM), kuxxinjar bil-laser, sinterizzazzjoni diretta bil-laser tal-metall (direct metal laser sintering, DMLS) jew tidwib ta' raġġ ta' elettroni (electron beam melting, EBM), jew

2. Sistemi li jużaw kisi bil-laser, depożizzjoni diretta ta' enerġija jew depożizzjoni ta' metall bil-laser.

b. Tagħmir tal-manifattura addittiv għal "materjali enerġetiċi", inkluż tagħmir li juża estrużjoni ultrasonika;

c. Tagħmir tal-manifattura addittiv tal-fotopolimerizzazzjoni tal-VAT (VVP) li juża l-litografija sterjo (stereo lithography, SLA) jew l-ipproċessar diġitali tad-dawl (digital light processing, DLP).

X.A.VIII.006 Tagħmir għall-"produzzjoni" ta' elettronika stampata għal dijodi organiċi li jemettu d-dawl (organic light emitting diodes, OLED), tranżisters organiċi b'effett fil-post (organic field-effect transistors, OFET) jew ċelloli fotovoltajċi organiċi (organic photovoltaic cells, OPVC).

▼**M13**

X.A.VIII.007 Tagħmir għall-“produzzjoni” ta’ sistemi mikroelettromekkaniċi (microelectromechanical systems, MEMS) li jużaw il-proprjetajiet mekkaniċi tas-siliċju, sensuri ta’ inlcuding f’format ta’ ċippa bħal membrani ta’ pressjoni, raġġi ta’ liwi jew apparat ta’ aġġustament mikro.

X.A.VIII.008 Tagħmir, iddisinjat apposta għall-produzzjoni ta’ e-karburanti (elettrokarburanti u karburanti sintetiċi) jew ċelloli solari ultra effiċjenti (effiċjenza > 30 %).

X.A.VIII.009 Tagħmir għal Vakwu Ultra-Għoli (Ultra-High-Vacuum, UHV) kif ġej:

a. Pompi UHV (sublimazzjoni, turbomolekulari, diffużjoni, krijoġeniċi, graff tal-joni);

b. Gauges tal-pressjoni UHV.

Nota: UHV tfisser 100 nanoPascals (nPA) jew inqas.

X.A.VIII.010 “Sistemi ta’ refriġerazzjoni krijoġeniċi” ddisinjati biex iżommu temperaturi taħt il-1,1 K għal 48 siegħa jew aktar u tagħmir ta’ refriġerazzjoni krijoġeniku relatat kif ġej:

a. Kubi tal-impuls;

b. Cryostats;

c. Dewars;

d. Sistema ta’ Maniġġar tal-Gass (Gas Handling System, GHS);

e. Kompressuri;

f. Unitajiet ta’ Kontroll

Nota: “Sistemi ta’ refriġerazzjoni krijoġeniċi” jinkludu iżda mhumiex limitati għal Refriġerazzjoni tad-Dilwizzjoni, Refrigeraturi ta’ Demagnizzazzjoni adiabatika u Sistemi ta’ Tkessiħ bil-Laser.

X.A.VIII.011 Tagħmir ta’ “dekapsulazzjoni” għal apparat semikonduttur.

Nota: “Dekapsulazzjoni” hija t-tneħħija ta’ kappa, għatu, jew materjal ta’ inkapsulazzjoni minn ċirkwit integrat ippakkjat b’mezzi mekkaniċi, termali jew kimiċi.

X.A.VIII.012 Fotodetetturi b’Effiċjenza Kwantistika Għolja (Quantum Efficiency, QE) b’QE ikbar minn 80 % fil-medda tat-tul ta’ mewġ ta’ iktar minn 400 nm iżda mhux iktar minn 1 600 nm.

X.AVIII.013 Għodda bil-magna kkontrollati numeriċi, li għandhom assi lineari wieħed jew aktar b’tul ta’ tmexxija akbar minn 8 000 mm.

▼**M16**

X.A.VIII.014 Sistemi ta’ kanuni tal-ilma għall-kontroll tal-irvellijiet jew tal-folol, u komponenti ddisinjati apposta għalihom.

▼**M16**

Nota: *X.A.VIII.014 Is-sistemi tal-kannuni tal-ilma jinkludu, pereżempju: vetturi jew stazzjonijiet fissi mgħammra b'kanuni tal-ilma li jaħdmu mill-bogħod li huma ddisinjati biex jipproteġu lill-operatur minn irvellijiet ta' barra b'karatteristiċi bħal armor, twieqi reżistenti għax-xifer, skrins talmetall, bull-bars, jew tajers run-flat. Komponenti ddisinjati apposta għal kanuni tal-ilma jistgħu jinkludu, pereżempju: żennuni tal-ilma tal-gverta, pompi, ġibjuni, kameras, u dwal li huma mwebbsa jew protetti kontra projettili, arbli elevanti għal dawk l-oġġetti, u sistemi ta' teleoperazzjoni għal dawk l-oġġetti.*

X.A.VIII.015 Armi li jattakkaw għall-infurzar tal-liġi, inklużi saps, lembubi talpulizija, lembubi tal-ġenb, tonfas, sjamboks, u frosti.

X.A.VIII.016 Elmi u tarki tal-pulizija; u komponenti ddisinjati apposta, minbarra dawk speċifikati fis-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821.

X.A.VIII.017 Tagħmir ta' trażżin għall-infurzar tal-liġi, inklużi l-manetti tarriġlejn, qomos, u manetti; ġkieket dritti; manetti għall-isturdament; ċinturini tax-xokkijiet; kmiem għax-xokkijiet; apparati ta' trażżin b'diversi punti bħal siġġijiet ta' trażżin; u komponenti u aċċessorji ddisinjati apposta, minbarra dawk speċifikati fis-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821.

Nota: *X.A.VIII.017 japplika għal apparat ta' trażżin użat f'attivitajiet ta' infurzar tal-liġi. Dan ma japplikax għal apparati mediċi li huma mgħammra biex irażżnu l-moviment talpazjenti matul il-proċeduri mediċi. Dan ma japplikax għal apparati li jillimitaw lill-pazjenti b'indeboliment talmemorja għal faċilitajiet mediċi xierqa. Ma japplikax għal tagħmir tas-sikurezza bħal ċinturini tas-sikurezza jew sits tas-sikurezza tal-karozzi għat-tfal.*

X.A.VIII.018 Tagħmir, software u *data* għall-esplorazzjoni taż-żejt u l-gass, kif ġej (ara l-Lista ta' Oġġetti Kontrollati):

a. Mhux użat.

b. Oġġetti ta' fratturazzjoni idrawlika, kif ġej:

1. Software u *data* għad-disinn u l-analiżi tal-fratturazzjoni idrawlika;

2. Fratturazzjoni idrawlika "proppant," "fluwidu tal-fratturazzjoni", u addittivi kimiċi għalih; jew

3. Pompi ta' pressjoni għolja.

Nota Teknika:

"Proppant" huwa materjal solidu, tipikament ramel ittrattat jew materjal taċ-ċeramika magħmul mill-bniedem, iddisinjat biex iżomm ksur idrawliku indott miftuħ, matul jew wara trattament ta' fratturazzjoni. Jiżdied ma' "fluwidu tal-fratturazzjoni" li jista' jvarja fil-kompożizzjoni skont it-tip ta' fratturazzjoni użata, u jista' jkun ġell, fowm jew ibbażat fuq is-slickwater.

▼**M16**

X.A.VIII.019 Tagħmir speċifiku għall-ipproċessar, kif ġej (ara l-Lista ta' Oġġetti Kontrollati):

a. Kalamiti forma ta' ċirku;

b. Mhux użat.

▼**M17**

X.A.VIII.020 Armi u apparat maħsuba għall-fini tal-kontroll tal-irvellijiet jew awtodifiża, kif ġej:

a. Armi ta' skariku elettriku li jistgħu jinġarru li jistgħu jimmiraw biss lejn individwu wieħed kull darba li jkun amministrat xokk elettriku, inkluż iżda mhux limitat għal-lembubi tax-xokkijiet elettriċi, tarki tax-xokkijiet elettriċi, pistoli tax-xokkijiet u pistoli tad-darts tax-xokkijiet;

b. Kits li fihom il-komponenti essenzjali kollha għall-armar ta' armi tal-iskariku elettriku li jinġarru, ikkontrollati mill-prodott X.A.VIII.020.a; jew

Nota: Il-prodotti li ġejjin jitqiesu li huma komponenti essenzjali:

1. L-unità li tipproduċi xokk elettriku;

2. L-iswiċċ, kemm jekk fuq remote control kemm jekk le; kif ukoll

3. L-elettrodi jew, fejn applikabbli, il-wajers li permezz tagħhom għandhom jiġu amministrati x-xokkijiet elettriċi.

c. Armi tal-iskariku elettriku fissi jew li jiġu mmuntati li jkopru żona wiesgħa u jistgħu jimmiraw lejn individwi multipli b'xokkijiet elettriċi

X.A.VIII.021 Armi u apparat għat-tferrix ta' sustanzi kimiċi inkapaċitanti u irritanti għall-finijiet tal-kontroll tal-irvellijiet jew awtodifiża u sustanzi relatati, kif ġej:

a. Armi u tagħmir li jistgħu jinġarru u li jew jamministraw doża ta' sustanza kimika inkapaċitanti jew irritanti li jimmiraw lejn individwu wieħed jew iferrxu doża ta' tali sustanza fil-forma ta' sprej ċpar jew sħaba li taffettwa erja żgħira, meta s-sustanza kimika tiġi amministrata jew imferrxa.

Nota 1: Dan il-prodott ma jikkontrollax l-apparat ikkontrollat mill-prodott ML7(e) tal-Lista Militari Komuni tal-Unjoni Ewropea.

Nota 2: Dan il-prodott ma jikkontrollax tagħmir individwali li jista' jinġarr, anki jekk ikun fih sustanza kimika, meta jakkumpanja lill-utent tiegħu għall-protezzjoni personali tal-utent stess.

Nota 3: Minbarra s-sustanzi kimiċi rilevanti, bħal aġenti għall-kontroll tal-irvellijiet jew PAVA, il-prodotti kkontrollati mill-prodotti X.A.VIII.021.c u X.A.VIII.021.d għandhom jitqiesu li huma sustanzi kimiċi inkapaċitanti jew irritanti.

b. Vanillilamide tal-aċidu pelargoniko (PAVA) (CAS 2444-46-4);

c. Oleoresin capsicum (OC) (CAS 8023-77-6);

▼M17

d. Taħlitiet li fihom mill-inqas 0,3 % bil-piż ta' PAVA jew OC u solvent (bħall-etanol, 1-propanol jew hexane), li jistgħu jiġu amministrati bħala aġenti inkapaċitanti jew irritanti, b'mod partikolari f'aerosols u f'forma likwida, jew użati għall-manifattura ta' aġenti inkapaċitanti jew irritanti;

Nota 1: Dan il-prodott ma jikkontrollax zlazi u preparati għalihom, sopop jew preparati għalihom u kondimenti mħallta jew taħwir, sakemm il-PAVA jew l-OC ma jkunux l-uniku togħma kostitwenti fihom.

Nota 2: Dan il-prodott ma jikkontrollax prodotti mediċinali li għalihom ingħatat awtorizzazzjoni għal kummerċjalizzazzjoni skont il-liġi tal-Unjoni.

e. Tagħmir fiss għat-tifrix ta' sustanzi kimiċi inkapaċitanti jew irritanti, li jista' jitwaħħal mal-ħajt jew ma' saqaf ġo bini, jinkludi ċilindru tal-landa ta' aġenti kimiċi irritanti jew inkapaċitanti u jiġi attivat permezz ta' sistema ta' kontroll mill-bogħod; jew

Nota: Minbarra s-sustanzi kimiċi rilevanti, bħal aġenti għall-kontroll tal-irvellijiet jew PAVA, il-prodotti kkontrollati mill-prodotti X.A.VIII.021.c u X.A.VIII.021.d għandhom jitqiesu li huma sustanzi kimiċi inkapaċitanti jew irritanti

f. Apparat fiss jew li jiġi mmuntat għat-tifrix ta' aġenti kimiċi inkapaċitanti jew irritanti li jkopri firxa wiesgħa u mhux maħsub biex jitwaħħal ma' ħajt jew ma' saqaf ġewwa bini.

Nota 1: Dan il-prodott ma jikkontrollax l-apparat ikkontrollat mill-prodott ML7(e) tal-Lista Militari Komuni tal-Unjoni Ewropea.

Nota 2: Minbarra s-sustanzi kimiċi rilevanti, bħal aġenti għall-kontroll tal-irvellijiet jew PAVA, il-prodotti kkontrollati mill-prodotti X.A.VIII.021.c u X.A.VIII.021.d għandhom jitqiesu li huma sustanzi kimiċi inkapaċitanti jew irritanti

X.A.VIII.022 Il-prodotti li jistgħu jintużaw għall-eżekuzzjoni ta' bnedmin permezz ta' injezzjoni letali, huma kif ġej:

a. Aġenti anestetiċi barbiturati li jaġixxu fuq perjodu qasir u intermedju jinkludu, iżda mhumiex limitati għal:

1. Amobarbital (CAS 57-43-2);

2. Melħ tas-sodju tal-amobarbital (CAS 64-43-7);

3. Pentobarbital (CAS 76-74-4);

4. Melħ tas-sodju tal-pentobarbital (CAS 57-33-0);

5. Sekobarbital (CAS 76-73-3);

6. Melħ tas-sodju tas-sekobarbital (CAS 309-43-3);

7. Tijopental (CAS 76-75-5); jew

8. Melħ tas-sodju tat-tijopental (CAS 71-73-8), magħruf ukoll bħala tijopenton sodiku;

b. Prodotti li fihom wieħed mill-aġenti anestetiċi elenkati taħt X.A.VIII.022.a.

▼**M16**

X.B.VIII.001 Tagħmir speċifiku għall-ipproċessar, kif ġej (ara l-Lista ta' Oġġetti Kontrollati):

a. Ċelloli jaħarqu; jew

b. Kompartimenti għall-ingwanti għall-użu b'materjali radjuattivi.

▼**M13**

X.C.VIII.001 Trabijiet tal-metall u trabijiet tal-ligi tal-metall, li jistgħu jintużaw għal xi waħda mis-sistemi elenkati f'X.A.VIII.005.a.

X.C.VIII.002 Materjali avvanzati kif ġej:

a. Materjali għall-immaljar jew camouflage adattiv;

b. Metamaterjali, pereżempju b'indiċi rifrattiv negattiv;

c. Mhux użat;

d. Ligi ta' entropija għolja (high entropy alloys, HEA);

e. Komposti ta' heusler;

f. Materjali ta' kitaev, inklużi likwidi ta' kitaev spin.

X.C.VIII.003 Polimeri konjugati (konduttivi, semikonduttivi, elettrouminexxenti) għall-elettronika stampata jew organika.

X.C.VIII.004 Materjali enerġetiċi kif ġej u taħlitiet tagħhom:

a. Pikrat tal-ammonju (CAS 131-74-8);

b. Trab iswed;

c. Eżanitrodifenilammina (CAS 131-73-7);

d. Difluworoammina (CAS 10405-27-3);

e. Nitrolamtu (CAS9056-38-6);

f. Mhux użat;

g. Tetranitronaftalina;

h. Trinitruaniżol;

i. Trinitronaftalina;

j. Trinitrossilen;

k. N-pirrolidinon; 1-metil-2-pirrolidinon (CAS 872-50-4);

l. Diottilmaleat (CAS 142-16-5);

m. Etileżilakrilat (CAS 103-11-7);

▼**M13**

n. Trietilaluminju (TEA) (CAS 97-93-8), trimetilaluminju (TMA) (CAS 75-24-1), u alkili tal-metall piroforiċi oħra u arili tal-litju, sodju, manjeżju, żingu jew boron;

o. Nitroċellulożju (CAS 9004-70-0);

p. Nitrogliċerina (jew gliċeroltrinitrat, trinitrogliċerina) (NG) (CAS 55-63-0);

q. 2,4,6-trinitrotoluwen (TNT) (CAS 118-96-7);

r. Etilendiamminadinitrat (EDDN) (CAS 20829-66-7);

s. Pentaeritritoltetranitrat (PETN) (CAS 78-11-5);

t. Ażid taċ-ċomb (CAS 13424-46-9), stifnat taċ-ċomb normali (CAS 15245-44-0) u stifnat taċ-ċomb bażiku (CAS 12403-82-6) u splussivi primarji jew kompożizzjonijiet ta' innesk li fihom ażidi jew kumplessi ta' ażid;

u. Mhux użat;

v. Mhux użat;

w. Dietildifenilureja (CAS 85-98-3); dimetildifenilurea (CAS 611-92-7); urea tal-metiletildifenil.

x. N,N-difenilurea (difenilurea mhux simmetrika) (CAS 603-54-3);

y. Metil-N,N-difenilurea (difenilurea mhux simmettrika tal-metil) (CAS 13114-72-2);

z. Metil-N,N-difenilurea (difenilurea mhux simmettrika tal-metil) (CAS 64544-71-4);

aa. Mhux użat;

bb. 4-Nitrodifenilammina (4-NDPA) (CAS 836-30-6);

cc. 2,2-Nitrodifenilamin (CAS 918-52-5);

dd. Mhux użat.

X.D.VIII.001 Software, iddisinjat apposta għall-"iżvilupp", il-"produzzjoni" jew l-"użu" ta' tagħmir speċifikat f'X.A.VIII.005 sa X.A.VIII.0013.

X.D.VIII.002 Software, iddisinjat apposta għall-"iżvilupp", il-"produzzjoni" jew l-"użu" ta' tagħmir, "assemblaġġi elettroniċi" jew komponenti speċifikati f'X.A.VIII.002.

X.D.VIII.003 Software għal tewmin diġitali ta' prodotti tal-manifattura addittivi jew għad-determinazzjoni tal-affidabbiltà tal-prodotti tal-manifattura addittivi.

▼**M16**

X.D.VIII.004 "Software" iddisinjat apposta għall-"iżvilupp", il-"produzzjoni" jew l-"użu" ta' komoditajiet ikkontrollat permezz ta' X.A.VIII.014.

X.D.VIII.005 Software speċifiku, kif ġej (ara l-Lista ta' Oġġetti Kontrollati):

a. Software għall-kalkolar/mudellar newtroniku;

▼M16

b. Software għall-kalkolar/mudellar tat-trasport tar-radjazzjoni; jew

c. Software għall-kalkolar/mudellar idrodinamiku.

▼M13

X.E.VIII.001 Teknoloġija għall-“iżvilupp”, il- “produzzjoni” jew l-“użu” ta’ tagħmir speċifikat f’X.A.VIII.001 sa X.A.VIII.0013.

X.E.VIII.002 Teknoloġija għall-“iżvilupp”, il-“produzzjoni” jew l-“użu” ta’ materjali speċifikati f’X.C.VIII.002 jew X.C.VIII.003

X.E.VIII.003 Teknoloġija għal tewmin diġitali ta’ prodotti tal-manifattura addittivi, għad-determinazzjoni tal-affidabbiltà tal-prodotti tal-manifattura addittivi jew għas-software speċifikat f’X.D.VIII.003.

X.E.VIII.004 Teknoloġija għall-“iżvilupp”, il-“produzzjoni” jew l-“użu” ta’ software speċifikat f’X.D.VIII.001 sa X.D.VIII.002.

▼M16

X.E.VIII.005 “Teknoloġija” “meħtieġa” għall- “iżvilupp” jew il- “produzzjoni” ta’ komoditajiet ikkontrollati minn X.A.VIII.014.

X.E.VIII.006 “Teknoloġija” esklussivament għall-“iżvilupp” jew il-“produzzjoni” ta’ tagħmir ikkontrollat minn X.A.VIII.017.

▼M15

Kategorija IX – Materjali Speċjali u Tagħmir Relatat

▼M16

X.A.IX.001 Aġenti kimiċi, inkluża formulazzjoni ta’ gass tad-dmugħ li fihom 1 % jew inqas ta’ ortoklorobenzalmalonitril (CS), jew 1 % jew inqas ta’ kloroaċetofenon (NM), ħlief f’kontenituri individwali b’piż nett ta’ 20 g jew inqas; bżar likwidu ħlief meta ppakkjat f’kontenituri individwali b’piż nett ta’ 85,05 g jew inqas; bombi tad-duħħan; flares tad-duħħan, kanisters, granati u kargi mhux irritanti; u oġġetti pirotekniċi oħra li għandhom użu doppju militari u kummerċjali, u komponenti ddisinjati apposta għalihom, minbarra dawk speċifikati fis-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821.

X.A.IX.002 Trab, żebgħa u linka għall-istampar bis-swaba’.

X.A.IX.003 Tagħmir protettiv u ta’ detezzjoni mhux iddisinjat apposta għall-użu militari u mhux ikkontrollat minn 1A004 jew 2B351, kif ġej (ara l-Lista ta’ Oġġetti Kontrollati), u komponenti mhux iddisinjati apposta għall-użu militari u mhux ikkontrollati minn 1A004 jew 2B351 għalihom:

a. Dożimetri għall-monitoraġġ tar-radjazzjoni personali; jew

b. Apparat illimitat bid-disinn jew funzjoni biex jipproteġi kontra perikli speċifiċi għall-industriji ċivili, bħal dik tal-qtugħ ta’ faħam, qtugħ ta’ blat, agrikoltura, farmaċewtiċi, medika, veterinarja, ambjentali, maniġġjar ta’ l-iskart, jew għall-industrija ta’ l-ikel.

Nota: *X.A.IX.003 ma jikkontrollax oġġetti għall-protezzjoni kontra aġenti kimiċi jew bijoloġiċi li huma oġġetti għall-konsumatur, ippakkjati għall-bejgħ bl-imnut jew għall-użu personali, jew prodotti mediċi, bħal ingwanti tal-eżami tal-latex, ingwanti kirurġiċi tal-latex, sapun likwidu diżinfettant, lożor kirurġiċi li jintremew wara l-użu, ġagagi kirurġiċi, għata tas-saqajn kirurġiċi, u maskri kirurġiċi.*

▼M16

X.A.IX.004 Tagħmir speċifiku tal-ipproċessar, minbarra dak speċifikat fis-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821, kif ġej (ara l-Lista ta' Oġġetti Kontrollati):

a. Tagħmir għall-iskoperta, il-monitoraġġ u l-kejl tar-radjazzjoni, minbarra dawk speċifikati fis-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821; jew

b. Tagħmir ta' detezzjoni radjografika bħal konvertituri tar-raġġi-X, u pjanċi tal-immaġni tal-fosfru għall-ħżin.

X.B.IX.001 Tagħmir speċifiku tal-ipproċessar, minbarra dak speċifikat fis-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821, kif ġej (ara l-Lista ta' Oġġetti Kontrollati):

a. Ċelloli elettrolitiċi għall-produzzjoni tal-fluworin, minbarra dawk speċifikati fis-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821;

b. Aċċelleraturi tal-partikoli;

c. Hardware/sistemi ta' kontroll tal-proċess industrijali ddisinjati għall-industriji tal-enerġija, minbarra dawk speċifikati fis-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821; jew

e. Tagħmir għall-produzzjoni ta' kompożiti strutturali, fibri, preimpregnati u preformati.

▼M15

X.C.IX.001 Komposti definiti kimikament separati skont in-Nota 1 tal-Kapitoli 28 u 29 tan-Nomenklatura Magħquda:

a. F'konċentrazzjonijiet ta' 95 % tal-piż jew akbar, kif ġej:

1. Diklorur tal-etilene (CAS 107-06-2);

2. Nitrometan (CAS RN 75-52-5);

3. Aċidu pikriku (CAS 88-89-1);

4. Klorur tal-aluminju (CAS 7446-70-0);

5. Arseniku (CAS 7440-38-2);

6. Triossidu tad-diarseniku (CAS 1327-53-3);

7. Bis(2-kloretil)idroklorur tal-etelamina (CAS 3590-07-6);

8. Bis(2-kloretil)idroklorur tal-etelamina (CAS 55-86-7);

9. Tris(2-kloruetil)idroklorur tal-ammino (CAS 817-09-4);

10. Fosfat tat-tributil (CAS 102-85-2);

11. Isoċjanat tal-metan (CAS 624-83-9);

12. Kwinaldina (CAS 91-63-4);

▼**M15**

13. 2-bromokloroetan (CAS 107-04-0);

14. Benżil (CAS 134-81-6);

15. Dietiletere (CAS 60-29-7);

16. Dimetiletere (CAS 115-10-6);

17. Dimetilamminoetanol (CAS 108-01-0);

18. 2-metassjetanolu (CAS 109-86-4);

19. Psewdokolinesteraži (BCHE);

20. Dietilenetriammina (CAS 111-40-0);

21. Diklorometan (CAS 75-09-2);

22. Dimetilanalina (CAS 121-69-7);

23. Bromur tal-etil (CAS 74-96-4);

24. Klorur tal-etil (CAS 75-00-3);

25. Etilammina (CAS 75-04-7);

26. Eżammina (CAS 100-97-0);

27. Isopropanol (CAS 67- 63-0);

28. Bromur tal-isopropil (CAS 75-26-3);

29. Eteru tal-isopropil (CAS 108-20-3);

30. Metilammina (CAS 74-89-5);

31. Bromur tal-metil (CAS 74-83-9);

32. Monoisopropilammina (CAS 75-31-0);

33. Klorur tal-obidossima (CAS 114-90-9);

34. Potassju tal-bromur (CAS 7758-02-3);

35. Piridina (CAS 110-86-1);

36. Bromur tal-piridostigmina (CAS 101-26-8);

37. Bromur tas-sodju (CAS 7647-15-6);

38. Sodju metalliku (CAS 7440-23-5);

39. Tributilammina (CAS 102-82-9);

40. Trietilammina (CAS 121-44-8); jew

41. Trimetilammina (CAS 75-50-3);

▼**M15**

b. F'konċentrazzjonijiet ta' 90 % tal-piż jew akbar, kif ġej:

1. Aċeton (CAS 67-64-1);
2. Aċetilen (CAS 74-86-2);
3. Ammonijaka (CAS 7664-41-7);
4. Antimonju (CAS 7440-36-0);
5. benżaldeid (CAS 100-52-7);
6. Benżoin (CAS 119-53-9);
7. 1-Butanol (CAS 71-36-3);
8. 2-Butanol (CAS 78-92-2);
9. Isobutanol (CAS 78-83-1);
10. Tertbutanol (CAS 75-65-0);
11. Karbur tal-kalċju (CAS 75-20-7);
12. Monossidu tal-karbonju (CAS RN 630-08-0);
13. Kloru (CAS 7782-50-5);
14. Ċikloeżanol (CAS 108-93-0);
15. Diċikloessilammina (CAS 101-83-7);
16. Etanol (CAS 64-17-5);
17. Etilen (CAS 74-85-1);
18. Ossidu tal-etilen (CAS 75-21-8);
19. Fluworoapatite (CAS 1306–05–4);
20. Klorur tal-idroġenu (CAS 7647-01-0);
21. Sulfid tal-idroġenu (CAS 7783-06-4);
22. Aċidu mandeliku (CAS 90-64-2);
23. Metanol (CAS 67-56-1);
24. Klorur tal-metil (CAS 74-87-3);
25. Jodur tal-metil (CAS 74-88-4);
26. Merkaptan tal-metil (CAS 74-93-1);
27. Monoetilenglikol (CAS 107-21-1);
28. Klorur tal-ossalil (CAS 79-37-8);
29. Sulfur tal-potassju (CAS 1312-73-8);
30. Tijoċanat tal-potassju (CAS 333-20-0);

▼**M15**

31. Ipoklorit tas-sodju (CAS 7681-52-9);

32. Kubrit (CAS 7704-34-9);

33. Diossidu tal-kubrit (CAS 7446-09-5);

34. Triossidu tal-kubrit (7446-11-9);

35. Klorur tat-tiofosforil (CAS 3982-91-0);

36. Fosfat tat-Triisobutil (CAS 1606-96-8);

37. Fosforu abjad (CAS 12185-10-3);

38. Fosforu isfar (CAS 7723-14-0);

▼**M17**

39. Merkurju (CAS 7439-97-6);

40. Diidrat tal-klorur tal-barju (CAS 10361-37-2);

41. Aċidu sulfuriku (CAS 7664-93-9);

42. 3,3-dimetil-1-buten (CAS 558-37-2);

43. 2,2-dimetilpropanal (CAS 630-19-3);

44. 2,2-dimetilpropilklorur (CAS 753-89-9);

45. 2-metilbuten (CAS 26760-64-5);

46. 2-klorur-3-metilbuten (CAS 631-65-2);

47. 2,3-dimetil-2,3-butanedjol (CAS 76-09-5);

48. 2-metil-2-buten (CAS 513-35-9);

49. Litju tal-butil (CAS 109-72-8);

50. Bromu(methil)manjeżju (CAS 75-16-1);

51. Formaldeid (CAS 50-00-0);

52. Dietanolammina (CAS 111-42-2);

53. Dimetilkarbonat (CAS 616-38-6);

54. Idroklorur tal-metildietanolammina (CAS 54060-15–0);

55. Idroklorur tad-dietilammina (CAS 660-68-4);

56. Idroklorur tad-Diisopropilammina (CAS 819-79-4);

57. Idroklorur tat-3-kwinuklidinon (CAS 1193-65-3);

58. Idroklorur tat-3-kwinuklidinol (CAS 6238-13-7);

59. Idroklorur tar-(R)-3-kwinuklidinol (CAS 42437-96-7); jew

60. Idroklorur tal-N,N-dietilamminaetanol (CAS 14426-20-1).

▼**M15**

X.C.IX.002 Fentanil u d-derivattivi tiegħu Alfentanil, Sufentanil, Remifentanil, Carfentanil, u l-imlieħ tagħhom.

Nota:

X.C.IX.002 ma tikkontrollax prodotti identifikati bħala oġġetti għall-konsumatur ippakkjati għall-bejgħ bl-imnut għall-użu personali jew ippakkjati għall-użu individwali.

X.C.IX.003 Prekursuri kimiċi għal Sustanzi Kimiċi li jaġixxu fis-Sistema Nervuża, kif ġej:

a. 4-anilino-N-feniletilpiperidin (CAS 21409-26-7); jew

b. N-feniletil-4-piperidon (CAS 39742-60-4).

Noti:

1. *X.C.IX.003 ma tikkontrollax "taħlitiet kimiċi" li fihom wieħed jew aktar mis-sustanzi kimiċi speċifikati fl-entrati X.C.IX.003 fejn l-ebda sustanza kimika speċifikata individwalment ma tikkostitwixxi aktar minn 1 % tal-piż tat-taħlita.*

2. *X.C.IX.003 ma tikkontrollax prodotti identifikati bħala oġġetti għall-konsumatur ippakkjati għall-bejgħ bl-imnut għall-użu personali jew ippakkjati għall-użu individwali.*

▼**M16**

X.C.IX.004 Materjali fibrużi u filamentari, mhux ikkontrollati minn 1C010 jew 1C210, għall-użu fi strutturi "kompożiti" u b'modulu speċifiku ta' $3{,}18 \times 10^6$ m jew aktar u reżistenza għat-tensjoni speċifika ta' $7{,}62 \times 10^4$ m jew akbar.

X.C.IX.005 "Vaċċini", "immunotossini", "prodotti mediċi", "kits dijanjostiċi u għall-ittestjar tal-ikel", kif ġej (ara l-Lista ta' Oġġetti kkontrollati):

a. "Vaċċini" li fihom, jew iddisinjati għall-użu kontra, oġġetti kkontrollati minn 1C351, 1C353 jew 1C354;

b. "Immunotossini" li fihom oġġetti kkontrollati minn 1C351.d; jew

c. "Prodotti mediċi" li fihom xi wieħed minn dawn li ġejjin:

1. "Tossini" kkontrollati minn 1C351.d (ħlief għal tossini botulinum ikkontrollati minn 1C351.d.1, konotossini kkontrollati b' 1C351.d.3, jew oġġetti kkontrollati għal raġunijiet ta' CW taħt 1C351.d.4 jew.d.5); jew

2. Organiżmi ġenetikament modifikati jew elementi ġenetiċi kkontrollati minn 1C353.a.3 (ħlief għal dawk li fihom, jew kodiċi għal, tossini botulinum ikkontrollati minn 1C351.d.1 jew konotossini kkontrollati minn 1C351.d.3);

▼**M16**

d. “Prodotti mediċi” mhux ikkontrollati minn X.C.IX.005.c li fihom xi wieħed minn dawn li ġejjin:

1. Tossini tal-botulinum ikkontrollati minn 1C351.d.1;

2. Konotossini kkontrollati minn 1C351.d.3; jew

3. Organiżmi ġenetikament modifikati jew elementi ġenetiċi kkontrollati minn 1C353.a.3 li fihom, jew kodiċi għal, tossini botulinum ikkontrollati minn 1C351.d.1 jew konotossini kkontrollati minn 1C351.d.3; jew

e. “Kits dijanjostiċi u għall-ittestjar tal-ikel” li fihom oġġetti kkontrollati minn 1C351.d (*ħlief għal* oġġetti kkontrollati għal raġunijiet ta’ CW taħt 1C351.d.4 jew.d.5).

Noti Tekniċi:

1. “Prodotti mediċi” huma: (1) formulazzjonijiet farmaċewtiċi mfasslin għall-ittestjar u għall-amministrazzjoni mill-bniedem (jew veterinarja) fit-trattament ta’ kundizzjonijiet mediċi, (2) ippakkjati minn qabel għad-distribuzzjoni bħala prodotti kliniċi jew mediċi, u (3) approvati mill-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA) biex jiġu kkummerċjalizzati bħala prodotti kliniċi jew mediċi jew għall-użu bħala mediċina ġdida għar-riċerka.

2. “Kits għall-ittestjar dijanjostiku u tal-ikel” huma speċifikament żviluppati, ippakkjati u kkummerċjalizzati għal skopijiet dijanjostiċi jew ta’ saħħa pubblika. Tossini bijoloġiċi fi kwalunkwe konfigurazzjoni oħra, inkluż vjeġġi bl-ingrossa, jew għal kwalunkwe użu aħħari ieħor huma kkontrollati minn 1C351.

X.C.IX.006 Kariki u apparati kummerċjali li fihom materjali enerġetiċi, minbarra dawk speċifikati fis-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821, u t-trifluworur tan-nitroġenu fi stat gassuż (ara l-Lista ta’ Oġġetti Kontrollati):

a. Kariki ffurmati ddisinjati apposta għal operazzjonijiet ta’ bjar taż-żejt, li jużaw karika waħda li tiffunzjona tul assi wieħed, li mad-detonazzjoni jipproduċu toqba, u

1. Ikun fihom kwalunkwe formulazzjoni ta’ “materjali kkontrollati”;

2. Ikollhom biss inforra konika ta’ forma uniformi b’angolu inkluż ta’ 90 grad jew inqas;

3. Fihom aktar minn 0,010 kg iżda inqas minn jew ugwali għal 0,090 kg ta’ “materjali kontrollati”; kif ukoll

4. Għandhom dijametru mhux iktar minn 114,3 cm;

▼**M16**

b. Kariki ffurmati ddisinjati apposta għal operazzjonijiet tal-bjar taż-żejt li fihom inqas minn jew ugwali għal 0,010 kg ta' "materjali kkontrollati";

c. Korda tad-detonazzjoni jew tubi ta' xokk li fihom inqas minn jew ugwali għal 0,064 kg/m ta' "materjali kkontrollati";

d. Apparat li jaħdem bi skartoċċ, li fih inqas minn jew ugwali għal 0,70 kg ta' "materjali kkontrollati" fil-materjal għad-deflagrazzjoni;

e. Detonaturi (elettriċi jew mhux elettriċi) u assemblaġġi tagħhom, li fihom 0,01 kg jew inqas ta' "materjali kkontrollati";

f. Igniters, li fihom inqas minn jew ugwali għal 0,01 kg ta' "materjali kkontrollati";

g. Skratać tal-bjar taż-żejt, li fihom inqas minn jew ugwali għal 0,015 kg ta' "materjali enerġetiċi" kkontrollati;

h. Boosters fonduti jew ippressati kummerċjali li fihom inqas minn jew ugwali għal 1,0 kg ta' "materjali kkontrollati";

i. Taħlitiet u emulsjonijiet semilikwidi prefabbrikati kummerċjali li fihom inqas minn jew ugwali għal 10,0 kg u inqas minn jew ugwali għal 35 % skont il-piż ta' "materjali kkontrollati" ta' ML8;

j. Cutters u għodod li jaqtgħu li fihom inqas minn jew ugwali għal 3,5 kg ta' "materjali kkontrollati";

k. Apparati pirotekniċi meta ddisinjati esklussivament għal skopijiet kummerċjali (eż. stadji teatrali, effetti speċjali għal films ċinematografiċi, u skrins tal-logħob tan-nar) u li fihom inqas minn jew daqs 3,0 kg ta' "materjali kkontrollati";

l. Apparati u kargi splussivi kummerċjali oħra mhux ikkontrollati minn X.C.IX.006.a sa.k li fihom inqas minn jew ugwali għal 1,0 kg ta' "materjali kontrollati"; jew

Nota: X.C.IX.006.l jinkludi apparat tas-sikurezza tal-karozzi; sistemi tat-tifi tan-nar; skratać għal xkubetti li jirbattu; kariki splussivi għal skopijiet agrikoli, taż-żejt u tal-gass, oġġetti sportivi, minjieri kummerċjali, jew xogħlijiet pubbliċi; u tubi ta' dewmien użati fl-assemblaġġ ta' apparat splussiv kummerċjali.

m. Trifluworidu tan-nitroġenu (NF3) fi stat gassuż.

Noti:

1. "Materjali kkontrollati" tfisser materjali enerġetiċi kkontrollati (ara 1C011, 1C111, 1C239 jew ML8).

2. It-trifluworidu tan-nitroġenu meta mhux fi stat gassuż huwa kkontrollat taħt ML8.d mis-CML.

▼**M16**

X.C.IX.007 Taħlitiet mhux ikkontrollati minn 1C350 jew 1C450 li fihom sustanzi kimiċi kkontrollati minn 1C350 jew 1C450 u kits mediċi, analitiċi, dijanjostiċi u għall-ittestjar tal-ikel mhux ikkontrollati minn 1C350 jew 1C450 li fihom sustanzi kimiċi kkontrollati b'1C350, kif ġej (ara l-Lista ta' Oġġetti Kontrollati):

a. Taħlitiet li fihom il-konċentrazzjonijiet li ġejjin ta' sustanzi kimiċi prekursuri kkontrollati b'1C350:

1. Taħlitiet li fihom 10 % jew inqas, skont il-piż, ta' kwalunkwe sustanza kimika waħda tal-Iskeda 2 tas-CWC ikkontrollata minn 1C350;

2. Taħlitiet li fihom inqas minn 30 %, bil-piż, ta':

a. Kwalunkwe sustanza kimika waħda tal-Iskeda 3 tas-CWC ikkontrollata minn 1C350; jew

b. Kwalunkwe prekursur kimiku wieħed mhux CWC ikkontrollat minn 1C350;

b. Taħlitiet li fihom il-konċentrazzjonijiet li ġejjin ta' sustanzi tossiċi jew kimiċi prekursuri kkontrollati b'1C450:

1. Taħlitiet li fihom il-konċentrazzjonijiet li ġejjin ta' sustanzi kimiċi tal-Iskeda 2 tas-CWC kkontrollati b'1C450:

a. Taħlitiet li fihom 1 % jew inqas, skont il-piż, ta' kwalunkwe sustanza kimika waħda tal-Iskeda 2 tas-CWC ikkontrollata minn 1C450.a.1 u a.2 ((jiġifieri, taħlitiet li fihom Amiton jew PFIB); jew

b. Taħlitiet li fihom 10 % jew inqas, skont il-piż, ta' kwalunkwe sustanza kimika waħda tal-Iskeda 2 tas-CWC ikkontrollata minn 1C450.b.1, b.2, b.3, b.4, b.5, jew b.6;

2. Taħlitiet li fihom inqas minn 30%, skont il-piż, ta' kwalunkwe sustanza kimika waħda tal-Iskeda 3 tas-CWC ikkontrollata minn 1C450.a.4, a.5., a.6., a.7, jew 1C450.b.8;

c. "Kits mediċi, analitiċi, dijanjostiċi u għall-ittestjar tal-ikel" li fihom sustanzi kimiċi prekursuri kkontrollati b'1C350 f'ammont li ma jaqbiżx it-300 gramma għal kull sustanza kimika.

Nota Teknika:

Għall-finijiet ta' din l-entrata, "kits mediċi, analitiċi, dijanjostiċi u għall-ittestjar tal-ikel" huma materjali ppakkjati minn qabel ta' kompożizzjoni definita li huma speċifikament żviluppati, ippakkjati u kkummerċjalizzati għal skopijiet mediċi, analitiċi, dijanjostiċi jew ta' saħħa pubblika. Ir-reaġenti ta' sostituzzjoni għal kits mediċi, analitiċi, dijanjostiċi u tal-ittestjar tal-ikel deskritti f'X.C.IX.007.c huma kkontrollati b' 1C350 jekk ir-reaġenti jkun fihom mill-inqas waħda mis-sustanzi kimiċi prekursuri identifikati f'dik l-entrata f'konċentrazzjonijiet daqs jew akbar mil-livelli ta' kontroll għat-taħlitiet indikati f'1C350.

▼**M16**

X.C.IX.008 Sustanzi polimeriċi mhux fluworinati, mhux ikkontrollati minn 1C008, kif ġej (ara l-Lista ta' Oġġetti Kontrollati):

a. Ketoni etere poliarilin, kif ġej:

1. Keton etere polietere (PEEK);

2. Keton keton polietere (PEKK);

3. Keton polietere (PEK); jew

4. Keton keton eter keton polietere (PEKEKK);

b. Mhux użat.

X.C.IX.009 Materjali speċifiċi tal-ipproċessar, minbarra dawk speċifikati fis-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821, kif ġej (ara l-Lista ta' Oġġetti Kontrollati):

a. Bolberings ta' preċiżjoni tal-azzar imwebbes u tal-karbur tat-tungstenu (dijametru ta' 3 mm jew akbar);

b. pjanċa tal-istainless steel 304 u 316, minbarra dawk speċifikati fis-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821;

c. Pjanċa monel;

d. Fosfat tat-tributil (CAS 126-73-8);

e. Aċidu nitriku (CAS 7697–37–2) f'konċentrazzjonijiet ta' 20 % piż jew akbar;

f. Fluworin (CAS 7782-41-4); jew

g. Radjonuklidi li jarmu l-alfa, minbarra dawk speċifikati fis-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821.

X.C.IX.010 Poliamidi aromatiċi (aramidi) mhux ikkontrollati minn 1C010, 1C210 jew X.C.IX.004, ippreżentati f'xi waħda mill-forom li ġejjin (ara l-Lista ta' Oġġetti Kontrollati):

a. Forom primarji;

b. Ħjut jew monofilamenti ta' filament;

c. Stoppa tal-filamenti;

d. Ftietel;

e. Fibri ta' qisien ta' qosor predeterminat (staple) jew imqattgħin;

f. Tessuti;

g. Polpa jew qatgħat.

▼**M16**

X.C.IX.011 Nanomaterjali kif ġej (ara l-Lista ta' Oġġetti Kontrollati):

a. Nanomaterjali semikondutturi;

b. Nanomaterjali bbażati fuq il-komposti; jew

c. Kwalunkwe wieħed minn dawn in-nanomaterjali bbażati fuq il-karbonju:

1. Nanotubi tal-karbonju;

2. Nanofibri tal-karbonju;

3. Fullereni;

4. Grafeni; jew

5. Basal tal-karbonju.

Noti: *Għall-fini ta' X.C.IX.011, nanomaterjal ifisser materjal li jissodisfa mill-inqas wieħed mill-kriterji li ġejjin:*

1. Jikkonsisti f'partiċelli, b'dimensjoni esterna waħda jew aktar fil-medda tad-daqs 1–100 nm għal aktar minn 1 % tad-distribuzzjoni dimensjonali numerika tagħhom;

2. Għandu strutturi interni jew tal-wiċċ f'dimensjoni waħda jew aktar fil-firxa tad-daqs ta' 1–100 nm; jew

3. Għandu erja tal-wiċċ speċifika bil-volum akbar minn 60 m^2/cm^3, eskluži materjali li jikkonsistu f'partiċelli b'daqs inqas minn 1 nm.

X.D.IX.001 Software speċifiku, minbarra dak speċifikat fis-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821, kif ġej (ara l-Lista ta' Oġġetti Kontrollati):

a. Software ddisinjat apposta għal hardware/sistemi ta' kontroll tal-proċess industrijali kkontrollati minn X.B.IX.001, minbarra dawk speċifikati fis-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821; jew

b. Software ddisinjat apposta għal tagħmir għall-produzzjoni ta' komposti strutturali, fibri, preimpregnati u preformi kkontrollati minn X.B.IX.001, minbarra dawk speċifikati fis-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821.

X.E.IX.001 "Teknoloġija" għall-"iżvilupp", "produzzjoni", jew "użu" ta' materjali fibruži u filamentari kkontrollati minn X.C.IX.004 u X.C.IX.010.

X.E.IX.002 "Teknoloġija" għall-"iżvilupp", "produzzjoni" jew "użu" ta' nanomaterjali kkontrollati b'X.C.IX.011.

▼M15

Kategorija X – Ipproċessar tal-Materjali

▼M16

X.A.X.001 Splussivi jew tagħmir għall-individwazzjoni tad-detonaturi, ibbażati kemm fuq kwantitajiet kbar kif ukoll fuq traċċi, li jikkonsistu f'apparat awtomatizzat, jew taħlita ta' apparati għat-teħid awtomatizzat tad-deċiżjonijiet biex tiġi individwata l-preżenza ta' tipi differenti ta' splussivi, residwi splussivi, jew detonaturi; u komponenti, minbarra dawk speċifikati fis-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821:

a. Tagħmir għad-detezzjoni tal-isplussivi għal "teħid ta' deċiżjonijiet awtomatizzat" biex jiġu individwati u identifikati splussivi bl-ingrossa li jużaw, iżda mhux limitati għal, raġġi-X (pereż., tomografija komputata, enerġija doppja, jew tixrid koerenti), nukleari (pereż., analiżi tan-newtroni termali, analiżi tan-newtroni veloċi tal-impuls, spettroskopija tat-trażmissjoni tan-newtroni b'impulsi veloċi, u assorbiment tar-reżonanza gamma), jew tekniki elettromanjetiċi (pereż., reżonanza kwadropoli u dielettrometrija);

b. Mhux użat;

c. Tagħmir ta' detezzjoni tad-detonaturi għat-teħid ta' deċiżjonijiet awtomatizzat biex jiġu individwati u identifikati apparati ta' inizjazzjoni (eż. detonaturi, tappijiet tal-blasting) li jużaw, iżda mhux limitati għal, raġġi-X (eż. enerġija doppja jew tomografija komputata) jew tekniki elettromanjetiċi.

Nota: *Splussivi jew tagħmir għad-detezzjoni tad-detonazzjoni f'X.A.X.001 jinkludi tagħmir għall-iskrinjar ta' persuni, dokumenti, bagalji, oġġetti personali oħra, merkanzija u/jew posta.*

Noti Tekniċi:

1. *"Teħid ta' deċiżjonijiet awtomatizzat huwa l-kapaċità tat-tagħmir li jindividwa splussivi jew detonaturi fil-livell ta' sensittività tad-disinn jew magħżul mill-operatur u jipprovdi allarm awtomatizzat meta jinstabu splussivi jew detonaturi fil-livell ta' sensittività jew 'il fuq minnu.*

2. *Din l-entrata ma tikkontrollax tagħmir li jiddependi fuq l-interpretazzjoni tal-operatur ta' indikaturi bħal immappjar bil-kulur inorganiku/organiku tal-oġġetti li jkunu qed jiġu skennjati.*

3. *L-isplussivi u d-detonaturi jinkludu kargi u apparat kummerċjali kkontrollati minn X.C.VIII.004 u X.C.IX.006 u materjali enerġetiċi kkontrollati minn 1C011, 1C111 u 1C239.*

X.A.X.002 Tagħmir ta' detezzjoni ta' oġġetti moħbija li jopera fil-medda ta' frekwenzi minn 30 GHz sa 3 000 GHz u li għandu riżoluzzjoni spazjali ta' 0,1 mrad (milliradian) sa u inkluż 1 mrad (milliradian) f'distanza ta' standoff ta' 100 m; u komponenti, minbarra dawk speċifikati fis-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821.

Nota: *It-tagħmir ta' detezzjoni ta' oġġetti moħbija jinkludi iżda mhux limitat għal tagħmir għall-iskrinjar ta' nies, dokumenti, bagalji, effetti personali oħra, merkanzija u/jew posta.*

▼**M16**

Nota Teknika:

Il-firxa tal-frekwenzi hija mifruxa fuq dak li ġeneralment jitqies bħala r-reġjuni ta' frekwenza millimetru-mewġa, submillimetru-mewġa u terahertz.

X.A.X.003 Berings u sistemi ta' berings mhux ikkontrollati minn 2A001 (ara l-Lista ta' Oġġetti Kontrollati):

a. Bolberings jew bolberings solidi, li għandhom tolleranzi speċifikati mill-*manifattur* skont ABEC 7, ABEC 7P, jew ABEC 7T jew ISO Standard Klassi 4 jew aħjar (jew ekwivalenti) u li għandhom xi waħda mill-karatteristiċi li ġejjin;

1. Manifatturati għall-użu f'temperaturi operattivi 'l fuq minn 573 K (300°C) jew bl-użu ta' materjali speċjali jew bi trattament speċjali tas-sħana; jew

2. B'elementi lubrikanti jew modifiki tal-komponenti li, skont l-ispeċifikazzjonijiet tal-manifattur, huma ddisinjati apposta biex jippermettu li l-berings jaħdmu f'veloċitajiet li jaqbżu t-2,3 miljun "DN";

b. Berings tar-rombli solidi li jidjiequ, li għandhom tolleranzi speċifikati mill-manifattur skont il-Klassi 00 (pulzieri) tal-ANSI/AFBMA jew tal-Klassi A (metrika) jew aħjar (jew l-ekwivalenti) u li għandhom waħda mill-karatteristiċi li ġejjin;

1. B'elementi lubrikanti jew modifiki tal-komponenti li, skont l-ispeċifikazzjonijiet tal-manifattur, huma ddisinjati apposta biex jippermettu li l-berings jaħdmu f'veloċitajiet li jaqbżu t-2,3 miljun "DN"; jew

2. Manifatturati għall-użu f'temperaturi operattivi taħt 219 K (-54°C) jew ogħla minn 423 K (150°C);

c. Bering tal-fojl lubrikat bil-gass manifatturat għall-użu f'temperaturi operattivi ta' 561 K (288°C) jew ogħla u kapaċità ta' tagħbija ta' unità ta' aktar minn 1 MPa;

d. Sistemi ta' berings manjetiċi attivi;

e. Berings li jiżżerżqu tal-ġurnal miksijin bi drapp jew miksijin bi drapp li jallinjaw waħedhom manifatturati għall-użu f'temperaturi operattivi taħt 219 K (-54°C) jew ogħla minn 423 K (150°C);

Noti Tekniċi:

1. "DN" huwa l-prodott tad-dijametru tal-kanna tal-bering f'mm u l-veloċità rotazzjonali tal-bering f'rpm.

2. It-temperaturi tat-tħaddim jinkludu dawk it-temperaturi miksuba meta magna b'turbini tal-gass tkun waqfet wara t-tħaddim

▼**M16**

X.A.X.004 Pajpijiet, tagħmir u valvi magħmulin minn, jew miksija bl-azzar inossidabbli, liga tar-ram-nikil jew liga oħra tal-azzar li fiha 10 % jew aktar nikil u/jew kromju:

a. Tubi, pajp u tagħmir tal-pressjoni b'dijametru intern ta' 200 mm jew aktar, u tajbin biex jaħdmu fi pressjonijiet ta' 3,4 MPa jew akbar;

b. Valvijiet tal-pajpijiet li għandhom il-karatteristiċi kollha li ġejjin li mhumiex ikkontrollati minn 2B350.g:

1. Konnessjoni ta' daqs tal-pajp b'dijametru intern ta' 200 mm jew aktar; kif ukoll

2. Previsti għal 10,3 MPa jew aktar.

Noti:

1. Ara X.D.X.005 għal software għal oġġetti kkontrollati taħt din l-entrata.

2. Ara 2E001 ("żvilupp"), 2E002 ("produzzjoni"), u X.E.X.003 ("użu") għal teknoloġija għal oġġetti kkontrollati taħt din l-entrata.

3. Ara l-kontrolli relatati 2A226, 2B350 u X.B.X.010.

X.A.X.005 Pompi ddisinjati biex iċaqalqu metalli mdewba b'forzi elettromanjetiċi.

Noti:

1. Ara X.D.X.005 għal software għal oġġetti kkontrollati taħt din l-entrata.

2. Ara 2E001 ("żvilupp"), 2E002 ("produzzjoni"), u X.E.X.003 ("użu") għal teknoloġija għal oġġetti kkontrollati taħt din l-entrata.

3. Il-pompi għall-użu f'reatturi mkessħin bil-likwidu bil-metall huma kkontrollati b' 0A001.

X.A.X.006 "Ġeneraturi elettriċi portabbli" u komponenti ddisinjati apposta.

Nota Teknika:

"Ġeneraturi elettriċi portabbli" — Il-ġeneraturi li huma f'X.A.X.006 jistgħu jinġarru — 2 268 kg jew inqas fuq ir-roti jew jistgħu jinġarru fi trakk ta' 2,5 tunnellata mingħajr rekwiżit ta' twaqqif speċjali.

X.A.X.007 Tagħmir speċifiku tal-ipproċessar, minbarra dak speċifikat fis-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821, kif ġej (ara l-Lista ta' Oġġetti Kontrollati):

a. Valvijiet issiġillati b'imniefaħ;

b. Mhux użat.

▼**M15**

X.B.X.001 “Reatturi bi fluss kontinwu” u l- “komponenti modulari” tagħhom.

Noti Tekniċi:

1. *Għall-finijiet ta’ X.B.X.001, “reatturi bi fluss kontinwu” jikkonsistu f’sistemi “plug and play” fejn is-sustanzi reattivi jiddaħħlu kontinwament fir-reattur u l-prodott li jirriżulta jinġabar fl-iżbokk.*

2. *Għall-finijiet ta’ X.B.X.001, “komponenti modulari” huma moduli fluwidiċi, pompi tal-likwidi, valvi, moduli b’sodda ppakkjata, moduli tal-miksers, gejġis tal-pressjoni, separaturi likwidu-likwidu, eċċ.*

X.B.X.002 Assemblaturi u sintetizzaturi tal-aċidu nuklejku mhux ikkontrollati minn 2B352.i, li huma parzjalment jew kompletament awtomatizzati, u mfasslin sabiex jiġġeneraw aċidi nuklejċi akbar minn 50 bażijiet.

X.B.X.003 Sintetizzaturi tal-peptidi awtomatizzati li kapaċi jaħdmu f’kundizzjonijiet ta’ atmosfera kkontrollata.

▼**M16**

X.B.X.004 Unitajiet ta’ kontroll numeriku għal għodod bil-magna u għodod bil-magna “ikkontrollati numerikament”, minbarra dawk speċifikati fis-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821 (ara l-Lista ta’ Oġġetti Kontrollati):

a. Unitajiet ta’ “kontroll numeriku” għal għodda bil-magna:

1. Li għandhom erba’ assi interpolanti li jistgħu jiġu kkoordinati simultanjament għall-kontroll tal-kontorn; jew

2. Li għandhom żewġ assi jew aktar li jistgħu jkunu kkoordinati simultanjament għall-kontroll tal-kontorn u inkrement minimu programmabbli aħjar (inqas) minn 0,001 mm;

3. Unitajiet ta’ “Kontroll numeriku” għal għodod tal-magni li għandhom żewġ, tlieta jew erba’ assi interpolanti li jistgħu jiġu kkoordinati simultanjament għall-kontroll tal-kontorn, u kapaċi jirċievu direttament (online) u jipproċessaw *data* taddisinn assistit mill-kompjuter (CAD) għall-preparazzjoni interna ta’ struzzjonijiet tal-magni; jew

b. Bords ta’ kontroll tal-moviment iddisinjati apposta għal għodda bil-magna u li għandhom xi waħda mill-karatteristiċi li ġejjin:

1. Interpolazzjoni f’aktar minn erba’ assi;

2. Kapaċi jipproċessaw id-*data* f’ħin reali sabiex jimmodifikaw id-*data* dwar il-mogħdija tal-għodda, ir-rata tal-alimentazzjoni u l-fus, matul l-operazzjoni tal-immaxinjar, b’xi wieħed minn dawn li ġejjin:

a. Kalkolu awtomatiku u modifika tad-*data* tal-programm parzjali għall-immaxinjar f’żewġ assi jew aktar permezz ta’ ċikli tal-kejl u aċċess għad-*data* tas-sors; jew

▼**M16**

b. Kontroll adattiv b'aktar minn varjabbli fiżiku wieħed imkejjel u pproċessat permezz ta' mudell tal-kompjuter (strateġija) biex tinbidel struzzjoni waħda jew aktar ta' mmaxinjar biex jiġi ottimizzat il-proċess; jew

3. Kapaċi jirċievu u jipproċessaw *data* tas-CAD għat-tħejjija interna tal-istruzzjonijiet tal-magni;

c. Għodda bil-magna "ikkontrollati numerikament" li, skont l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-manifattur, jistgħu jkunu mgħammra b'apparat elettroniku għall-kontroll tal-kontorn simultanju f'żewġ assi jew aktar u li għandhom iż-żewġ karatteristiċi li ġejjin:

1. Żewġ assi jew aktar li jistgħu jkunu kkoordinati simultanjament għall-"kontroll tal-kontorn; kif ukoll

2. Il-preċiżjoni tal-pożizzjonament skont l-ISO 230/2 (2006), bil-kumpensi kollha disponibbli:

a. Aħjar minn 15 μm tul kwalunkwe assi lineari (pożizzjonament ġenerali) għal magni tat-tħin;

b. Aħjar minn 15 μm tul kwalunkwe assi lineari (pożizzjonament ġenerali) għal magni tal-maċinazzjoni; jew

c. Aħjar minn 15 μm tul kwalunkwe assi lineari (pożizzjonament ġenerali) għal magni tat-tidwir; jew

d. Għodod tal-magni, kif ġej, għat-tneħħija jew qtugħ ta' metalli, ċeramika jew komposti, li, skont l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-manifattur, jistgħu jkunu mgħammra b'apparat elettroniku għall-kontroll simultanju tal-kontorn f'żewġ assi jew aktar:

1. Għodod tal-magni għat-tidwir, it-tħin, il-maċinazzjoni jew kwalunkwe kombinazzjoni tagħhom, li għandhom żewġ assi jew aktar li jistgħu jkunu kkoordinati simultanjament għall-kontroll tal-kontorn u li għandhom xi waħda mill-karatteristiċi li ġejjin:

a. "Fus tal-inklinazzjoni" wieħed jew aktar tal-kontorn;

Nota: *X.B.X.004.d.1.a. japplika għal makkinarju għodda għat-tħin jew maċinazzjoni biss.*

b. "*Camming*" (spostament assjali) f'dawra waħda tal-fus inqas (aħjar) minn qari tal-indikatur totali (TIR) ta' 0,0006 mm;

Nota: *X.B.X.004.d.1.b. japplika għal makkinarju għodda għat-tidwir biss.*

c. "*Run out*" (*out-of-true running*) f'dawra waħda tal-fus inqas (aħjar) minn qari tal-indikatur totali (TIR) ta' 0,0006 mm; jew

▼M16

d. Il-“preċiżjoni tal-pożizzjonament”, bil-kumpensi kollha disponibbli, hija inqas (aħjar) minn: 0,001° fuq kwalunkwe assi rotatorju;

2. Magni ta’ skariku elettriku (EDM) tat-tip ta’ alimentazzjoni tal-wajer li għandhom ħames assi jew aktar li jistgħu jiġu kkoordinati simultanjament għall-kontroll tal-kontorn.

X.B.X.005 Għodod tal-magni mhux "ikkontrollati numerikament" għall-ġenerazzjoni ta’ uċuħ ta’ kwalità ottika, (ara l-Lista ta’ Oġġetti Kontrollati) u komponenti ddisinjati apposta għalihom:

a. Magni tat-tidwir li jużaw għodda tal-qtugħ b’punt wieħed u li għandhom il-karatteristiċi kollha li ġejjin:

1. Preċiżjoni tal-pożizzjonament tas-slide inqas (aħjar) minn 0,0005 mm għal kull 300 mm ta’ korsa;

2. Ripetibbiltà ta’ pożizzjonament ta’ slide bidirezzjonali inqas (aħjar) minn 0,00025 mm għal kull 300 mm ta’ korsa;

3. “*Spindle run out*” u “*camming*” inqas (aħjar) minn qari tal-indikatur totali (TIR) ta’ 0,0004 mm;

4. Devjazzjoni angolari tal-moviment tal-islide (imbardata, xengil u irrolljar) ta’ inqas (aħjar) minn 2 sekondi ta’ arkata, TIR fuqil-korsa sħiħa; kif ukoll

5. Perpendikolarità tas-slide inqas (aħjar) minn 0,001 mm għal kull 300 mm ta’ korsa;

Nota Teknika:

Ir-ripetibbiltà tal-pożizzjonament tal-islide bidirezzjonali (R) ta’ assi hija l-valur massimu tar-ripetibbiltà tal-pożizzjonament fi kwalunkwe pożizzjoni tul jew madwar l-assi ddeterminat bl-użu tal-proċedura u fil-kundizzjonijiet speċifikati fil-parti 2.11 tal-ISO 230/2: 1988.

b. Magni tat-tip fly cutting li għandhom il-karatteristiċi kollha li ġejjin:

1. “Spindle run out” u “camming” inqas (aħjar) minn 0,0004 mm TIR; kif ukoll

2. Devjazzjoni angolari tal-moviment tal-islide (imbardata, xengil u irrolljar) ta’ inqas (aħjar) minn 2 sekondi ta’ arkata, TIR fuq il-korsa sħiħa.

X.B.X.006 Gearmaking u/jew makkinarju tat-tlestija mhux ikkontrollat minn 2B003 li kapaċi jipproduċi gerijiet għal livell ta’ kwalità aħjar minn AGMA 11.

X.B.X.007 Sistemi jew tagħmir għall-ispezzjoni dimensjonali jew għall-kejl mhux ikkontrollati minn 2B006 jew 2B206, kif ġej (ara l-Lista ta’ Oġġetti Kontrollati):

a. Magni manwali ta’ spezzjoni dimensjonali, li għandhom il-karatteristiċi kollha li ġejjin:

▼**M16**

1. Żewġ assi jew aktar; kif ukoll

2. Inċertezza tal-kejl ugwali għal jew inqas (aħjar) minn (3 + L/300) µm fi kwalunkwe assi (L imkejjel tul f'mm).

X.B.X.008 "Robots" mhux ikkontrollati minn 2B007 jew 2B207 li huma kapaċi jużaw informazzjoni ta' feedback fl-ipproċessar f'ħin reali minn senser wieħed jew aktar biex jiġġeneraw jew jimmodifikaw programmi jew biex jiġġeneraw jew jimmodifikaw *data* numerika tal-programm.

X.B.X.009 Assemblaġġi, bordijiet ta' ċirkwiti jew inserzjonijiet iddisinjati apposta għal għodod bil-magna kkontrollati minn X.B.X.004, jew għal tagħmir ikkontrollat minn X.B.X.006, X.B.X.007 jew X.B.X.008:

a. Assemblaġġi tal-fusien, li jikkonsistu f'fusien u berings bħala assemblaġġ minimu, b'moviment tal-assi radjali ("*run-out*") jew assjali ("*camming*") f'dawra waħda tal-fus inqas (aħjar) minn qari tal-indikatur totali (TIR) ta' 0,0006 mm;

b. Inserzjonijiet ta' għodda tal-qtugħ tad-djamant b'punt wieħed, li għandhom il-karatteristiċi kollha li ġejjin:

1. Tarf tal-qtugħ bla difetti u bla ċippjaturi meta mkabbar 400 darba fi kwalunkwe direzzjoni;

2. Raġġ ta' qtugħ minn 0,1 sa 5 mm inklussivi; kif ukoll

3. Raġġ tat-tqattigħ barra mir-tond inqas (aħjar) minn 0,002 mm TIR.

